LEJN KNISJA
SINODALI

Knisja elfejn

sena XXXIV nru. 141

lulju – settembru 2022

# Lejn Knisja Sinodali

WERREJ

Fr Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

Fr Joseph Agius OP
**Ġesù u t-twaqqif tal-Knisja** 5

Rev. Dr Martin Micallef OFM Cap
**Is-Sinodalità fil-Knisja tal-bidu** 17

Rev. Dr Jonathan Farrugia
**Sinodi u Konċilji fi żmien Missirijiet il-Knisja tal-bidu (sekli 1-5)** 35

Mons. Prof. Hector Scerri
**Is-Sinodalità: Riflessjonijiet Teoloġiċi** 43

Em. Kardinal Mario Grech
**Knisja Sinodali hija Knisja tas-smigħ** 57

Rev. Dr Kevin Schembri
**Is-Sinodu tal-Isqfijiet minn Pawlu VI sa Franġisku** 73

Dr Dorianne Buttigieg
**Ħsibijiet dwar il-preżenza tan-nisa fi ħdan Knisja Sinodali** 91

Rev. Dr Carl-Mario Sultana
**Is-Sinodalità u l-Katekeżi** 103

E.T. Mons. Joseph Galea Curmi
**Is-Sinodalità fl-esperjenza tas-Sinodu Djoċesan ta' Malta (1999-2003)** 113

Papa Franġisku
**Tifkira tal-50 Anniversarju mit-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet** 125

Kontributuri 133

KNISJA 2000

Rivista ta' formazzjoni teoloġika
li tittratta temi ta' duttrina biblika,
dommatika, morali u xjenzi umani

Toħroġ kull tliet xhur

*Bl-approvazzjoni tal-Knisja*

---

Direzzjoni – Redazzjoni – Amministrazzjoni
Knisja 2000
Kunvent Patrijiet Dumnikani
Triq San Duminku
Valletta VLT 1603

---

Editur: P. Raymond Gatt O.P.
gattrayop@yahoo.com

---

Setting: Joe Cassar
Cover design: Mark Mercieca
Stampat: Printcare, San Ġwann. Tel. 21 497206
Copyright: Pubblikazzjonijiet Dumnikani

*Editorjal*

# Lejn Knisja Sinodali

Fr Raymond Gatt OP

***'Huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' mixi magħhom. U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu' (Lq 24:15,27)***

Il-ġrajja t'Għemmaws li nsibu fl-Evanġelju ta' San Luqa (24: 13-35), teħodna f'mument li hu l-fundament tal-fidi nisranija, jiġifieri l-misteru tal-qawmien mill-mewt ta' Ġesù u kif dan ġie esperjenzat mid-dixxipli tal-Knisja tal-bidu. San Luqa, bil-pinna deskrittiva tiegħu, jirrakkontalna dak li ġara eżatt il-Ħadd filgħaxija meta żewġ dixxipli kienu qed jirritornaw lejn ir-raħal ta' Għemmaws li kien xi seba' mili bogħod minn Ġerusalemm. Id-delużjoni, ir-rassenjazzjoni u n-nuqqas ta' tama kienet tidher sew fuqhom. Il-ġrajja li għaddew minnha kienet għaffġithom taħtha u l-ġejjieni deher inċert għall-aħħar (24:14). Imma l-laqgħa mal-barrani (li ma għarfuhx!) li beda miexi magħhom ħasdithom (24:15), u miegħu b'mod naturali daħlu f'konverżazzjoni li permezz tagħha reġgħu bdew isibu s-sens veru ta' ħajjithom (24:17-27).

Il-barrani stedinhom biex jaqraw u jiddixxernu r-realtà ta' dak li ġralhom fid-dawl tal-Iskrittura Mqaddsa. Iktar ma beda jgħaddi l-ħin u jersqu lejn ir-raħal, hu beda jġibhom f'sensihom u xaqq ta' tama deher fuq wiċċhom tant li lil dan il-barrani bdew jarawh barka mis-sema. Id-djalogu sinċier u veritier ta' Ġesù għen liż-żewġ dixxipli biex jixegħlu t-tama u jġeddu bil-kuraġġ il-mixja ta' ħajjithom. Dan laħaq il-milja tiegħu fl-ikla ta' filgħaxija (24:30) li offrewlu bħala ospitalità u li permezz tagħha, f'mument ta' grazzja fil-qsim tal-ħobż, għarfuh bħala l-Irxoxt, u dak li tahom il-ħajja mill-ġdid.

Dak li esperjenzaw dawn iż-żewġ dixxipli, b'ħeffa kbira, riedu jwassluh bil-ferħ lil ħuthom f'Ġerusalemm (Lq 24:33-35).

Din is-silta mill-Evanġelju ta' San Luqa tgħinna nirriflettu fuq il-Knisja u s-Sinodalità li hija t-tema ewlenija tas-Sinodu tal-Isqfijiet li qed isir bħalissa fil-Knisja (2021-23) u li għandu t-tema '*Lejn Knisja Sinodali: Komunjoni – Parteċipazzjoni – Missjoni*'. Knisja li qiegħda f'mixja tirrikjedi li l-membri kollha tagħha jimxu f'komunjoni. Bħad-dixxipli t'Għemmaws li flimkien ma' Ġesù f'nofshom, imxew it-triq minn Ġerusalemm għar-raħal tagħhom, hekk ukoll il-Knisja miexja fit-toroq tad-dinja biex bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu tagħraf taqra s-sinjali taż-żminijiet u tkun dawl li jiddi fid-dlam. Dan il-Knisja tagħmlu daqskemm se tisma' u tkun imdawla mill-Kelma t'Alla, kif ġralhom id-dixxipli t'Għemmaws. Dawn id-dixxipli daħlu fi djalogu ma' Ġesù; kien hemm konverżazzjoni: l-ewwel bejn id-dixxipli u mbagħad bejn id-dixxipli u Ġesù. Huma semgħu lil xulxin: Ġesù sema' b'attenzjoni u bil-paċenzja l-inkwiet tagħhom. Huwa ma baqax passiv imma bi mħabba kbira uriehom il-verità quddiem id-dramm traġiku li għaddew minnu f'Ġerusalemm. L-Iskrittura Mqaddsa saret il-boxxla li twassal għall-qawmien u s-salvazzjoni.

Fis-Sinodu tal-Isqfijiet li qed isir bħalissa, il-Knisja hija msejħa biex il-membri kollha tagħha jisimgħu lil xulxin fi spirtu ta' komunjoni. Ħadd m'għandu jibqa' barra imma kulħadd għandu jipparteċipa fi djalogu li jibni u jsaħħaħ il-Knisja. Iktar ma jkun hemm spazju għall-parteċipazzjoni u kontribut liberu mill-membri, aktar toħroġ fid-deher is-sinodalità. U dan irid ikun proċess kontinwu fil-Knisja biex il-missjoni tagħha ta' evanġelizzazzjoni fuq il-kmand ta' Ġesù Kristu tkompli titwettaq f'kull rokna tad-dinja għax *il-ferħ tal-Knisja hu li tevanġelizza*.

Id-dixxipli t'Għemmaws qasmu l-esperjenza tagħhom ma' Ġesù – anki fil-Knisja kulħadd huwa mistieden biex jaqsam l-esperjenza tal-fidi fil-komunità nisranija. San Pawl jitkellem fuq il-Knisja bħala l-ġisem mistiku ta' Kristu: l-Insara jridu jkunu lkoll ħaġa waħda bejniethom magħqudin flimkien, għax huma ko-responsabbli ta' xulxin, bħal membri ta' ġisem wieħed, li hu l-Knisja, il-ġisem ta' Kristu (I Kor 12:12-31; Rum 12:4-5). Dan jitlob dixxerniment attent u kontinwu biex il-Knisja tkompli tiġġedded permezz tal-Ispirtu qaddis t'Alla. Id-dixxipli t'Għemmaws

għarfu lil Ġesù rxoxt permezz tal-Ewkaristija. Dan hu l-ikel spiritwali li l-Mulej ħalla lill-Knisja tiegħu biex ikun hemm il-komunjoni bejn l-Insara. L-Ikla tal-Mulej tqawwi lill-Insara li jirċevuha biex jgħixu b'mod awtentiku u kredibbli l-magħmudija tagħhom. B'hekk huma jkunu jistgħu jingħataw b'mod liberu għax-xandir tal-Evanġelju u biex is-Saltna t'Alla tiġi fuq l-art.

Nixtieq nirringrazzja lill-Isqof Mons. Joseph Galea Curmi li għenni nsawwar din il-ħarġa tar-rivista *Knisja 2000* u lill-kontributuri kollha li kitbu l-artikli. Jalla dak li nkiteb ikompli jgħinna nagħrfu s-sbuħija li tinsab fil-Knisja u li kull nisrani jkun tassew dixxiplu ta' Ġesù Kristu fid-dinja tal-lum li tant għandha bżonn il-valuri tas-Saltna t'Alla.

## Riferenzi

*Il-Bibbja*, Għaqda Biblika Maltija, Malta, 2011; *Lejn Knisja sinodali: komunjoni, parteċipazzjoni, missjoni*, Dokument preparatorju tas-Sinodu tal-Isqfijiet (2021-23), 2021; *Sinodality in the life and ministry of the Church*, International Theological Commission, 2018; *Luca, il Vangelo del Padre misericordioso*, Papa Francesco, Edizioni San Paolo, Milano, 2019; *The Gospel According to Luke*, New Testment 3, Collegeville Bible Commentary, ST PAULS, Mumbai, 2001.

# Ġesù u t-twaqqif tal-Knisja

Fr Joseph Agius OP

## 1. It-terminoloġija

Kristu tkellem fuq il-Knisja tiegħu fil-wegħda li għamel lil Xmun bin Ġona f'Ċesarija ta' Filippu [Mt 16,18]. S. Mattew, li rrakkonta din il-ġrajja, kiteb il-Vanġelu tiegħu bil-Grieg u t-terminu li juża biex jalludi għall-Knisja hu *ekklesia* li jindika ġemgħa li nġabret flimkien wara li ġiet imsejħa.

Kristu tkellem bl-Aramajk u t-terminu li nqeda bih f'Ċesarija ta' Filippu biex jalludi għall-Knisja jidher li kien *qehala'*, li għandu l-istess tifsira ta' *ekklesia* bil-Grieg. Effettivament il-verżjoni Griega tat-Testment il-Qadim – it-traduzzjoni tas-Sebgħin, is-Septwaġinta [= LXX] – spiss tuża *ekklesia* biex taqleb it-terminu Ebrajk *qahal* [cf. Dt 23,2.3; 31,30; 1 Kron 13, 2.4; 28,8; Esd 10, 8.12.14; Mik 2,5; eċċ.][1] li jalludi għall-komunità tal-poplu t'Alla.[2] Filoloġikament l-Ebrajk *qahal* u l-Aramajk *qehala'* huma l-istess terminu u għandhom l-istess tifsira.

F'Mt 16,18 it-terminu *ekklesia* jalludi għall-komunità tal-poplu t'Alla taż-żminijiet messjaniċi, imma meta kien qed jinkiteb it-Testment il-Ġdid din il-komunità kienet iffurmata minn komunitajiet lokali. Għalhekk it-terminu *ekklesia* hu applikat mhux biss għall-komunità universali taħt l-awtorità t'Alla [Atti 20,28; 1 Kor 10,32; 12,28], imma anki għall-komunità lokali ta' Ġerusalemm [Atti 8,1; 11,22], tal-Lhudija [Atti 9,31; 1 Tess 2,14; Gal 1,22], u l-komunitajiet fost il-pagani [Atti 13,1; 14,23; 15,41; 16,5; Rum 16,1.4; 1 Kor 1,2; Ġak 5,14; 3 Ġw 9; Apok 1,4; 2,1]. Illum il-Knisja li jitkellem fuqha Kristu hi iffurmata mhux biss mill-komunitajiet lokali, imma anki minn Knejjes partikulari bħall-Knisja Kattolika u l-Knejjes ortodossi, u minn komunitajiet Insara, bħall-komunitajiet tar-Riforma u oħrajn, għalkemm dawn ma jissejjħux Knejjes.

**2. Il-fundament tal-Knisja**

It-Testment il-Ġdid jitkellem fuq il-fundament tal-Knisja taħt diversi aspetti. Qabel xejn jagħmilha ċara li l-Knisja mibnija fuq Kristu, u għalhekk lil Kristu isejjaħlu l-ġebla tax-xewka li fuqha hi mibnija l-Knisja [Mt 21,33-46; Atti 4,11; Ef 2,20; 1 Pt 2,4.7]. Kristu hu għalhekk ir-Ras tal-Knisja, u l-Knisja hi l-Ġisem tiegħu [Kol 1,18; Ef 1,23; 5,23]. Huma membri tal-Ġisem ta' Kristu l-Insara kollha, kemm dawk li jappartjenu għall-Knisja partikulari, kemm dawk li jappartjenu għall-komunitajiet oħra. Kristu hu r-Ras tal-Knisja taħt żewġ aspetti. Skont il-mentalità semitika Kristu hu r-Ras tal-Knisja fis-sens li hu l-awtorità suprema tal-Knisja. Bħalma l-mara toqgħod għar-raġel tagħha, hekk il-Knisja toqgħod għal Kristu [Ef 5,24]. Imma skont il-mentalità ellenistika Kristu hu r-Ras tal-Knisja fis-sens li hu l-prinċipju vitali tal-Knisja. Ebda raġel ma qatt bagħad 'il ġismu, iżda jmantnih u jieħu ħsiebu, hekk jagħmel Kristu mal-Knisja għax aħna lkoll membri tal-Ġisem tiegħu [Ef 5,29-30]. Billi kulħadd hu ta' Kristu għax kulħadd tgħammed f'isem Kristu, ħadd m'għandu jagħti post Kristu lil ħaddieħor għax dan iġib firdiet fil-komunità bħalma kien ġara Korintu [1 Kor 1,12-13].

Storikament il-Knejjes lokali li jiffurmaw il-Knisja taħt l-awtorità t'Alla bi Kristu bħala r-Ras tagħha waqqfuhom l-appostli. Għalhekk it-Testment il-Ġdid jassoċja 'l-appostli ma' Kristu fit-twaqqif tal-Knisja. "Skont il-grazzja li tani Alla bħala bennej għaqli, jien [= Pawlu] qegħedt il-pedament. Ħaddieħor jibni fuqu: imma jqis kull wieħed kif jibni fuqu. Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li ġa tqiegħed; u dan hu Ġesù Kristu. Jibni x'jibni dak li jkun fuq dan il-pedament... ix-xogħol ta' kulħadd għad jidher" [1 Kor 3,10-13]. "... intom ċittadini flimkien mal-qaddisin u n-nies tad-dar ta' Alla, mibnija lkoll fuq is-sisien tal-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka. Fih il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej" [Ef. 2,19-21].

Minħabba ir-rwol tal-appostli fil-bini tal-komunitajiet li jiffurmaw il-Knisja ta' Kristu siltiet oħra tat-Testment il-Ġdid jitkellmu fuq l-appostli bħala l-pedament li fuqha hi mibnija l-Knisja. "Il-ħajt tal-Belt għandu tnax-il pedament, li fuqhom hemm it-tnax-il isem tat-tnax-il appostlu tal-Ħaruf" [Apk 2,14]. Fost it-tnax Xmun bin Ġona kellu pożizzjoni speċjali.[3] Lil Xmun Kristu sejjaħlu *Kefa*, terminu Aramajk li jfisser *blata*

[Mt 16,18].[4] Kristu ma kellux f'moħħu jbiddel isem Xmun bin Ġona [cf. Ġw 21,15-17], imma bil-mod il-mod *Kefa* sar daqskieku kien isem Xmun. L-awturi tat-Testment il-Ġdid kultant użaw *Kefa* biex jirreferu għal Xmun [Ġw 1,42; 1 Kor 1,12; 3,22; 9,5; 15,5; Gal 1,18; 2,9.11.14], imma ġeneralment jittraduċu *Kefa* bil-Grieg u jsejħulu *Petros* li għandu l-istess tifsira. It-tradizzjoni nisranija ikkunsidrat *Petros* daqskieku kien isem Xmun, ma ttraduċietux, imma addatatu għad-diversi lingwi tagħha. Bil-Malti insejħulu Pietru.

Xmun hu blata li fuqha Kristu ried jibni li-Knisja fis-sens li Xmun kien se jkollu l-awtorità li tagħti stabilità lill-Knisja. Il-figura tal-imfietaħ hi figura ta' awtorità. Kellu wkoll l-awtorità li jħoll [li jiddikjara dak li hu permess] u jorbot [li jiddikjara dak li mhux permess]. L-awtorità li jħoll u jorbot kellu jaqsamha mat-Tnax: "Kulma torbtu fuq l-art ikun marbut fis-sema, u kulma tħollu fl-art ikun maħlul fis-sema" [Mt 8,18].

**3. Meta twaqqfet il-Knisja?**

Matul il-missjoni pubblika tiegħu Ġesù ta 'l wieħed x'jifhem li kellu f'moħħu jwaqqaf Knisja. Dan hu evidenti mhux biss minn dak li qal lil Xmun f'Ċesarja ta' Filippu [Mt 16,13-20], imma anki mill-fatt li biex jikkollaboraw miegħu għażel tnax-il appostlu. Bħalma Iżrael, il-Knisja tat-Testment il-Qadim, kien iffurmat minn tnax-il tribu imnisslin minn tnax-il patrrijarka, il-Knisja ta' Kristu kellha tkun mibnija fuq tnax-il appostlu. Imma meta eżattament ġiet imwaqqfa l-Knisja?

Jidher li skont it-Testment il-Ġdid Ġesù waqqaf il-Knisja fil-ġrajja tal-mewt u l-qawmien tiegħu. Fl-aħħar ċena Kristu waqqaf l-ewkaristija bħala tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu, u ppreżenta l-mewt tiegħu fuq is-salib bħala s-sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid li kienu wegħdu l-profeti [cf. Ġer 31,31-34]. "Dan hu ġismi li jingħata għalikom... Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi" [1 Kor 11,23-25; cf. Mt 26,26-28; Mk 14,23-24; Lq 22,19-20]. Bħalma Iżrael tat-Testment il-Qadim sar Knisja [*qahal/ ekklesia*] fil-patt issiġillat b'sagrifċċji ta' għoġiela [cf. Eż 24,1-8] hekk ukoll Kristu issiġilla b'demmu il-patt il-ġdid li bih ġiet imwaqqfa l-Knisja.

Ir-rakkont tal-mewt ta' Ġesù fuq is-salib fil-Vanġelu skont S. Ġwann [Ġw 19,23-37] hu aktar evidenti. Hawnhekk ukoll il-mewt ta' Ġesù hi ppreżentata bħala sagrifiċċju, imma mhux sagrifiċċju li bih kien ġie

ssiġillat il-patt li bih il-komunità saret *qahal/ekklesia*.[5] Madankollu, ir-rakkont jidher li jalludi għall-formazzjoni tal-Knisja. Fil-Vanġelu skont S. Ġwann il-Knisja hi rappreżentata minn omm Ġesù. Fir-rakkont tiegħu l-evanġelista isemmieha darbtejn, l-ewwel fir-rakkont tat-Tieġ ta' Kana [Ġw 2,1-11] u mbagħad fir-rakkont tal-mewt ta' Ġesù fuq is-salib [Ġw 19,25-37]. Kemm f'Kana u kemm minn fuq is-salib Ġesù jsejjaħ lil ommu "mara" u dan għax jikkunsidraha bħala rappreżentanta tal-Knisja bħall-mara f'Apk 12. F'Kana omm Ġesù tagħtu x'jifhem li għandu jidħol għall-għarajjes u jtiehom l-inbid li kien spiċċalhom, imma Ġesù jara l-Knisja f'ommu u jinterpreta kliemha fis-sens ta' talba li jagħti l-inbid messjaniku. L-inbid messjaniku jirrappreżenta l-beni taż-żminijiet messjaniċi, speċjalment id-don tal-ħajja. Ġesù jgħidilha, "X'hemm bejni u bejnek, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." B'dan Ġesù ma caħadx it-talba ta' ommu li jagħti l-inbid li kien spiċċa, imma ċaħad it-talba tal-Knisja li jagħti l-inbid messjaniku.[6] Jiġġustifika ċ-ċaħda tal-Knisja u jgħidilha li bejnu u bejnha kien għad m'hemm l-ebda rapport għax is-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx. Is-siegħa ta' Ġesù fil-Vanġelu ta' S. Ġwann mhijiex is-siegħa li jagħmel il-mirakli, tant li anki wara li kien għamel il-mirakli l-evanġelista jgħid li s-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx [Ġw 7, 30; 8,20], imma hi s-siegħa tal-glorifikazzjoni tiegħu, u din hi s-siegħa tal-mewt tiegħu fuq is-salib [Ġw 12, 23.27; 13,1; 17,1]. Billi l-Knisja ma kellu jkollha ebda rapport ma' Ġesù qabel is-siegħa tal-glorifikazzjoni tiegħu l-evanġelista ma jagħmel ebda riferiment fil-Vanġelu tiegħu għal omm Ġesù simbolu tal-Knisja [= il-mara] sa ma jiġi biex jirrakkonta il-ġrajja tas-siegħa tiegħu. Imma fil-mument tas-siegħa ta' Ġesù jinsisti fuq il-preżenza tagħha f'riġlejn is-salib, anzi hu l-uniku evanġelista li jsemmi l-preżenza tagħha f'riġlejn is-salib. Billi is-siegħa tiegħu issa kienet waslet, Ġesù jgħid lil mara simbolu tal-Knisja li issa għandha missjoni x'taqdi. Il-Knisja għandha tkun omm id-dixxiplu maħbub ta' Ġesù, jiġifieri għandha tkun l-omm tad-dixxiplu ideali ta' Ġesù, u d-dixxiplu ideali għandu jieħu l-Knisja b'ommu.

Barra minn dan skont l-evanġelista il-komunità nisranija rappreżentata mill-*mara* u d-*dixxiplu maħbub* kienu xhieda ta' dak li ġara fis-siegħa tal-glorifikazzjoni ta' Ġesù. Mad-daqqa ta' lanza mill-kustat ta' Kristu

ħareġ demm u ilma [Ġw 19,31-36]. Skont l-evanġelista, id-don messjaniku tal-ħajja li kien wiegħed Kristu fil-missjoni tiegħu issa sar realtà [cf. Ġw 7,37-39]. It-tradizzjoni patristrika tara hawnhekk simbolu tal-magħmudija [= l-ilma] u l-ewkaristija [= id-demm], iż-żewġ sagramenti li jwaqqfu l-Knisja. Hekk kif Eva, l-ewwel mara, ġiet iffurmata mill-kustat ta' Adam, il-Knisja, il-*mara* l-ġdida, ġiet iffurmata mill-kustat ta' Kristu, Adam il-ġdid.

Anki S. Pawl jitkellem fl-Ittri tiegħu fuq dak li għamel Kristu għall-Knisja fil-mewt tiegħu. Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha, u għamel dan biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil tal-ilma u l-kelma, biex iressaqha quddiemu sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb, u b'xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd [Ef 5,26-27]. Fuq il-Knisja ġisem ta' Kristu jgħid mill-Lhud u l-pagani għamel poplu wieħed bis-sagrifiċċju ta' ġismu... Mit-tnejn, ried b'hekk *joħloq* bih innifsu bniedem wieħed, il-bniedem il-ġdid, billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom u jħabbibhom it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed – il-Knisja ġisem ta' Kristu – permezz tas-salib li bih qered il-mibegħda ta' bejniethom... Għalhekk m'hemmx aktar barranin u frustieri, imma lkoll ċittadini flimkien mal-qaddisin u n-nies tad-dar ta' Alla, mibnija lkoll fuq is-sisien tal-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka [Ef 2,14-20].

Il-proġett tal-Knisja li tiġbor fiha nies ta' kull razza u ġens kien sar realtà fil-mewt u qawmien ta' Kristu, imma din ir-realtà kienet possibbli bil-ħidma tal-appostli wara Pentekoste. Għalkemm l-appostli u S. Pawl mill-bidu nett kienu konvinti li l-Knisja kellha tkun universali u tiġbor fiha nies ta' kull razza u ġens, ma għandniex nimmaġinaw li huma fehmu li din il-Knisja kellu jkollha awtorità ċentrali kif nafuha llum. Veru li Pietru kellu awtorità kullimkien minħabba l-mandat li kien tah Kristu. Madankollu l-Knisja universali li tiġbor fiha nies ta' kull razza u ġens kienu jarawha bħala għaqda tal-knejjes lokali. It-terminu *ekklesia* it-Testment il-Ġdid oriġinarjament japplikah għall-Knejjes lokali, u kull waħda minnhom kellha ċerta awtonomija u kellha l-awtorità u l-istruttura tagħha.

Meta twaqqfu l-Knejjes lokali dawk li waqqfuhom strutturawhom fuq il-mudell tal-istruttura li kellhom il-komunitajiet tas-Sinagoga.

F'ras il-komunità kien hemm mexxej li kellu responsabilità tal-Knisja lokali; it-test bibliku jsejjaħlu *episkopos* [Atti 20,28; 1 Tim 3,2.5; Tit 1,7]. Jgħinuh kien hemm grupp li t-test isejħilhom *presbiteroi* [Atti 11,30; 20,17; 21,18; 1 Tim 5,17; Tit 1,5]. Fil-komunità kien hemm ukoll grupp li t-test isejħilhom *diakonoi* [Attui 6,1-6; Tit 1,1; Fil 1,1]. F'xi każijiet in-nies li kellhom dawn l-uffiċċji kienu maħturin mill-appostli u kienu anki jxandru l-kelma t'Alla. Illum jissejjħu *Knejjes* dawk il-komunitajiet li jmexxuhom kellhom suċċessjoni ininterrotta ta' *episkopoi* li direttament jew indirettament tmur lura għall-appostli. L-*episkopos* illum insejħulu *isqof*, il-*presbiteroi* insejħulhom *presbiteri*, u d-*diakonoi* insejħulhom *djakni*. M'għandniex naħsbu li fil-bidu l-uffiċċju tal-isqof, tal-presbiteri, u tad-djakni kienu bħall-uffiċċju tal-isqof, tal-presbiteri u tad-djakni kif nafuhom illum. L-idea li l-isqof u l-presbiteri kienu saċerdoti żviluppat ftit wara ż-żminijiet apostoliċi fl-istorja tal-Knisja.

**4. Il-Knisja, komunità tal-Poplu t'Alla taż-Żminijiet messjaniċi**

Kristu kellu f'moħħu jwaqqaf Knisja, biss ma kienx l-iskop tiegħu li l-Knisja tiegħu tkun istituzzjoni kompletament maqtugħa mill-komunità Lhudija jew li tieħu post il-komunità Lhudija, il-komunità tal-Poplu t'Alla. L-iskop tiegħu kien li l-komunità tal-Poplu t'Alla tidħol f'rapport ġdid ma' Alla bil-patt il-ġdid issiġillat bil-mewt tiegħu fuq is-salib. Kull patt li Alla għamel mal-poplu Lhudi stabilixxa t-tip ta' rapport li l-komunità kien se jkollha ma' Alla. Il-mewt ta' Ġesù fuq is-salib kien is-sagrifiċċju li bih kien issiġillat patt ġdid, patt etern, patt darba għal dejjem, li bih il-Poplu t'Alla iffurmat minn Lhud u pagani kien se jkollu rapport ġdid ma' Alla.

Ir-rapport il-ġdid kien jikkonsisti f'ritorn għar-rapport ma' Alla li l-bniedem kellu fil-ħolqien. Dak ir-rapport tħassar bid-dnub tal-bniedem, mhux biss l-ewwel dnub, imma anki bid-dnub li l-bniedem ikkommetta matul l-istorja tiegħu. Fil-missjoni tiegħu Kristu identifika ruħu mal-Qaddej t'Alla li jitkellem fuqu Isaija [Is 42,1; 49,3; 53,4-5], tgħabba bid-dnub tal-bniedem u għamel tajjeb għad-dnub tal-bniedem b'sagrifiċċju ta' espjazzjoni bil-mewt tiegħu fuq is-salib.[7] Min jilqa' dan il-Vanġelu f'ħajtu jidħol f'rapport ġdid ma' Alla bħal dak li l-bniedem kellu fil-ħolqien. Dawk li jilqgħu dan il-Vanġelu jiffurmaw il-Knisja u

jiċċelebraw fil-liturġija tal-Knisja ir-rapport ġdid tagħhom ma' Alla li Kristu kiseb għalihom bil-mewt tiegħu fuq is-salib.

L-idea li bil-mewt tiegħu fuq is-salib Kristu kiseb għall-bniedem il-possibilità li jerġa' lura għar-rapport li kellu fil-ħolqien hi espressa b'diversi modi fit-Testment il-Ġdid. Fil-Vanġeli Sinottiċi il-missjoni ta' Ġesù kienet tikkonsisti filli jistabbilixxi s-saltna ta' Alla. Bid-dnub tiegħu l-bniedem ried isir bħal Alla, u biex isir bħal Alla ma qagħadx għar-rieda ta' Alla u kiser il-kmand t'Alla. Mhux talli ma sarx bħal Alla, talli waqa' taħt il-ħakma tax-xitan, u espressjoni konkreta tal-ħakma tax-xitan kienu dawk il-każijiet t'individwi maħkumin fiżikament mix-xitan. Fil-bidu tal-missjoni tiegħu l-għeġubijiet li għamel Ġesù kienu ta' eżorċismu. Keċċa x-xjaten biex juri li x-xitan me kellux aktar setgħa fuq il-bniedem għax is-saltna t'Alla kienet waslet biex tiġi inawgurata. "Jekk jien qiegħed inkeċċi x-xjaten bl-Ispirtu ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-saltna ta' Alla" [Mt 12,28]. It-tema prinċipali tal-predikazzjoni tiegħu, speċjalment fil-parabboli, kienet is-saltna ta' Alla. L-inawgurazzjoni tas-saltna t'Alla kienet tfisser li tħalli 'l Alla isaltan fuqek. Fil-Missierna "tiġi saltnatek" u "ikun li trid int" għandhom l-istess tifsira. Biex juri li dan jimplika li l-bniedem joqgħod għar-rieda t'Alla għamel appell għall-indiema [Mt 4,17].

L-idea tar-ritorn tal-bniedem għall-istat li kellu fil-ħolqien hi ferm aktar evidenti fil-Vanġelu skont S. Ġwann. Fil-ħolqien il-bniedem kellu għażla bejn il-ħajja u l-mewt. Alla qegħdu fil-ġnien fejn kien hemm is-siġra tal-ħajja u s-siġra tal-għarfien tat-tajjeb u l-ħażin [Ġen 2,9]. Il-bniedem seta' jiekol kemm ried mis-siġra tal-ħajja, imma ma setax taħt piena tal-mewt jiekol mis-siġra tal-għarfien tat-tajjeb u l-ħażin [Ġen 2,16-17; cf. Ġen 3,2-3]. Tiekol mis-siġra tal-għarfien tat-tajjeb u l-ħażin ifisser li jkollok id-dritt li jkollok l-esperjenza ta' kollox, kemm it-tajjeb u kemm il-ħażin. Imma dan hu dritt ta' Alla biss. Effettivament il-bniedem kiser il-kmand t'Alla biex isir bħal Alla [Ġen 3,4.22]. Il-bniedem kiel mis-siġra tal-mewt, u tilef l-aċċess għas-siġra tal-ħajja [Ġen 3,22].

Fil-Vanġelu tiegħu S. Ġwann jirrakkonta l-missjoni ta' Kristu fuq l-isfond tar-rakkont fil-ktieb tal-Ġenesi.[8] L-iskop tal-missjoni ta' Ġesù hu li jirrestitwixxi lill-bniedem id-don tal-ħajja: "Jiena ġejt biex ikollhom il-ħajja, u l-ħajja bil-kotra" [Ġw 10,10]. Il-ħajja kienet it-tema prinċipali tal-predikazzjoni ta' Ġesù [cf. Ġw 3,16.36; 5, 24.40; 6, 33.35.48.51;

14, 6; 20,31; 1 Ġw 4,9; cf. Apok 7,17]. Il-mirakli li għamel Ġesù kienu kollha sinjali – azzjonijiet simboliċi – tad-don tal-ħajja.[9] Id-don tal-ħajja sar realtà fil-mewt ta' Kristu fuq is-salib. L-ilma u d-demm li ħarġu mill-kustat ta' Ġesù bid-daqqa tal-lanza kienu simboli tal-ħajja. L-awtur ta' din il-ħajja hu Alla nnifsu [cf. Ġw 1,12-13; 3, 3-8], il-ħajja hi parteċipazzjoni mill-ħajja ta' Alla – il-ħajja tal-Etern – u għalhekk l-evanġelista jsejħilha ħajja eterna [Ġw 3,15.16.36; 4,14.36; 5,24.39; 6,27.40.47.54.68; 10,28; 12,50; 17,2.3] jew li ma tintemm qatt [Ġw 3,36; 6,50.58 11,26], u dawk li jirċevuha jissejħu wlied Alla [Ġw 1,12; 1 Ġw 3,1-2]. Bid-don tal-ħajja Ġesù jagħti lill-bniedem il-possibilità li jaqta' xewqtu u jsir bħal Alla.

S. Pawl jitkellem fuq il-missjoni ta' Kristu bħala missjoni li biha Kristu kiseb il-ġustifikazzjoni għall-bniedem. Il-kunċett ta' ġustifikazzjoni hu kunċett ġuridiku. Meta individwu jitressaq quddiem mħallef, l-imħallef jiddikjarah ġustifikat, jiġifieri mhux ħati, jew inkella mhux ġustifikat, jiġifieri ħati. Kristu tgħabba bid-dnub tal-bniedem u bil-mewt tiegħu fuq is-salib għamel tajjeb għad-dnub tal-bniedem. U hekk kiseb il-ġustifikazzjoni għall-bniedem. Alla ta' mħallef ġust iddikjara l-bniedem ġustifikat, mhux ħati, mhux għax il-bniedem qatt ma dineb, imma għax id-dnub tal-bniedem tħassar għal kollox u l-bniedem hekk reġa' kiseb il-kundizzjoni li kellu qabel dineb, jiġifieri l-kundizzjoni li kellu fil-ħolqien. Kif il-bniedem dineb f'Adam u bħal Adam, fi Kristu ħeles mid-dnub. Għalhekk S. Pawl isejjaħ 'il Kristu Adam [Rum 5,15-19; 1 Kor 15,21 eċċ.25] ta' ħolqien ġdid [2 Kor 5,17; Ga 6,15; cf. Ef 2,15 eċċ.]. Kif fil-waqgħa ta' Adam daqskieku waqa' l-ħolqien kollu, fil-ġustifikazzjoni il-ħolqien kollu daqskieku kien maħluq mill-ġdid [cf. Kol 1,19 eċċ.].

**5. Il-Knisja u Iżrael**

Minn dak li nafu mit-Testment il-Ġdid ma jidhirx li Kristu kellu f'moħħu li jwaqqaf *qahal* [Knisja] differenti u separata mill-*qaħal* [Knisja] Lhudija ta' żmienu. Il-ħsieb tiegħu kien li juri lill-*qaħal* Lhudija ta' żmienu li hu kien se jinawgura patt ġdid ma' Alla li permezz tiegħu il-*qaħal* tal-Poplu t'Alla kienet se tidħol f'rapport ġdid ma' Alla. Fil-missjoni tiegħu ta l-possibilità lill-komunità Lhudija ta' żmienu li jkunu membri ta' din il-*qaħal* u ried ukoll anki l-pagani jkunu membri. Matul

il-missjoni ta' Kristu u mbagħad wara Pentekoste kien hemm diversi Lhud li dehrilhom li kellhom jagħmlu dan il-pass kemm fil-Palestina kemm f'inħawi oħra. L-ewwel Insara kienu Lhud u minkejja li kienu tal-*qaħal* ta' Kristu baqgħu jikkunsidraw irwieħhom membri tal-*qaħal* Lhudija ta' żmienhom. Baqgħu jieħdu sehem fil-liturġija tat-Tempju [cf. Atti 2,46; 3,1; 5,12; 21,27] u fil-liturġija tas-sinagoga [Atti 13,5.14; 17,1-4.10; 18,4.4.7.19; 18,19; 19,8], anzi inqdew b'din il-parteċipazzjoni biex ixandru 'l Kristu. Baqgħu iħossu li kienu membri tal-*qaħal* tal-komunità Lhudija għax fil-missjoni ta' Kristu kienu seħħew il-wegħdiet li Alla kien għamel lill-*qaħal* Lhudija.

Imma ċ-ċirkustanzi tal-ewwel żminijiet tal-Knisja wasslu għal separazzjoni storika, mhux teoloġika, tal-*qaħal* nisranija mill-*qaħal* Lhudija, tal-Knisja mis-Sinagoga. Qabel xejn kien hemm l-oppożizzjoni tal-Lhud għall-komunità nisranija l-ewwel fil-Palestina [Atti 4,1-31; 5, 17-42; 6, 8-71-15.55-60; 8,19; 9, 23-25; 12, 1-19; 21,27-36; 23,12-15] u mbagħad anki barra [Atti 13,50-53; 14, 2-7.15-19-20; 17, 1-9.13; 18, 12-17]. Ma nafux x'wassal għall-martirju ta' Pietru, imma l-oppożizzjoni tal-Lhud ċert li kien fattur importanti fil-kundanna ta' Pawlu għall-mewt. Id-differenzi bejn il-Lhud u l-Insara kienu tant serji li lejn tmiem l-ewwel seklu il-Lhud iddeċidew li jiskomunikaw mis-Sinagoga kull Lhudi li jsir nisrani. Hemm eku ta' din id-deċiżjoni fil-Vanġelu skont S. Ġwann [Ġw 9,22; 12,42; cf. Ġw 7,13].

Fattur ieħor li ġieb firda bejn il-Knisja u s-Singoga kien il-konverżjoni tal-pagani għall-Kristjaneżmu. Kien hemm fil-komunità nisranija min ried li dawn joqogħdu għaċ-cirkonċiżjoni – fil-prattika għal-Liġi ta' Mosè – imma f'laqgħa tal-mexxejja tal-Knisja f'Ġerusalemm ġie deċiż li l-Liġi ta' Mosè ma torbotx lill-pagani li kkonvertew għall-Kristjaneżmu, biss kellhom joqogħdu għal ċerti normi ta' natura ritwali li l-iskop tagħhom kien li jiffaċilitaw komunjoni bejn l-Insara ta' nisel lhudi li baqgħu josservaw il-Liġi ta' Mosè u l-Insara ta' nisel pagan li ma kinux obbligati joqogħdu għal-Liġi [Atti 15,1-29]. Id-deċiżjoni li l-Insara ta' nisel pagan ma joqogħdux għal-Liġi ta' Mosè kienet tfisser li l-biċċa l-kbira tal-Insara fi żmien l-appostli ma setgħux aktar jieħdu sehem fil-liturġija tat-Tempju bħall-bqija tal-Lhud jew jitħalltu mal-Lhud bħalma kienu jagħmlu għall-ewwel l-appostli [cf. Atti 21,27-29].

Minkejja din il-firda storika bejn is-Sinagoga u l-Knisja, teoloġikament il-komunità nisranija u l-komunità Lhudija tat-Testment il-Qadim hi komunità waħda – *qaħal* waħda – Poplu t'Alla wieħed. Fl-Ittra lill-Galatin S. Pawl jgħid li Abraham hu missier l-Insara kollha, kemm dawk ta' nisel Lhudi kemm dawk ta' nisel pagan għax Kristu kien in-nisel imwiegħed lil Abraham [Gal 3,7-28]. Fl-istess ittra Abraham u Sarah jirrappreżentaw l-Insara kollha [Gal 4,21-33]. Fl-Ittra lir-Rumani jitkellem fuq il-poplu t'Alla fit-Testment il-Qadim bil-figura tas-siġra taż-żebbuġ. L-Insara ta' nisel pagan huma friegħi mlaqqmin f'din is-siġra u jaqsmu mal-Poplu t'Alla tat-Testment il-Qadim l-għerq u s-sustanza [Rum 11,16-24]. Mhuwiex it-tnissil fiżiku li jiddetermina jekk wieħed hux membru tal-Poplu t'Alla u nisel Abraham [cf. Rum 9,8], imma l-fidi fil-wegħdiet li Alla għamel lil Abraham [Rum 9,6-13]. Min jemmen dawk il-wegħdiet jemmen fi Kristu li bih seħħew dawk il-wegħdiet, u għalhekk S. Pawl ma jiddejjaqx isejjaħ lill-komunità nisranija "Iżrael t'Alla" [Gal 6, 16; cf. 3, 9; Rum 9,6-8; 1 Kor 10, 18].

Iżrael tat-Testment il-Qadim wieħed jista' jikkunsidrah taħt żewġ aspetti. Wieħed jista' jikkunsidrah bħalma jikkunsidra kull poplu ieħor u l-istorja ta' Iżrael jirrakkuntaha skont il-kriterji li japplika biex jirrakkonta l-istorja ta' kull poplu ieħor. Jekk wieħed jikkunsidra lil Iżrael hekk, il-komunità nisranija m'għandha x'taqsam xejn ma' Iżrael tat-Testment il-Qadim ħlief meta wieħed hu ta' nisel Lhudi. Imma wieħed jista' jikkunsidra lil Iżrael tat-Testment il-Qadim kif titkellem fuqu l-Iskrittura, jiġifieri bħala l-Poplu t'Alla, il-Poplu li Alla kien għamillu wegħdiet li bil-mod il-mod Alla rrealizza fil-ġrajjiet tal-istorja tiegħu. Jekk wieħed jikkunsidra lil Iżrael tat-Testment il-Qadim hekk, l-istorja ta' dan il-poplu hi l-istorja tal-komunità nisranija. Il-wegħdiet li Alla għamel lil dan il-Poplu Alla rrealizzahom għalkollox fil-missjoni ta' Kristu, speċjalment fil-ġrajja tas-salib u l-qabar vojt.

It-Testment il-Ġdid jitkellem fuq rapport ta' dan it-tip bejn l-Insara u Iżrael tat-Testment il-Qadim, imma jitkellem ukoll fuq ir-rapport tal-Knisja u dawk il-Lhud li għalkemm m'aċċettawx lil Kristu baqgħu fidili għar-reliġjon Mosajka. Minn dawn kien hemm numru ġmielu tul l-aħħar żewġ millennji. Dawn għandhom dak ir-rapport li l-antenati tagħhom kellhom ma' Alla qabel il-miġja ta' Kristu bbażat fuq il-Patt tat-Testment

il-Qadim. S. Pawl jistaqsi, "Forsi Alla ċaħad il-poplu tiegħu? Żgur li le!... Alla ma ċaħdux lill-poplu tiegħu, li hu kien għażel sa minn qabel... skont l-għażla huma maħbuba minħabba missirijiethom. Alla ma jreġġax lura d-doni u s-sejħa tiegħu" [Rum 11,1.28-29]. U band'oħra jgħid: "L-Iżraelin, tagħhom hi l-adozzjoni ta' wlied Alla u l-glorja, u l-pattijiet u l-Liġi, il-liturġija u l-wegħdiet, tagħhom huma l-patrijarki, u kien minnhom li skont il-ġisem ħareġ Kristu, li hu fuq kollox, Alla mbierek għal dejjem ta' dejjem. Ammen." [Rum 9,4]. U l-Konċilju Vatikan II iżid, "Hija [il-Knisja] tiftakar ukoll li mill-poplu Lhudi twieldu l-Appostli, is-sisien u l-kolonni tal-Knisja, u wkoll l-għadd kbir tal-ewwel Insara li ħabbru l-Evanġelju ta' Kristu fid-dinja.... Il-Lhud jibqgħu, minħabba missirijiethom, wisq għeżież għal Alla li ma jisgħobihx mill-għotjiet u mis-sejħa tiegħu" [*Nostra Aetate*, n. 4].

Dan ir-rapport ma' Alla jista' jkun okkażjoni biex anki huma jirċievu l-grazzja tas-salvazzjoni. Il-grazzja tas-salvazzjoni Alla joffriha lil kulħadd. Ma joffrihiex lil kulħadd bl-istess mod, imma joffriha lil kulħadd. Il-Knisja temmen li fir-reliġjonijiet il-kbar jista' jkun hemm elementi ta' verità u qdusija [*Nostra Aetate* n. 2].[10] Dawn l-elementi ta' verità u qdusija probabbilment huma ż-żerrigħat tal-Verb li t-tradizzjoni patristika żżomm li hemm f'xi reliġjonijiet. Alla jista' jinqeda b'dawn l-elementi biex joffri l-grazzja tas-salvazzjoni lil min jipprofessa dawn ir-reliġjonijiet. Jekk hemm elementi ta' verità u qdusija fir-reliġjonijiet l-oħra, aktar u aktar fir-reliġjon Mosajka, la Alla ma jisgħobihx mis-sejħa lil dawk li kien għażel.

## Noti

1. Il-ktieb li fil-Bibbja Ebrajka hu magħruf b'*Qohelet* fis-LXX hu magħruf b'*Ekklesiastes*.
2. Hemm testi fejn is-LXX tuża *sunagoge* biex tittraduċi *qahal* [cf. Eż 16,3; Lev 4,13.14.21; Num 14,5; eċċ.].
3. Cf. ukoll Lq 22,31-32; Ġw 21,15-19; Atti 1-12.
4. Hu possibbli li Kristu tah it-titlu ta' Kefa f'ċirkustanzi differenti minn dawk irrakkuntati f'Mt 16,13-20; cf. Mk 3,16; Lq 6,14; Ġw 1,42.

5. Fir-rakkont ta' S. Ġwann Ġesù jieħu post il-ħaruf tal-Għid. Imut meta l-komunità kienet tħejji biex tiċċelebra l-Għid [Gw 19,31], u bħal ħaruf tal-Għid tal-komunità lil Ġesù ma kissrulu l-ebda għadma [Ġw 19,36].
6. Omm Ġesù intebħet li kien lest jagħti l-inbid li kien spiċċa, tant li daret fuq il-qaddejja u qaltilhom biex jagħmlu dak kollu li kien se jgħidilhom Ġesù [v. 5].
7. Id-dikjarazzjoni fil-magħmudija ta' Ġesù u fit-trasfigurazzjoni, "Dan hu ibni l-għażiż" [Mt 2,17; 17,5] tidentifika l-missjoni ta' Ġesù ma' dik tal-Qaddej t'Alla.
8. Biżżejjed wieħed jgħid li l-Vanġelu ta' S. Ġwann jibda bl-espressjoni *fil-bidu*, l-istess espressjoni li jiftaħ biha il-ktieb tal-Ġenesi, u mhux impossibbli li bħalma fil-bidu l-Ġenesi jirrakkonta l-ħolqien f'sebat ijiem anki l-Vanġelu ta' S. Ġwann jiftaħ b'rakkont ta' ġrajjiet li seħħew f'sebat ijiem [Ġw 1,19 – 2,12].
9. Tneħħi s-sinjal tal-inbid fit-tieġ ta' Kana, Ġesù nnifsu spjega dan is-simboliżmu tal-azzjonijiet tiegħu. L-abbundanza ta' nbid fit-tieġ ta' Kana probabbilment kien simbolu tal-abbundanza tal-ħajja spiritwali [Ġw 10,10]. Il-ħajja fiżika li Ġesù ta lil bin l-uffiċjal u lill-marid f'Betzata [Ġw 4,43 – 5,18], li fil-prattika kienu diġà mejta fiżikament, kien simbolu tal-ħajja spiritwali li jagħti lil dawk li huma mejta spiritwalment [Ġw 5,21.24-26.28.39-40]. Id-dawl fiżiku li Ġesù ta lill-agħma mit-twelid [Ġw 9,1-41] kien simbolu ta' dawl spiritwali [Ġw 9,5; cf. vv. 39-40]. Anki hawn hemm allużjoni impliċita għall-ħajja spiritwali meta wieħed jikkunsidra l-evanġelista jidentifika l-ħajja mad-dawl [Ġw 1,4; cf. 8,12]. Il-ħajjin biss jaraw id-dawl, il-mejtin huma fid-dlam. Il-qawmien mill-mewt ta' Lazzru [Ġw 11,1-44] kien simbolu tal-qawmien spiritwali [il-ħajja spiritwali] mill-mewt spiritwali għal min jemmen f'Ġesù [Ġw 11,25-26].
10. Konċilju Vatikan II, *Dikjarazzjoni fuq ir-Relazzjonijiet tal-Knisja mar-Reliġjonijiet mhux Insara.*

# Is-Sinodalità fil-Knisja tal-bidu

Rev. Dr Martin Micallef OFM Cap

Il-kelma "sinodu" (bil-Grieg: *synodos*)[1] hija kważi nieqsa mill-vokabularju tat-Testment il-Ġdid.[2] Madanakollu, il-kunċett ta' moviment kurrenti lejn sinodalità jew inkella l-mod kollettiv ta' ħsieb u azzjoni huwa wieħed qawwi fil-ħajja tal-Knisja tal-bidu. Fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli, diġà naqraw kif id-dixxipli ta' Ġesù huma msejħin bħala dawk "miexja fit-Triq,"[3] filwaqt li l-ewwel dixxipli, flimkien "ma' xi nisa u ma' Marija omm Ġesù, u ma' ħutu,"[4] insibuhom "ilkoll flimkien f'post wieħed"[5] meta niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu. Id-dokument "Sinodalità fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja" maħruġ fl-2018 mill-Kummissjoni Internazzjonali Teoloġika jurina kif il-kelma "sinodalità" rridu nifhmuha f'kuntest ekkleżjoloġiku ta' komunjoni, b'mod illi din il-kelma tissarraf fil-*modus vivendi et operandi* speċifiku tal-Knisja, il-poplu ta' Alla. [6]

F'dan l-artiklu ser inħarsu lejn xi eżempji mill-Atti tal-Appostli u l-Ittri ta' San Pawl flimkien mal-Ittri Pastorali li juruna modi sinodali ta' ħsieb u azzjoni fil-ħajja tal-Knisja tal-bidu. Dan ser nagħmluh b'enfasi speċjali għall-mod ta' tmexxija fil-Knisja tal-bidu li narawha tiżviluppa b'mod gradwali. Filwaqt li ser nagħmlu dan, irridu nistqarru li dan hu suġġett wiesa' ħafna u dwaru hemm letteratura vasta. L-għan ta' dan l-artiklu għalhekk mhuwiex wieħed eżawrjenti, imma biss li jdewwaqna xi ftit mill-mod kif il-Knisja tal-bidu mxiet flimkien quddiem sfidi ġodda.

### Il-kreattività fil-Knejjes tal-Atti tal-Appostli

Wara n-nota għas-suċċess li l-Appostli ġarrbu fil-predikazzjoni tagħhom, l-awtur tal-Atti tal-Appostli jinfurmana kif il-Knisja tal-bidu kellha tħabbat wiċċha mal-ewwel problemi ta' organizazzjoni bla ma kellha soluzzjonijiet lesti jew iffurmulati minn qabel. Hekk ġara fil-każ

tal-ammissjoni tal-pagani fil-Knisja, il-kwestjoni taċ-ċirkonċiżjoni u regoli oħra tal-Liġi Lhudija dwar l-ikel imsaħħin mill-fanatiżmu tal-Fariżej ikkonvertiti.[7] Il-Knisja tal-bidu kellha tara kif ser issolvi dawn il-problemi ġodda bi kreattività u fedeltà lejn l-Ispirtu ta' Ġesù u permezz tal-kariżma qawwija ta' xi wħud mill-membri tagħha.[8] Żgur iżda li f'dan kollu, id-distintiv spiritwali ewlieni ta' din il-komunità bikrija huwa l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li l-preżenza tiegħu tinħass f'waqtiet differenti fil-missjoni bikrija ta' dawk li emmnu f'Ġesù.[9]

It-Testment il-Ġdid jipprovdi diversi eżempji ta' kif komunitajiet Insara differenti kienu strutturati bħala tweġiba għal sitwazzjonijiet storiċi differenti. Huwa minnu li minn dawn l-eżempji joħorġu xi linji gwida, imma dawn qatt ma jikkostitwixxu mudell finali għall-Knisja. Il-ktieb tal-Atti tal-Appostli, pereżempju, jurina li meta qamet l-ewwel problema fil-komunità bikrija Nisranija, kienu l-Appostli li "sejħu l-ġemgħa tad-dixxipli,"[10] għalkemm kienet il-komunità kollha li approvat il-proposti tal-Appostli.[11] Sa dan il-waqt, għadna nistgħu naraw interazzjoni bejn l-Appostli u l-ġemgħa, bi rwol ta' responsabilità ċara min-naħa tal-appostli li kienu "jfittxu" x'għandu jsir aktar milli jimplimentaw xi formuli preskritti.[12] Hawnhekk f'Atti 6 tajjeb ninnutaw li diġà bdiet tifforma xi tip ta' kariżma partikulari: dik tal-hekk imsejħa "djakni". Kienet kariżma li nibtet "mill-" "fil-" "u" għall-komunità Ellenista stess, sanzjonata u appuntata mill-Appostli, saħansitra bit-tqegħid tal-idejn. L-awtorità li kellhom dawn id-"djakni" kienet tmur ferm 'il bogħod minn dak li kienu speċifikament appuntati għalih (il-qadi fuq l-imwejjed tar-romol); il-ministeru tagħhom kien jinkludi l-predikazzjoni (Stiefnu), l-evanġelizzazzjoni (Stiefnu u Filippu), il-magħmudija tal-pagani (Filippu lis-Samaritani u l-Ewnuku tal-Kandaċi tal-Etjopja), u saħansitra l-martirju (Stiefnu). Din il-kariżma kienet mifhuma f'kuntest sinodali qawwi ħafna, tant li t-Tnax qalu lill-komunità li kienu qed jagħżlu lil dawn id-"djakni" biex huma (it-Tnax) ikunu jistgħu jibqgħu jingħataw għat-talb u għall-qadi tal-Kelma.[13]

Aktar tard jissemmew ukoll "il-Presbiteri", hekk li meta fil-Knisja ta' Antijokja kien ġie deċiż li ssir ġabra għall-aħwa ta' Ġerusalemm, dak li jinġabar kellu jmur "għand il-presbiteri" t'hemmhekk[14] u mhux għand l-Appostli.[15] Minn issa 'l quddiem, fil-fatt, kull meta fl-Atti tal-Appostli

ssir referenza għat-"tmexxija" tal-Knisja f'Ġerusalemm li kellha tiegħu xi deċiżjoni, jissemmew "l-appostli u l-presbiteri."[16]

L-Atti tal-Appostli jirrakkonta l-firda li ġrat f'Ġerusalemm bejn l-ewwel Insara Palestinjani u l-Insara Lhud li kienu jitkellmu bil-Grieg (l-Insara Ellenisti). Din il-firda seħħet mingħajr ma tkissret il-komunjoni jew il-kuntatt ta' bejniethom. Aktar tard, għal raġunijiet esterjuri, bħalma kienet il-persekuzzjoni kontra l-Lhud Ellinisti, twaqqfet komunità ekkleżjali oħra f'Antijokja tas-Sirja. Kien hemmhekk, jiġifieri "f'Antijokja, li d-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'."[17] Jidher li din il-komunità Nisranija kienet aktar ħajja u kreattiva minn dik ta' Ġerusalemm li mxiet lejn pożizzjoni aktar konservattiva. Minkejja dan, il-Knisja f'Antijokja baqgħet iżżomm komunikazzjoni mal-Knisja ta' Ġerusalemm, anke meta bdew jinqalgħu ċirkustanzi ta' konflitti. L-impressjoni li nieħdu hija li l-Knisja f'Antijokja kienet strutturata b'mod li kienet aktar kariżmatika u missjunarja. L-istruttura ta' din il-komunità Nisranija ġdida ma jidhirx li ħolqot problema għall-"profeti", li xi drabi kienu jinżlu Antijokja minn Ġerusalemm kif naqraw fl-Atti 11:27.[18]

L-ewwel referenza għall-istruttura tal-komunità Nisranija f'Antijokja nsibuha f'Atti 13:1 fejn jissemma li "kien hemm xi profeti u għalliema," filwaqt li nsiru nafu wkoll l-ismijiet ta' xi wħud minnhom. Ma għandniex definizzjoni tar-rwol ta' dawn "il-profeti."[19] Minn Atti 15:33 iżda nsiru nafu aħjar li dawn il-persuni kienu mibgħutin mill-Knisja ta' Ġerusalemm għand il-Knisja ta' Antijokja biex jikkomunikaw id-deċiżjonijiet tal-hekk imsejjaħ l-ewwel "Konċilju".[20] Sakemm damu f'Antijokja, dawn il-profeti "farrġu lill-aħwa u wettquhom b'ħafna kliem."[21] Nistgħu ngħidu li dawn għalhekk kienu rġiel b'kariżma u bid-don tal-Kelma li taw xhieda u saħħew lill-oħrajn.

It-tieni referenza għal struttura fil-Knisja ta' Antijokja turina li minn fost il-"profeti u għalliema" f'din il-Knisja, jidher li ħarġu l-ewwel missjunarji itineranti. B'mod espliċitu, l-Atti jikkonferma dan f'relazzjoni ma' Pawlu u Barnaba li kienu magħżulin mill-Ispirtu ta' Alla għal dan ix-xogħol.[22] Aktar tard, imbagħad, l-awtur tal-Atti tal-Appostli jirreferi għal din il-ħidma evanġelika ta' Pawlu u Barnaba filwaqt li jsejħilhom ukoll "appostli",[23] kelma li tieħu tifsira differenti mill-istess użu tagħha għal xi membri fil-Knisja ta' Ġerusalemm.[24]

It-tielet referenza għall-istruttura fil-Knisja ta' Antijokja hija marbuta preċiżament ma' dawn il-missjunarji itineranti, meta Pawlu u Barnaba "fi triqithom lura, għaddew minn Listra, Ikonju u Antijokja ... għamlulhom ukoll presbiteri f'kull Knisja."[25] Traċċa oħra ta' din l-istess informazzjoni nsibuha meta Pawlu ried imur malajr Ġerusalemm, u minħabba f'hekk jiddeċiedi li ma jmurx Efesu. Minkejja dan, hu jsejjaħ "lill-presbiteri tal-Knisja ta' Efesu" biex isellmilhom[26] u fid-diskors drammatiku li Pawlu jagħti, huwa jsejjaħ lil dawn l-irġiel *episkopoi,* kelma li bil-Malti ġiet tradotta bħala "għassiesa" li kellhom jirgħu l-Knisja ta' Alla.[27]

Fl-aħħar, hemm ukoll referenza għal meta f'xi okkażjonijiet kellhom jittieħdu deċiżjonijiet differenti mill-komunitajiet ekkleżjali ta' Tessalonika u tal-Berija. Hawnhekk issa ma nsibux referenza għall-"presbiteri" jew għall-"profeti", imma biss għall-"aħwa"[28] jew "dixxipli", [29] termini pjuttost wiesgħa.[30]

**Komunjoni fid-diversità**

Nistgħu ngħidu li l-ħajja ta' dawn il-komunitajiet ekkleżjali li naqraw dwarhom fl-Atti tal-Appostli, żviluppat permezz ta' *komunjoni fid-diversità.* Lanqas biss nafu sa liema punt l-appostli kienu involuti fl-espansjoni u t-tkabbir tal-Knisja f'Antijokja. Min-naħa l-oħra, fil-Knisja ta' Antijokja nsibu preokkupazzjoni għall-komunjoni mal-Knisja ta' Ġerusalemm li tipprova tintlaħaq permezz ta' kunsens. Allura, meta qam l-ewwel konflitt, l-Insara f'Antijokja immedjatament iddeċidew li "jitilgħu Ġerusalemm ikellmu lill-appostli u l-presbiteri fuq din il-kwestjoni."[31]

Min-naħa l-oħra, iżda, f'oppożizzjoni mal-kreattività tal-Knisja f'Antijokja, il-Knisja f'Ġerusalemm kemm-il darba ppruvat timponi l-mod kif kienet taħseb – anke jekk ma rnexxilhomx jagħmlu dan – billi assumiet id-dritt li hija biss kienet dik li setgħet tinterperta r-rieda ta' Alla. Ir-raġuni għal dan kienet ir-rabta li din il-komunità kellha mat-tradizzjoni Lhudija. Filwaqt li ngħidu dan, iżda nżidu li f'Ġerusalemm kien hemm persuni bħal Barnaba, muri bħala "raġel tajjeb, mimli bl-Ispirtu s-Santu u l-fidi"[32] u li seta' jifhem u jsaħħaħ l-inizjattivi li kienu qed iseħħu fil-Knisja ta' Antijokja.

F'dan kollu, l-"Appostli u l-presbiteri" jidher li kellhom rwol deċiżiv u għaqli fil-komunità ekkleżjali ta' Ġerusalemm.[33] Tant hu hekk, illi l-hekk imsejjaħ "Konċilju ta' Ġerusalemm"[34] issuġġerixxa tliet punti importanti għall-ministeru ekkleżjali. L-ewwel, l-assemblea miġbura għal din il-laqgħa ma ħallietx lil xi wħud li kienu għajjurin biex bl-imġiba intolleranti tagħhom "iqiegħdu fuq għonq id-dixxipli madmad li la missirijietna u lanqas aħna ma flaħna nerfgħuh."[35] Dwar dawk l-aħwa li ma kinux awtorizzati jiġi ċċarat dan: "Aħna smajna li xi wħud minnies tagħna, mingħajr ebda ordni tagħna, ġew ħawdukom u qalbulkom moħħkom bi kliemhom."[36] It-tieni, f'din il-laqgħa importanti, sar sforz biex it-tweġibiet mogħtija jiġu adottati mhux minn Pietru jew Ġakbu biss, imma mill-ġemgħa kollha tal-"appostli u l-presbiteri".[37] It-tielet, minkejja dan kollu, jew minħabba dan, is-soluzzjoni li ttieħdet nistgħu nqisuha bħala "kompromess". Il-linja miftuħa ta' Pietru kienet rebħet, imma d-dokument finali, anke jekk jitkellem minn "piż ... li hu meħtieġ",[38] jimponi dawk l-affarijiet li fir-realtà ma kinux indispensabbli.[39]

Fid-dawl ta' dan kollu nistgħu mela ngħidu li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Knisja tal-Atti tal-Appostli kienu suġġeriti jew imposti permezz ta' dixxerniment komunitarju li sar f'sitwazzjonijiet storiċi li nqalgħu, aktar milli minn xi applikazzjoni ta' programm imfassal minn qabel minn Ġesù. Aktar minn hekk, skont l-Atti, l-għaqda tal-Knisja tal-bidu ma seħħitx permezz ta' uniformità fil-forom ministerjali jew strutturi ekkleżjali li kienu għadhom fil-bidunett tagħhom. Minflok, din l-għaqda seħħet aktar b'referenza għal dak li Ġesù kien jirrappreżenta, b'għajnuna għall-fqar[40] u f'dak li baqa' magħruf bħala t-testment ta' Pawlu.[41]

## Pluralità tal-ministeri kariżmatiċi

Meta mill-Atti tal-Appostli ngħaddu għall-Ittri ta' San Pawl,[42] nibdew ninnutaw kif dawn juruna ministeru ekkleżjali u organizzazzjoni differenti minn dak li rajna s'issa fl-Atti tal-Appostli.[43] Hekk, pereżempju, f'dawn l-Ittri (li huma kkunsidrati bħala żgur ta' Pawlu mill-istudjużi), il-kelma "presbiteri" ma tidhirx lanqas biss darba.[44] Minkejja dan, bosta referenzi u allużjonijiet espliċiti jindikaw li f'dawn il-komunitajiet Pawlini kien hemm numru kbir ta' ministeri, l-aktar ta' oriġini kariżmatika. Pawlu kien jemmen, li wara d-diversità ta'

dawn il-funzjonijiet, kien hemm il-missjoni unifikattiva tal-Ispirtu, li hu l-istess wieħed għal kulħadd.[45]

Ix-xbieha famuża ta' Knisja bħala "Ġisem" mogħtija minn Pawlu f'Rum 12:6 bħala spjegazzjoni tal-varjazzjoni fil-ministeri ekkleżjali turina li bħalma fil-ġisem hemm diversi funzjonijiet magħqudin bl-istess prinċipju vitali, hekk ukoll fil-Knisja hemm bosta "doni differenti".[46] Immedjatament wara, Pawlu jelenka dawn id-doni b'mod illi nirrealizzaw li huwa kien qed jitkellem minn funzjonijiet reali ekkleżjali. Din il-lista tal-ministeri mogħtija f'Rum 12 ma nistgħux inqisuha bħala waħda kompluta jew sistematika. Hawnhekk għandna biss lista eżemplari li tinkludi l-profezija, il-ministeru, it-tagħlim, it-tħeġġiġ, it-tqassim u l-awtorità.[47] Huwa kważi impossibbli nispjegaw il-funzjoni eżatta ta' kull wieħed minn dawn "id-doni". Madankollu, nistgħu forsi ngħidu li xi wħud minnhom, bħalma huma l-profezija, it-tagħlim u t-tħeġġiġ, huma ppreżentati f'relazzjoni max-xandir tal-Kelma. Oħrajn huma aktar ta' natura "amministrattiva" li jinkludu l-ministeru u t-tqassim. Oħrajn, imbagħad, jidher li għandhom karattru aktar deċiżiv, bħalma huwa d-don tal-awtorità, għalkemm dan id-don jokkupa l-aħħar post f'din il-lista. Dak li tassew jgħodd hu li wara dawn id-doni hemm "l-imħabba sinċiera".[48]

F'1 Kor 12 insibu xi ħaġa simili, għalkemm aktar strutturata. Hawnhekk ukoll, Pawlu jirreferi għax-xbieha tal-"Ġisem" filwaqt li jenfasizza b'mod aktar speċifiku li hu *l-istess Spirtu* li jagħti l-ħajja lill-"Ġisem".[49] Hawnhekk Pawlu jippreżenta żewġ listi.[50] L-ewwel lista hija pjuttost vaga u mhux faċli tikklassifikaha. Fiha jidher li hemm: (i) doni tal-kelma (il-kliem tal-għerf, il-kelma tas-sapjenza, u l-fidi);[51] (ii) doni tal-fejqan u tal-mirakli;[52] (iii) it-tielet grupp li jsemmi għandhom funzjonijiet relatati mad-dixxerniment: id-don tal-għażla tal-ispirti, tad-diversi ilsna, u tat-tifsir tal-ilsna.[53]

Dak li hu l-aktar deċiżiv mhuwiex il-kontenut tal-lista, daqskemm żewġ frażijiet li jinkwadraw din il-lista. Fil-bidu tal-paragrafu, Pawlu juża frażi ripetittiva: (i) "Hemm diversi doni, imma l-istess wieħed hu l-Ispirtu; (ii) hemm diversi ministeri, imma l-istess wieħed hu l-Mulej; (iii) hemm l-istess ħidmiet, imma l-istess Alla."[54] Il-paralleliżmu tal-frażi tippermettilna niddeduċu l-identità bejn kariżma, servizz u funzjoni. Dawn huma forom differenti li qed jintużaw hawnhekk biex jesprimu

l-ministeru ekkleżjali. Fit-tmiem il-paragrafu naqraw, kif dan kollu huwa x-xogħol tal-istess Spirtu wieħed, li jqassam "lil kull wieħed kif jogħġbu."[55] B'dan il-mod, Pawlu hawnhekk jesprimi l-unità tad-diversità permezz tal-użu tax-xbieha tal-ġisem ta' bniedem,[56] b'mod illi l-ekkleżjoloġija Pawlina ma tfixkilx il-pnewmatoloġija. Minflok, il-ħsieb ta' Pawlu jesprimi ekkleżjoloġija ta' komunjoni fil-pluralità.

Pawlu jirritorna għal dan is-suġġett f' 1 Kor 12:28-31, għalkemm issa jagħtina lista ta' ministeri ekkleżjali b'mod aktar tekniku. Dan jagħmlu hekk kif huwa jintroduċi l-lista tiegħu b'dawn il-kelmiet: "lil xi wħud Alla qegħedhom fil-Knisja ..." u immedjatament jagħtina l-lista li b'xi mod tistabbilixxi ġerarkija. Dan jidher mill-użu tal-avverbi – l-ewwel, it-tieni, it-tielet. "Fl-ewwel post bħala appostli, it-tieni bħala profeti,[57] it-tielet bħala għalliema. Imbagħad id-don tal-mirakli, imbagħad id-don tal-fejqan, l-għajnuna, it-treġija, u d-don tal-ilsna diversi."[58] Bħal fil-każ tal-Ittra lir-Rumani, din il-lista wkoll tagħlaq b'sejħa – għalkemm aktar twila – ta' dak li tassew joħloq struttura fil-Knisja: l-imħabba.[59] Mingħajr l-imħabba, l-ebda ministeru jew kariżma fil-Knisja m'għandhom valur: la l-profezija jew l-għerf kollu,[60] la l-fidi li twassal għall-mirakli,[61] u lanqas il-karità jew li xi ħadd jagħti ġismu għall-ħruq.[62]

Tagħlim li jixbah lil dan insibuh ukoll fl-Ittra lill-Efesin, anke jekk hawn l-awtur[63] donnu li jirreferi għax-xogħol tal-Knisja universali. Il-prinċipju li joħloq struttura fil-Knisja hu l-istess bħal dak imsemmi f'Rum u 1 Kor: "Hemm ġisem wieħed u spirtu wieħed."[64] Din l-għaqda hija murija hekk kif "lil kull wieħed minna Alla tana l-grazzja skont il-qjies tad-don ta' Kristu."[65] L-idea ta' sinodalità fi spirtu wieħed kienet diġà tinħass ħafna, u fil-fatt hija l-pedament ta' kull sinodalità oħra. Wara dan, l-awtur jagħti lista oħra ta' ministeri: "u huwa dak li ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud profeti, lil xi wħud evanġelisti, lil xi wħud rgħajja u mgħallmin."[66] Dan kollu jservi għall-bini tal-ġisem ta' Kristu: "Hekk jitrawmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu, sakemm aħna lkoll naslu biex insiru ħaġa waħda fil-fidi u fl-għarfien tal-Iben ta' Alla."[67]

Programm ekkleżjali li nistgħu nqisuh bħala l-*Magna Carta* tal-komunità nisranija u li allura kull komunità ekkleżjali trid tqabbel lilha nfisha miegħu, huwa dak li nsibu f' 1 Tess 5:12-22. F'din is-silta nosservaw

sitt affarijiet. L-ewwel, rikonoxximent għall-ħidma tal-mexxejja tal-komunità: "Nitlobkom, ħuti, isimgħu minn dawk li qegħdin jaħdmu f'nofskom, u li l-Mulej qegħedhom fuqkom biex iwissukom. Għożżuhom u ħobbuhom kemm tifilħu minħabba fil-ħidma tagħhom."[68] Ninnutaw il-linwaġġ użat hawnhekk għal dawk li "qegħdin jaħdmu f'nofskom" u mhux "fuqkom". It-tieni, attenzjoni għall-membri l-aktar vulnerabbli fil-komunità: "Aħna nħeġġukom, ħuti, biex twiddbu lill-għażżenin, tagħmlu l-qalb lill-beżżiegħa, tgħinu lid-dgħajfa, tistabru b'kulħadd."[69] It-tielet, bidla tal-valuri fir-relazzjonijiet: "Qisu li ħadd ma jrodd deni b'deni, imma fittxu dejjem il-ġid ta' xulxin u ta' kulħadd."[70] Ir-raba', il-ferħ li jitnissel mill-fidi u l-esperjenza li tirċievi b'xejn: "Ifirħu dejjem, itolbu bla heda, iżżu ħajr lil Alla f'kollox."[71] Il-ħames, il-libertà biex ma nxekklux l-Ispirtu: "Ixxekklux l-ispirtu."[72] Is-sitta, il-kapaċità tad-dixxerniment: "Tmaqdrux il-profezija, ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh."[73]

**L-unifikazzjoni tal-ministeri fl-Ittri Pastorali**

Jekk fl-Atti tal-Appostli u fl-Ittri ta' San Pawl stajna ninnutaw kif il-Knisja tal-bidu kienet għadha qed tifforma l-ministeri tagħha, fl-Ittri Pastorali ninnutaw struttura aktar ġerarkika u organizzata. Illum, ħafna mill-istudjużi jaqblu, li dawn l-Ittri ma nkitbux minn Pawlu.[74] Il-kwestjoni mhijiex mingħajr importanza teoloġika. Jekk dawn l-Ittri nkitbu minn Pawlu, allura huwa spiċċa jidħol fi skema ta' struttura ekkleżjali u f'kunċett ta' ministeru iċċentralizzat, hekk kif dawn l-Ittri jirriflettu evoluzzjoni, jew aħjar mod ieħor ta' struttura fil-ministeru.

L-Ittri Pastorali, speċjalment l-Ittri lil Timotju, huma mimlija paragrafi twal kontra dawk li jiżirgħu tagħlim falz jew spekulazzjoni kontroversjali.[75] Huma Ittri li jirrepetu *ad nauseam* espressjonijiet bħal "tagħlim sħiħ",[76] "tagħlim skont it-tjieba",[77] "dak li kien fdat f'idejk" (bil-Grieg: *paratheke*),[78] u "kelma ta' min jemminha".[79] Kontra dawn, tagħlim ieħor hu meqjus bħala "ħrejjef".[80] Minbarra hekk, il-ministri tal-Knisja f'dawn l-Ittri qatt ma huma ippreżentati f'rabta mal-Ewkaristija jew mal-Magħmudija, imma f'rabta mal-ħarsien tad-depożitu tat-tagħlim.

Dawn l-Ittri jagħtuna indikazzjoni tal-eżistenza ta' żewġ gruppi ta' mexxejja f'kull Knisja. L-ewwel, hemm dawk li huma msejħa "isqfijiet" (bil-Grieg: *episkopoi*)[81] u "presbiteri" (bil-Grieg: *presbyteroi*).[82] Ix-xogħol

ta' dan l-ewwel grupp jidher li hu indirizzat lejn il-ħarsien tat-tagħlim u għat-tmexxija fil-ħajja tal-komunità. Għalhekk naqraw li dawn il-mexxejja għandhom ikunu kapaċi "jagħmlu x-xogħol tax-xandir tal-kelma u tat-tagħlim."[83] Minkejja dan, f'dawn l-Ittri għadna ma lħaqniex il-livell ta' strutturi li żviluppaw fl-Ittri ta' San Injazju ta' Antijokja li jitkellmu minn mexxej ewlieni fil-komunità b'qawwa stretta fir-rigward tal-Isqof u u l-qassis.[84] It-tieni grupp ta' mexxejja li nsibu fl-Ittri Pastorali huma "id-djakni" (bil-Grieg: *diakonoi*). Aktar milli għad-dmirijiet tagħhom, dawn l-Ittri jagħmlu referenza biss għall-kwalitajiet morali tad-djakni.[85]

Fl-aħħar, fl-Ittri Pastorali nsibu struttura aktar artikulata – għalkemm wisq probabbli mhux kompluta – tal-ġest tat-tqiegħed tal-idejn. F'dan l-istadju bikri fil-ħajja tal-Knisja tal-bidu, il-konnessjoni bejn it-tqiegħed tal-idejn u l-Ispirtu kienet għadha waħda pjuttost sfumata jew vaga.[86] Mhuwiex ċar lanqas f'dawn l-ewwel referenzi għat-tqegħid tal-idejn, jekk dan il-ġest kienx komunikazzjoni tal-Ispirtu[87] jew jekk dan il-ġest kienx qed jirreferi għall-konferma tad-don tal-Ispirtu li diġà kien ikkomunikat.[88] It-Testment il-Ġdid jidher li jżomm iż-żewġ tifsiriet. Aktarx li kien aktar tard, bil-bżonn li jissemmew is-suċċessuri tal-Appostli, li t-tqegħid tal-idejn mexa għall-ewwel tifsira, għalhekk sar ġest li ntrabat mal-viżjoni tardiva tal-ordinazzjoni bħala "għejjun" tal-awtorità. Fil-fatt, fl-Ittri Pastorali jidher ċar, li dan il-ġest tat-tqegħid tal-idejn kien akkwista l-karattru ta' "ordinazzjoni" għall-komunità nisranija. Hekk, pereżempju, Timotju kellu *l-kariżma* u mhux sempliċiment "il-funzjoni" li kienet mogħtija lilu bit-tqegħid tal-idejn minn Pawlu: "Minħabba f'hekk infakkrek biex tqajjem fik id-don ta' Alla, li jinsab fik bit-tqegħid ta' idejja."[89] Fl-1 Timotju naqraw li dan il-ġest seħħ "mill-presbiteri" – "Tinsiex il-grazzja li għandek fik, li kienet mogħtija lilek bis-saħħa tal-kliem tal-profezija u bit-tqegħid tal-idejn tal-presbiteri fuqek."[90] Tibqa' ħaġa stramba iżda, kif fl-Ittri Pastorali ma nsibux referenza għar-relazzjoni bejn il-ministeru u l-persuna maħtura biex tippresiedi l-Ewkaristija.

## Konklużjoni

L-aspett ta' "flimkien" fil-Knisja tal-bidu huwa wieħed mifrux sewwa fit-Testment il-Ġdid. F'dan l-artiklu kkonċentrajna l-aktar fuq l-Atti tal-

Appostli u l-Ittri ta' San Pawl. Ħallejna barra kif dan l-aspett ta' "flimkien" kien imsaħħaħ mit-talb ta' flimkien, ikliet flimkien, fil-qsim tal-ġid materjali, u minn impenn komuni fil-missjoni ta' evanġelizzazzjoni.[91] Li l-Knisja timxi, itterraq, turi Knisja li hi ħajja, li għandha għan li mhux hi stess (imma Kristu Ġesù), li għadha ma waslitx, u fuq kollox li l-azzjoni ta' Kristu Rxoxt (għax imqajjem, għax ħaj) fiha hija realtà: is-sinodalità ta' Knisja li timxi u tterraq (flimkien) turi li Kristu Ġesù qam fiha u jqajjem lill-istess Knisja għall-ħajja fl-Ispirtu s-Santu. In-nota li l-ewwel dixxipli "kienu ħaġa waħda"[92] jitlob mill-Knisja ta' kull żmien sforz kontinwu li nibqgħu nisimgħu lil xulxin b'rispett lejn kull membru tal-ġisem tal-Knisja u dixxerniment lejn dak li qed iwassalna għalih l-Ispirtu ta' Alla. Il-mudell għal dan jibqa' dak li jipproponi Pawlu fl-Ittra lill-Filippin: li fuq l-eżempju ta' Ġesù, il-Knisja tagħżel it-triq tal-*kenosis*[93] fil-bini ta' sinodalità. Dan jissarraf billi fil-Knisja nitgħallmu nħarsu mhux lejn l-interessi personali, imma lejn dawk tal-oħrajn.[94]

## Noti

1. Din il-kelma hija ffurmata minn żewġ kelmiet bil-Grieg: il-prepożizzjoni *syn* li tfisser "ma'" u n-nom *ħodos,* li jfisser "triq," u li flimkien jagħtu t-tifsira ta' "flimkien fit-triq" jew "triq/mixja/mixi flimkien."
2. Lq 2:44 jagħti l-kelma bil-Grieg: *synodia* biex jirreferi għal grupp ta' nies iterrqu flimkien. Fl-Atti tal-Appostli 9:7 insibu l-użu bil-Grieg tal-verb: *synodeuo* b'referenza għal "dawk li kienu sejrin miegħu" (*synodeuontes*) jiġifieri, ma' Pawlu, fil-ġrajja tal-laqgħa tiegħu ma' Ġesù fit-triq ta' Damasku.
3. Atti 9:2. Ara wkoll Atti 18:25-26; 19:9.23; 24:14.22. Għal dan l-aspett ta' flimkien/għaqda fil-ħsieb u l-azzjoni tal-Knisja tal-bidu, ara Barbara E. Reid, "Synodal and Collegial Thinking and Acting in the New Testament," *Synodalities* eds., Michel Andraos et al., *Concilium* 2 (2021): 59-67. Għall-ismijiet differenti mogħtija lill-ewlenin Insara fl-Atti tal-Appostli, ara Joseph A. Fitzmyer, *To Advance the Gospel: New Testament Studies* (Grand Rapids, Michigan: Eerdmans, 1981), 314-331.
4. Atti 1:14.
5. Atti 2:1.

6. Għat-test ta' dan id-dokument tal-Kummissjoni Internazzjonali Teoloġika ara "Synodality in the Life and Mission of the Church," 2 ta' Marzu 2018. https://www.vatican.va/roman_curia/congregations/cfaith/cti_documents/rc_cti_ 20180302_sinodalita_en.html. (Accessed 6.6.2022).
7. Ara L. Daniel Chrupcala, *Everyone Will See the Salvation of God: Studies in Lukan Theology.* Studium Biblicum Franciscanum, Analecta 83 (Milano: Edizione Terra Santa, 2015), 139-173; Young Lee Hertig, "Cross-Cultural Mediation: From Exclusion to Inclusion, Acts 6:1-7; also 5:33-42," in *Mission in Acts: Ancient Narratives in Contemporary Context,* eds., Robert L. Gallagher and Paul Hertig (Maryknoll, New York: Orbis, 2006), 59-72.
8. Anke jekk dawn ma kinux kwistjonijiet purament ta' organizzazzjoni u sinodalità prattika, imma iktar kwistjoni jekk l-Evanġelju hux għal kulħadd għax Kristu Ġesù ġie jsalva lil kulħadd.
9. Dwar ir-rwol tal-Ispirtu s-Santu fil-Knisja li jiddeskrivi San Luqa fil-bidu tal-Atti tal-Appostli ara, David Seccombe, "Luke's Vision for the Church," in *A Vision for the Church: Studies in Early Christian Ecclesiology,* eds., Markus Bockmuehl and Michael B. Thompson (Edinburgh: T&T Clark, 1997), 49-50.
10. Atti 6:2.
11. Ara Atti 6:5.
12. Għal analiżi ta' dan it-test ara Barbara E. Reid, "The Power of the Widows and How to Suppress It (Acts 6:1-7)," in *A Feminist Companion to the Acts of the Apostles.* FCNTEW 9, eds., Amy-Jill Levine with Marianne Blickenstaff (London-New York: T&T Clark, 2004), 71-88.
13. Ara François Bovon, *Luke, The Theologian* (Waco, Texas: Baylor University Press, 2006), 421-422.
14. Ara Atti 11:30.
15. "L-appostli" hawnhekk setgħu kienu inklużi fl-użu tat-terminu "presbiteri," jew inkella tħallew barra apposta minħabba li din kienet miżura "amministrattiva." Ara Andrew C. Clark, "The Role of the Apostles," in *Witness to the Gospel: The Theology of Acts,* eds. I. Howard Marshall and David Peterson (Grand Rapids, Michigan, Cambridge: Eerdmans, 1998), 167-190.
16. Ara Atti 15:2. 4.22; 16:4. L-awtur tal-Atti tal-Appostli ma kellux problema jsejjaħ il-mexxejja tal-komunità Lhudija f'Ġerusalemm bħala "Il-qassisin il-kbar u xjuħ" (ara Atti 23:14; 24:1; 25:15). Fl-istess ħin ninnutaw, li bl-akbar reqqa, l-awtur tal-Atti joqgħod attent biex ma jsejjaħx hekk lill-Insara.

17. Atti 11:26.
18. Minn Atti 11:27 u 15:32-33 insiru nafu li dawn "il-profeti" kienu jeżistu wkoll diġà fil-komunità ta' Ġerusalemm, anke jekk l-awtur tal-Atti tal-Appostli qatt ma jsemmihom b'mod espliċitu meta jitkellem mill-ħajja interna ta' dik il-komunità, imma biss meta jsemmi r-relazzjoni tagħhom mal-komunità ta' Antijokja.
19. Għall-użu u t-tifsira tat-titlu "profeti" fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli, ara E. Earle Ellis, "The Role of the Christian Prophet in Acts," in *Apostolic History and the Gospel,* eds., W.W. Ward and R.P. Martin (Exeter: Paternoster, 1970), 129-144.
20. Dwar dan, ara l-istudju ta' Fabio Ruggiero, "Tracce di prassi sinodale in tre vicende degli albori della Chiesa," in *"Quelli della via": indagini sulla sinodalità nella Chiesa,* ed. Davide Righi (Bologna: EDB, 2020), 86-88. Għal studji oħra dwar l-hekk imsejjaħ "Konċilju ta' Ġerusalem" ara, Richard P. Thompson, *Keeping the Church in its Place: The Church as Narrative Character in Acts* (New York, London: T&T Clark, 2006), 182-196; Luke T. Johnson, *Decision Making in the Church: A Biblical Model* (Philadelphia: Fortress, 1983), 46-58, 67-87; Ben Witherington III, *The Acts of the Apostles: A Socio-Rhetorical Commentary* (Grand Rapids, Michagan, Cambridge: Eerdmans, 1998), 439-470.
21. Atti 15:32.
22. Ara Atti 13:2-3.
23. Ara Atti 14:4.14.
24. Ara studju reċenti dwar it-tifsira u l-użu ta' din il-kelma fil-kitbiet ta' San Luqa u fl-Ittri ta' San Pawl, minn Samuel Byrskog, "The Apostolate in the Early Church: From Luke-Acts to the Pauline Tradition," in *Institutions of the Emerging Church.* Library of New Testament Studies 305, eds. Sven-Olavback and Eerkki Koskenniemi (London-New York: T&T Clark, 2019), 1-17.
25. Atti 14:21.23.
26. Ara Atti 20:17.
27. Ara Atti 20:28.
28. Ara Atti 9:30; 11:1.29; 14.2; 15:1.
29. Ara Atti 21:4.
30. Hekk pereżempju, it-terminu "aħwa" jurina li issa huma dawn li kellhom jiddeċiedu jekk Pawlu u Sila jitilqux lejn il-Berija, jew inkella Pawlu kellux imur Ateni waħdu fi żmien ta' konflitt (Atti 17:10.14). Fil-vjaġġi l-oħra ta' Pawlu, tintuża l-espressjoni "id-dixxipli," li tirreferi għall-Insara

li ma kinux magħrufa, kif jiġri meta Pawlu wasal Ġerusalemm u jesprimi kif "l-aħwa laqgħuna bil-ferħ" (Atti 21:17).

31. Atti 15:2. L-eku ta' din l-istess attitudni insibuha f'Gal 1:17; 2:1-2.
32. Atti 11:24.
33. Dwar dan il-punt f'rabta ma' sinodalità, ara Filles Routhier, "Synodality as a Constitutive Dimension of the Church and an Expression of the Gospel" *Synodalities* eds., Michel Andraos et al., *Concilium* 2 (2021): 93-95.
34. Il-kapitlu 15 tal-Atti (l-ewwel sinodu tal-Knisja) huwa aktarx konflazzjoni/għaqda ta' żewġ ġrajjiet f'waħda, b'mod li Pawlu f'Gal 2:1-17 fil-kwistjoni ma' Pietru donnu ma kienx jaf bir-regolamenti li l-Knisja ssanzjonat f'Atti 15:19ss. Ara E.P. Sanders, *Paul the Law, and the Jewish People* (London: SCM, 1983); Richard N. Longenecker, *Galatians.* Word Biblical Commentary 41 (Dallas,Texas: Word Books, 1990), 43-96; Udo Schnelle, *Apostle Paul: His Life and Theology,* trans. M. Eugene Boring (Grand Rapids, Michigan: Baker Academic, 2003), 265-301; F.F. Bruce, *The Book of the Acts, Rivised.* The New International Commentary on the New Testament (Grand Rapids, Michigan: Eerdmans, 1988), 282.
35. Atti 15:10. Ara C.K. Barrett, *Acts 15-28.* International Critical Commentary, Vol.2 (London, New York: T&T Clark, 2004), 717-719.
36. Atti 15:24.
37. Atti 15:23.
38. Atti 15:28.
39. Ara Atti 15:28-29. Għal dak li ġara f'din il-laqgħa importanti li jsemmi San Luqa fl-Atti tal-Appostli, ara Robert C. Tannehill, *The Narrative Unity of Luke-Acts: A Literary Interpretation, volume two, The Acts of the Apostles* (Minneapolis: Fortress, 1994), 183-193.
40. Ara f'Atti 11:29-30.
41. Ara Atti 20:35, informazzjoni li Pawlu nnifsu jikkonfermaha f'Gal 2:10.
42. M'aħniex ninkludu hawn l-"Ittri Pastorali."
43. Ara Andrew D. Clarke, *A Pauline Theology of Church Leadership.* Library of New Testament Studies 362 (London, New York: T&T Clark, 2008).
44. Ara B. Holmberg, *Paul and Power: The Structure of Authority in the Primitive Church as Reflected in the Pauline Epistles* (Eugene: Wipf & Stock, 2004).
45. Dwar dan, ara Andrew Chester, "The Pauline Communities," in *A Vision for the Church: Studies in Early Christian Ecclesiology,* eds., Markus Bockmuehl and Michael B. Thompson (Edinburgh: T&T Clark, 1997),

105-120; Giacomo Lorusso, *Chiesa, ministero e ministeri nell'esperienza di Paolo* (Bologna: EDB, 2015), 47-53, fejn jenfasizza li Pawlu juża l-kelma *charismata* u mhux *pneumatika*, biex jenfasizza d-dimensjoni gratwita ta' dan id-don (*charisma* = don konkret tal-'grazzja'), aktar milli sempliċiment il-manifestazzjoni spiritwali tiegħu.

46. Fuq dan il-punt, ara John Murray, *The Epistle to the Romans.* The New International Commentary on the New Testament (Grand Rapids, Michigan: Eerdmans, 1968), 121-122. Ara wkoll, Daniel J. Harrington, *The Church according to the New Testament: What the Wisdom and Witness of Early Christianity Teach us Today* (Chicago: Sheed & Ward, 2001), 57-64.
47. Ara Rum 12:6-8. Dwar din il-lista u l-funzjonijiet differenti ta' dawn il-kariżmi, ara Joseph A. Fitzmyer, *Romans.* The Anchor Bible 33 (London: Geoffrey Chapman, 1992), 644-651; James D.G. Dunn, *Romans 9-16.* Word Biblical Commentary 38B (Dallas,Texas: Word, 1988), 725-735; James D.G. Dunn, *The Theology of Paul the Apostle* (Edinburgh: T&T Clark, 1998), 533-598.
48. Ara Rum 12:9.
49. Ara 1 Kor 12:4-11. Barra Spirtu wieħed, Mulej wieħed, u Alla wieħed, Pawlu jżid il-prinċipju ta' "għall-ġid ta' kulħadd" (v.7), dak li llum ngħidulu "common good," imma li sa minn żmien Pawlu kien meqjus bħala l-pedament ta' kariżma jew għall-individwu jew inkella għall-komunità.
50. Ara 1 Kor 12:7-10. 28.
51. Ara 1 Kor 12:7-9.
52. Ara 1 Kor 12:9-10.
53. Ara 1 Kor 12:10.
54. 1 Kor 12:4-6.
55. 1 Kor 12:11.
56. Ara 1 Kor 12:12-26.
57. Bla dubju ta' xejn, Pawlu kellu apprezzament kbir lejn il-profezija, li hija l-unika kariżma msemmija fit-tliet listi ta' kariżmi li jsemmi (Rum 12:4-8; 1 Kor 12:8-10; 1 Kor 12:28-31). Ara wkoll, 1 Tess 5:20 u 1 Kor 14:24-25. Għalkemm Pawlu qatt ma jsejjaħ lilu nnifsu "profeta" jidher li hu kien iqis lilu nnifsu f'din il-linja, hekk kif jirreferi wkoll għall-viżjonijiet tiegħu (ara 2 Kor 12:1-10) u l-attività profetika tiegħu (ara 1 Kor 13:2; 14:6). Il-kwestjoni kruċjali hija jekk Pawlu kienx iqis il-profezija bħala kariżma mogħtija lil xi persuni għal xi okkażjonijiet jew inkella jekk kienx iqis "il-profeti" bħala grupp ta' persuni li kienu jappartjenu lil xi livell ta' tmexxija tal-Knisja lokali. Skont W. Witherington, *Women in the Earliest*

*Churches*. Society of New Testament Studies 59 (Cambridge: Cambridge University Press, 1988), 94-95, pereżempju, Pawlu jużа l-kelma "profeta" sabiex jiddeskrivi dak li persuna kienet tagħmel, u mhux biex jindika xi uffiċċju fil-Knisja.

58. 1 Kor 12:28-29.
59. Ara 1 Kor 13.
60. Ara 1 Kor 13:2.
61. Ara 1 Kor 13:2b.
62. Ara 1 Kor 13:3.
63. Bosta studjużi jippreżentaw argumenti li bihom juru li din l-Ittra mhijiex miktuba minn San Pawl. Ara E. Best, *Ephesians*. International Critical Commentary (London: T&T Clark, 1998), 6-39; Rudolf Schnackenburg, *The Epistle to the Ephesians. A Commentary* (Edinburgh: T&T Clark, 1991), 24-29.
64. Efes 4:4.
65. Efes 4:7.
66. Efes 4:11.
67. Efes 4:12-13.
68. 1 Tess 5:12-13. Dwar it-tifsira ta' dawn it-termini f'1 Tessalonikin, ara Erkki Koskenniemi, "The Religious Authorities in the *Corpus Paulinum,*" in *Institutions of the Emerging Church*. Library of New Testament Studies 305, eds. Sven-Olav back and Eerkki Koskenniemi (London-New York: T&T Clark, 2019), 42-43.
69. 1 Tess 5:14.
70. 1 Tess 5:15.
71. 1 Tess 5:16-18.
72. 1 Tess 5:19.
73. 1 Tess 5:20-21.
74. Ara l-argumenti f'I. Howard Marshall, *The Pastoral Epistles*. International Critical Commentary (London: T&T Clark, 1999), 57-91.
75. Ara 1 Tim 1:3-10; 4:1-10; 6:3-6; 2 Tim 2:16-18.
76. Ara 1 Tim 1:10; 2 Tim 4:3; Titus 1:9.
77. Ara 1 Tim 6:3; 2 Tim 1:13.
78. Ara 1 Tim 6:20; 2 Tim 1:14.
79. Ara 1 Tim 1:15; 2 Tim 2:11-13; Titus 3:8.
80. Ara 1 Tim 1:4-6.
81. Ara 1 Tim 3:1-7.
82. Ara 1 Tim 5:17. Fl-istess Ittri Pastorali nsibu mill-ġdid istruzzjonijiet

li jixxiebhu. Ara Titu 1:5 fejn hemm dawk li kważi jirċievu t-titlu ta' "isqfijiet" fil-v.7 jew li huma msejħa "presbiteri" fil-v.5. Minbarra l-Ittri Pastorali, fin-narrattiva tal-Atti tal-Appostli, Pawlu jitkellem minn grupp ta' mexxejja fil-belt ta' Efesu li jsejħilhom "Isqfijiet" (Atti 20:28) meta ftit qabel, huwa kien sejħilhom "Presbiteri" (Atti 20:17). Fl-Ittri ta' San Pawl, imbagħad, eżattament fil-bidu tal-Ittra lil Filippin, Pawlu jsellem lil "Isqfijiet u djakni" tal-Knisja (Fil 1:1). Ara C.K. Barrett, "Paul's Address to the Ephesian Elders," in *God's Christ and His People,* eds. J. Jervell and W.A. Meeks (Oslo: Universitetsforlaget, 1977), 107-121. Ara wkoll, G.W. Hawthorne, *Philippians.* Word Biblical Commentary 43 (Waco: World, 1983), 1-13.

83. 1 Tim 5:17. Ara wkoll, 1 Tim 3:5. Fuq dan il-punt, ara William D. Mounce, *Pastoral Epistles.* Word Biblical Commentary 46 (Nashville: Thomas Nelson Publishers, 2000), 306-307.
84. Dwar il-viżjoni ta' San Injazju minn Antijokja għall-ġerarkija tal-Knisja ara, James Carleton Paget, "The Vision of the Church in the Apostolic Fathers," in *A Vision for the Church: Studies in Early Christian Ecclesiology,* eds., Markus Bockmuehl and Michael B. Thompson (Edinburgh: T&T Clark, 1997), 195-198; Daniel J. Harrington, *The Church according to the New Testament: What the Wisdom and Witness of Early Christianity Teach us Today* (Chicago: Sheed & Ward, 2001), 162-165.
85. Ara 1 Tim 3:8-13. Dwar dan, ara William D. Mounce, *Pastoral Epistles.* Word Biblical Commentary 46 (Nashville: Thomas Nelson Publishers, 2000), 193-212.
86. Fil-każ ta' Mattija li ġie magħżul mill-Appostli biex jimla l-post battal ta' Ġuda l-iskarjota, l-Atti tal-Appostli ma jsemmix il-ġest tat-tqegħid tal-idejn (ara Atti 1:26), għalkemm fil-każ ta' Ħananija naqraw li dan qiegħed idejh fuq Pawlu qabel ma għammdu (ara Atti 9:17).
87. Bħalma hu suġġerit f'Atti 6:6.
88. Bħalma jidher li hu t-tifsira f'Atti 13:3. Anke fl-Atti nsibu dan l-istess rit tat-tqegħid tal-idejn b'tifsira li mhijiex dik li fuqha qegħdin nitkellmu, imma speċi ta' "akkumpanjament" li jiddistingwi l-magħmudija ta' Ġwanni minn dik ta' Ġesù. Ara Atti 8:17; 19:4-6; ara wkoll 28:8.
89. 2 Tim 1:6.
90. 1 Tim 4:14. Jidher li dan ir-rit kellu jitkompla hekk kif Titu huwa mitlub: "biex [t]aħtar presbiteri f'kull belt, skont ma ordnajtlek." Anke jekk hawn it-tqegħid tal-idejn mhuwiex imsemmi b'mod espliċitu, jidher li fid-dawl ta' 1 Tim 5:22 din il-ħaġa hija impliċita: "Tkunx ħafif biex tqiegħed idejk fuq

dak li jkun." It-tqegħid tal-idejn hawn qed jesprimi mod tat-trażmissjoni tal-kariżma għal min hu magħżul sabiex imexxi fil-komunità ekkleżjali.

91. Dwar dan, ara Martin Micallef, "Il-Karatteristiċi tal-komunità Nisranija ewlenija fl-Atti tal-Apposti," *Knisja 2000,* n.60 (April-Ġunju 2002): 5-31.
92. Atti 2:44.
93. Ara Fil 2:6-11.
94. Ara Fil 2:4.

# Sinodi u Konċilji fi żmien Missirijiet il-Knisja tal-bidu (sekli 1-5)

Rev. Dr Jonathan Farrugia

X'nifhmu bil-kliem "sinodu" jew "konċilju"?

Fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu l-Knisja ma kinetx magħquda kif narawha llum; l-insara kienu gruppi differenti ta' komunitajiet, imsejħin knejjes, magħqudin bl-istess twemmin li Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex isalva lill-bniedem. Ma kienx hemm uniformità fil-liturġija jew fid-dixxiplina, u spiss anqas ma kien hemm uniformità fid-duttrina, fis-sens li kien hemm forom differenti ta' twemmin anke dwar l-aktar ħaġa bażika, dik tal-miġja tal-Iben ta' Alla fid-dinja. Waqt li kulħadd kien jemmen li Alla bagħat iben biex isalva, mhux kulħadd kien jaqbel dwar in-natura ta' dan l-iben u kif wassal is-salvazzjoni. Dawn id-differenzi, kultant serji, ma kinux wisq magħrufa minn komunità għal oħra minħabba l-awtonomija li kull komunità kienet tgawdi, u għaldaqstant aktar kien faċli biex komunità partikulari tagħraf il-varjazzjonijiet fit-twemmin jew fil-prassi li kienu jeżistu fost il-membri tagħha milli li tkun taf x'jemmnu membri ta' komunitajiet oħra.

Meta xi differenzi kbar fil-ħsieb – kemm fil-komunitajiet individwali u anke bejn komunitajiet differenti – kienu jsiru magħrufa, ġeneralment għax kien jinqala' l-inkwiet, kienu jissejħu l-laqgħat. Jekk kienet tkun kwistjoni interna, kienu jissejħu l-presbiteri tal-komunità u l-persuni li jkunu qed jipproponu xi ħaġa differenti; jekk kienet tkun kwistjoni bejn komunitajiet differenti, kienu jissejħu l-mexxejja tad-diversi komunitajiet u dawk minn komunitajiet fil-qrib li kellhom l-istess fehma. Dawn kienu jissejħu "sinodi" jew "konċilji" li essenzjalment ifissru l-istess ħaġa.[1] Jekk persuna kienet titpoġġa taħt akkuża ta' tagħlim żbaljat, argument li jxejjen il-proposti ta' dil-persuna kien jiġi preparat minn rappreżentant wieħed jew aktar tal-grupp akbar li ma kienx jaqbel ma' dan it-tagħlim

ġdid, però mhux nieqsa każijiet fejn minoranza takkuża l-maġġoranza li qed ixxerred tagħlim ħażin, bħalma kien il-każ tal-akkużi tal-Isqof Djonisju ta' Lixandra kontra l-komunità kbira tal-Millenaristi f'Arsinoe f'nofs it-tielet seklu.

Meta kien jissejjaħ sinodu, dan seta' jkollu eżiti differenti, skont kif il-parti akkużata tirrispondi: jekk l-akkużat jaċċetta l-korrezzjoni kien jibqa' parti mill-Knisja, iżda jekk iwebbes rasu kien jiġi skomunikat, u miegħu dawk kollha li jaqblu miegħu. Tajjeb inżommu f'moħħna li qabel ir-raba' seklu dawn is-sinodi u l-eżitu tagħhom kienu limitati għal zoni ġeografiċi speċifiċi, mhux għall-Knisja kollha. Mit-testi li waslulna minn dak iż-żmien għandna idea kemmxejn ċara ta' kif kienet il-proċedura biex komunità tasal biex tiddefinixxi d-duttrina korretta fuq tema partikulari u kif kull tagħlim li ma jaqbilx ma' din kien jiġi ttimbrat bħala ereżija. Mill-banda l-oħra ma nafux kif tagħlim ġdid li kien jisponta f'komunità partikulari u li kien jiġi aċċettat bħala tagħlim korrett, kien imbagħad jimxi minn komunità għal oħra sakemm isir twemmin tal-Knisja kollha. Nistgħu nagħtu bħala eżempju l-interpretazzjoni platonika tat-Trinità fejn it-tieni persuna tiġi identifikata mal-Logos: dan it-taqbil jidher għall-ewwel darba fir-raba' Evanġelju, imbagħad jidher fil-kitbiet ta' Ġustinu f'Ruma f'nofs it-tieni seklu u mit-tielet seklu jidher u jiżviluppa f'Lixandra sakemm sar it-twemmin komuni fil-Knisja kollha.

L-eqdem laqgħat ta' dan it-tip li nafu bihom ġejjin minn tmiem it-tieni seklu; seħħew fl-Asja Minuri (it-Turkija tal-lum) u fil-Palestina u t-temi trattati minn mexxejja ta' diversi komunitajiet kienu l-kwistjoni tas-setta tal-Montanisti u d-data meta kellu jiġi ċelebrat il-Għid. Dawn kienu sinodi ta' natura dixxiplinarja u liturġika. L-ewwel sinodu magħruf li ssejjaħ biex fih tiġi diskussa biss kwistjoni dottrinali kien dak li seħħ f'Antijokja fis-sena 268 li fih ġie kkundattat it-tagħlim kristoloġiku-adozjonista żbaljat tal-Isqof Pawlu. Sa dak iż-żmien il-linji-gwida ġenerali tal-ortodossija kienu ġa definiti u xi ftit jew wisq it-twemmin dwar l-Inkarnazzjoni kien milqugħ minn kulħadd. Forma oħra ta' sinodalità li kienet preżenti fl-ewwel żewġ sekli imma li ma fadlilniex traċċi tagħha kienet dik epistolarja: żgur li l-Isqfijiet kienu jiddiskutu kwistjonijiet dottrinali, dixxiplinarji jew liturġiċi permezz ta' ittri flok laqgħat.

Is-sitwazzjoni nbidlet bil-miġja tal-Imperatur Kostantinu li wara s-sena 313 sar il-mexxej tal-Insara; tajjeb niftakru li sa aktar tard fis-seklu 4, l-imperatur – meta dan kien nisrani – kien il-mexxej tal-Knisja wkoll. Kien hu li sejjaħ l-ewwel konċilju ekumeniku li fih nominalment kellhom jieħdu sehem l-Isqfijiet tal-aktar ċentri importanti fid-dinja nisranija. F'dan il-konċilju, li seħħ fis-sena 325 f'Niċea, Kostantinu ried ipoġġi quddiem il-Knisja kollha problema li kienet inqalgħet f'Lixandra, wara l-konflitt duttrinali li żviluppa bejn il-presbiteru Arju u l-Isqof tiegħu Alessandru. Fi tmiem dan il-konċilju ġiet miktuba stqarrija tal-fidi li kellha tkun mandatorja għall-knejjes kollha; kienet l-ewwel darba li saret xi ħaġa bħal din għax sa dak iż-żmien kull komunità kien ikollha l-istqarrija tal-fidi tagħha li fiha kienu jissemmew il-punti l-aktar fundamentali tat-twemmin f'Alla Trinità u l-Iben li sar bniedem, ma kienx hemm forma fissa għal kullimkien. Wara Niċea l-konċilji ekumeniċi tal-antikità dejjem kienu jissejħu mill-imperaturi, mhux mill-Isqfijiet. Dak li kien jagħmel konċilju "ekumeniku", jiġifieri "ta' kulħadd", kien proprju dan il-fattur li jissejjaħ mill-imperatur, il-mexxej tal-Knisja; sinodu reġjonali msejjaħ minn Isqof ta' belt importanti, bħal Lixandra, Antijokja, Ruma jew Kartaġni, għall-Isqfijiet tad-dawra ma kienx ekumeniku għax ma kienx "ta' kulħadd" imma ta' żona ċirkonċiża ħafna mid-dinja nisranija. L-unika kundizzjoni biex konċilju msejjaħ minn imperatur ma jitqiesx bħala ekumeniku kienet meta l-konklużjonijiet tiegħu jiġu rifjutati mill-maġġoranza tal-knejjes jew inkella jiġu rifjutati mill-imperatur li jiġi wara. Każ magħruf huwa dak tat-tieni konċilju ta' Efesu, li ssejjaħ mill-imperatur Teodożju II fis-sena 449, u li mbagħad ġie rifjutat fil-konċilju ta' Kalċedonja li ssejjaħ mill-imperatur Marċjanu fis-sena 451.

Meta nitkellmu fuq "konċilju ekumeniku" f'dawn is-sekli għandna nifhmu żewġ forom. L-ewwel waħda hija dik storika: bħalma għedna, konċilju jitqies bħala ekumeniku meta jissejjaħ mill-imperatur li jiddeċiedi li jpoġġi quddiem il-knejjes kollha suġġett partikulari għad-diskussjoni. Ladarba konċilju kien jissejjaħ mill-imperatur, il-konklużjonijiet tiegħu jsiru mandatorji għal kulħadd meta hu jaċċetthom u jibdel dal-konklużjonijiet f'liġijiet li kulħadd irid jobdihom. It-tieni forma li għandna nifhmu meta nitkellmu fuq konċilji ekumeniċi ta'

dawn is-sekli bikrin hija dik konfessjonali (jiġifieri li għandha x'taqsam mal-fidi). Din tiġbor fiha biss dawk il-konċilji, imsejħa mill-imperaturi, li ġew milqugħa mill-knejjes u aċċettaw il-konklużjonijiet tagħhom bħala parti mid-depożitu tal-fidi. Dan ifisser li dawk li aħna llum nirreferu għalihom bħala konċilji ekumeniċi tal-ewwel sekli huma fil-fatt dawn tat-tieni kategorija, għax fir-realtà l-imperaturi kienu sejħu aktar konċilji. Fl-ewwel ħames sekli ġew imsejħa mill-inqas disa' konċilji "ekumeniċi" mill-imperaturi (f'Niċea, f'Serdika, f'Rimini, f'Selwċja, tnejn f'Kostantinopli, tnejn f'Efesu u ieħor f'Kalċedonja), imma t-tagħlim ta' erbgħa minnhom biss intlaqa' mill-knejjes kollha (dawk ta' Niċea tat-325, ta' Kostantinopli tat-381, l-ewwel ta' Efesu tal-431 u ta' Kalċedonja tal-451).

**Notamenti fuq xi sinodi u konċilji tar-raba' seklu li għandhom il-kanoni tagħhom**

B'xorti ħażina ħafna mis-sinodi reġjonali li saru fl-ewwel tliet sekli ma għandniex l-atti tagħhom u nafu bihom biss permezz tad-dettalji li nsibu f'kitbiet aktar tardivi, speċjalment mill-kitba monumentali ta' Ewsebju ta' Ċesarija *L-Istorja tal-Knisja*. Huwa mir-raba' seklu 'l quddiem li nsibu l-atti sħaħ tal-konċilji msejħa mill-imperaturi u ta' xi sinodi reġjonali li saru biex jiġu ċċarati xi punti fid-duttrina. F'din it-taqsima se nagħtu daqqa t'għajn ħafifa ħafna ta' wħud minn dawn l-ewlenin. L-eżempji magħżula jitfgħu ftit dawl fuq it-tipi differenti ta' laqgħat li kienu jsiru, kemm reġjonali kif ukoll ekumeniċi, u jagħtu ħjiel dwar x'tip ta' temi kienu jiġu diskussi.

**Is-Sinodu ta' Ankira (314)**

Dan kien presedut mill-Isqof Vitale ta' Antijokja u attendew għalih inqas minn 20 Isqof minn bliet fl-Asja Minuri u fis-Sirja. Nofs il-kanoni jagħtu struzzjonijiet kif kellhom jiġu trattati l-insara li ċaħdu l-fidi matul il-persekuzzjonijiet, skont il-grad tagħhom fil-Knisja: l-ewwel il-presbiteri, imbagħad id-djakni, imbagħad il-poplu. L-attitudni lejn dawn in-nies kienet waħda ta' ħniena u fil-fatt jingħataw spazju għall-penitenza u l-konverżjoni. Temi oħra li ġew trattati f'dan is-sinodu kienu l-adulterju, il-prostituzzjoni, il-qtil tat-trabi, il-bestjalità, l-abort, l-omiċidju u l-maġija.

**Is-Sinodu ta' Neoċesarija (bejn it-314 u t-319)**

Bħal ta' qalbu dan ukoll kien presedut minn Vitale ta' Antijokja u ladarba ma jsemmix il-kwistjoni tal-apostati, nifhmu li sar wara dak ta' Anċira meta l-persekuzzjonijiet kienu spiċċaw, u sar qabel is-sena 319 meta Vitale miet. Sar fil-Kappadoċja u laqqa' 17-il Isqof mill-Galizja, mis-Sirja, mill-Palestina u mill-Armenja. Fih numru ta' kanoni li jittrattaw il-moralità sesswali u oħrajn dwar il-kleru. Punti interessanti li jiġu trattati huma ċ-ċaħda taż-żwieġ għas-saċerdoti għax inkella jiġi lajċizzati, il-penitenza li kellha tingħata lil min jiżżewweġ għat-tieni darba, u li l-magħmudija ta' mara tqila ma kinetx tiswa għat-tarbija li kellha f'ġufha.

**Il-Konċilju Ekumeniku ta' Niċea (325)**

Dan issejjaħ mill-imperatur Kostantinu, probabilment fuq suġġeriment tal-Isqof Ossju ta' Kordova, biex jinstab ftehim wara t-taqlib li kkawża t-tagħlim ta' Arju f'Lixandra u fi bliet oħra. Dan sostna li Kristu ma kellux l-istess natura bħall-Missier imma kien ħlejqa ogħla mill-bqija. Skont Ewsebju ta' Ċesarija l-konċilju beda nhar l-20 ta' Mejju 325 u għalih attendew 250 Isqof mil-Lvant u mill-Punent. Milli nifhmu mid-dettalji li għandna Kostantinu kien preżenti, ħa sehem fl-argumentazzjoni imma ma ppresjediex hu; it-tmexxija għall-ewwel kienet f'idejn Ossju, imbagħad għaddiet f'idejn Ewstazju ta' Antijokja u Alessandru ta' Lixandra. L-eżitu ta' dan il-konċilju kienet il-kundanna ta' Arju u l-formulazzjoni ta' stqarrija ta' fidi li fiha l-Iben huwa msejjaħ "natura waħda" mal-Missier. Apparti dil-kwistjoni, il-konċilju ddiskuta wkoll id-data meta għandu jiġi ċelebrat l-Għid fil-Knisja kollha u ġie deċiż li kulħadd kellu jiċċelebra din il-festa flimkien mal-knejjes ta' Ruma u ta' Lixandra. Punti oħra diskussi kienu x-xiżma li nqalgħet f'Antijokja wara l-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu, it-tmexxija tal-presbiteri, kif kellhom jiġu trattati x-xiżmatiċi u l-eretiċi u xi normi liturġiċi.

**Is-Sinodu ta' Gangra (madwar it-340)**

Ir-raġuni ewlenija għala dan is-sinodu ssejjaħ kien biex jiġi studjat u kkundannat il-każ tal-Isqof Ewstazju ta' Sebaste. Ħadu sehem 14-il Isqof miz-zona ta' Pontu fl-Asja Minuri taħt it-tmexxija ta' Ewsebju ta' Nikomedja. Apparti xi żbalji dottrinali Ewstazju kien akkużat ukoll

minħabba li kien jippromwovi monakiżmu rigorist iżżejjed, kien kontra ż-żwieġ u l-familja, kien ċaħħad lil kulħadd milli jieħu sehem f'quddiesa ċelebrata minn presbiteri miżżewġin,[2] kien iħeġġeġ lill-ilsiera ma jobdux lil sidienhom jekk dawn kienu pagani, kien ċaħħad lil kulħadd milli jiekol laħam, u estremiżmi oħra. Il-kanoni ta' dan il-konċilju jħeġġu lil min jaqrahom jgħix ħajja moderata jekk jagħżel l-axxetiżmu waqt li jiddefendi ż-żwieġ u l-familja.

## Il-Konċilju ta' Serdika (343)

Dan huwa wieħed minn dawk il-konċilji msejħa minn imperaturi imma li ma ħadux it-titlu ta' konċilju ekumeniku. Issejjaħ mill-imperaturi aħwa Konstans u Kostanzu, ulied Kostantinu, biex jippruvaw jilħqu ftehim wara l-kuntrasti li nqalgħu bejn l-insara tal-Lvant u tal-Punent bħala konsegwenza tal-kriżi Arjana.[3] Intgħażlet il-belt ta' Serdika (illum Sofia fil-Bulgarija) għax kienet belt tal-Punent imma qrib ħafna tal-fruntiera mal-Lvant, u għalhekk kien post fejn kulħadd seta' jasal b'faċilità. B'kollox iltaqgħu madwar 100 Isqof mill-Punent u 70 mil-Lvant. Mill-ewwel inqala' aktar ġlied għax l-Isqfijiet tal-Punent riedu li jieħdu sehem tliet Isqfijiet tal-Lvant li kienu ġew skomunikati minn bliethom, imma riabilitati mill-Isqof ta' Ruma. Dan wassal biex wara ftit ġranet l-Isqfijiet tal-Lvant skomunikaw lill-Isqfijiet kollha tal-Punent u telqu. L-Isqfijiet tal-Punent ma ħabblux rashom, u baqgħu Serdika jiddiskutu u ħarġu l-kanoni li ftehmu fuqhom. Fosthom naqraw il-projbizzjoni li Isqfijiet jibdlu d-djoċesi, ir-rakkomandazzjoni biex kemm jista' jkun l-Isqfijiet jevitaw li jmorru għand l-imperatur, u d-deċiżjoni li Isqof ma setax idum aktar minn tlett ħdud wara xulxin bogħod mid-djoċesi. Lanqas il-presbiteri u l-monaċi ma setgħu jitwarrbu fit-tul mid-djoċesi tagħhom. Insibu wkoll struzzjonijiet biex l-Isqfijiet ma jistidnux presbiteri minn djoċesijiet oħra biex jinkardinaw għandhom, biex ma jordnawx lajċi bħala Isqfijiet u li ma jqarbnux lajċi li kienu ġew skomunikati mill-Isqfijiet tagħhom. Tissemma wkoll il-possibilità li kellhom Isqfijiet li ġew deposti f'sinodi provinċjali biex jappellaw għand l-Isqof ta' Ruma biex jiġu rijabilitati. Barra minn hekk, jekk Isqof jiġi mkeċċi mid-djoċesi tiegħu għax jiddefendi l-fidi kellu jiġi milqugħ bħala mistieden fi djoċesi fil-qrib sakemm ikun jista' jmur lura.

**Il-Konċilju Ekumeniku ta' Kostantinopli I (381)**

Dan seħħ meta l-imperatur Teodożju laqqa' 150 Isqof bejn Mejju u Lulju tas-sena 381. L-ewwel sessjonijiet tmexxew minn Melezju ta' Antijokja sa ma miet ftit ġranet wara, imbagħad mill-patrijarka ta' Kostantinopli Girgor ta' Nazjanzu sakemm abdika ftit ġimgħat wara, u fl-aħħar mill-patrijarka l-ġdid Nettarju. Il-kwistjoni ewlenija kienet id-definizzjoni tat-Trinità u d-divinità tal-Ispirtu s-Santu, li ġiet miċħuda minn numru ta' Isqfijiet li telqu mill-konċilju. Ġew diskussi xi punti dixxiplinarji fosthom li Isqof ma setax jindaħal fid-deċiżjonijiet ta' djoċesi oħra. Għal darb'oħra ġie kkundannat – did-darba b'mod definittiv – l-Arjaniżmu u miegħu anke l-Apollinariżmu. L-aktar eżitu li ħalla impatt fuq il-Knisja kien l-adattament tal-istqarrija tal-fidi ta' Niċea li ġiet aġġornata skont it-tagħlim fuq l-Ispirtu s-Santu u aspetti oħra ta' Kristoloġija; dan huwa l-Kredu li għadu jingħad sal-lum fil-knejjes kollha.

**Is-Sinodu ta' Kostantinopli (394)**

Dan issejjaħ mill-patrijarka Nettarju biex jiġi studjat il-każ ta' Gabadju li ġie depost mis-sede tiegħu ta' Bostra xi snin qabel minn żewġ Isqfijiet. Dan kien appella Ruma, skont ma kien ġie konfermat fil-konċilju ta' Serdika, u l-Papa Siriċju qabbad lill-patrijarka ta' Lixandra, Teofilu, biex jistudja l-każ. F'dan il-konċilju ġie deċiż li Isqof ma setax jiġi depost minn żewġ Isqfijiet jew tlieta, imma kellu jiġi depost minn sinodu.

**Noti**

1. Biż-żmien "konċilju" bdiet tintuża biex tirreferi għal dawk il-laqgħat għall-Isqfijiet kollha li d-deċiżjonijiet tagħhom ħallew marka fuq id-duttrina tal-Knisja universali.
2. Sa dan iż-żmien, bħalma għandna prassi fil-Lvant sal-lum, is-saċerdoti setgħu jiżżewġu.
3. Fit-teorija, l-Arjaniżmu kien ġie kkundannat fis-sena 325, imma fil-prattika baqa' jeżisti almenu sas-sena 381.

## Bibljografija

Aubert, R.-Fedalto, G.-Quaglioni, D. *Storia dei concili*. Milani: Edizioni San Paolo, 1995.

Di Berardino, A., ed. *I canoni dei concili della Chiesa antica. Vol. 1, I concili greci*. Studia Ephemeridis Augustinianum 95. Roma: Institutum Patristicum Augustinianum, 2006.

Prinzivalli, E.-Simonetti, M. *La teologija degli antichi cristiani*. Brescia: Morcelliana, 2012.

Stevenson, J., ed. *Creeds, Councils and Controversies*. London: SPCK, 1989.

# Is-Sinodalità: Riflessjonijiet Teoloġiċi

Mons. Prof. Hector Scerri

Fil-kuntest tas-Sinodu li l-Knisja Universali qed tgħix bħalissa, kif ukoll id-diversi proċessi sinodali li l-Knisja lokali – kemm f'Malta, kif ukoll f'Għawdex – għexet fil-passat riċenti, jixraq li nirriflettu dwar is-sinodalità mil-lenti tat-teoloġija sistematika, partikolarment fid-dawl tal-ħsieb ta' Papa Franġisku.[1] Matul l-aħħar ħamsin sena, saru diversi studji dwar il-kunċett u l-esperjenza ta' *Sinodu* mil-lenti tal-Liġi Kanonika. Ta' min ngħidu li l-ewwel studju riċerkat dwar is-Sinodu mill-aspett tat-teoloġija pastorali kienet it-teżi tad-dottorat ta' Dun Joseph Galea Curmi, aktar tard Isqof Awżiljarju ta' Malta.[2] Din it-teżi li ġiet difiża fl-Università Pontifiċja tal-Lateran fit-23 ta' Ġunju 1998 kienet apprezzata u mfaħħra bħala riċerka serja u sistematika dwar is-Sinodu, mhux abbażi tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika jew dokumenti kanoniċi oħra.

Qabel ma wieħed jasal li jitkellem dwar it-teoloġija u l-esperjenza tas-Sinodu tal-Isqfijiet, irridu nifhmu sew u nħaddnu t-tifsira ta' dan l-aspett kostituttiv tal-Knisja fid-dawl tal-ekkleżjoloġja tal-Konċilju Vatikan II. Tajjeb li mill-bidunett ta' dan l-artiklu nifhmu li għalkemm hemm differenza fl-organizzazzjoni u l-prassi tas-Sinodu tal-Isqfijiet, fuq naħa, u s-Sinodi Djoċesani, fuq oħra, il-kunċett bażiku tas-sinodalità jorbot flimkien u jqarreb iż-żewġ esperjenzi lejn xulxin. Huwa dan il-kunċett li se nistudjaw flimkien f'dan l-artiklu. Huwa kunċett li jimmarka b'mod distintiv l-ekkleżjoloġija ta' Vatikan II u dik postkonċiljari. Papa Franġisku jisħaq li "il-mixja tas-sinodalità hi l-mixja li Alla jistenna mill-Knisja tat-tielet millennju ... Hi dimensjoni kostituttiva tal-Knisja ... (u) dak li l-Mulej qed jitlob minna."[3]

**Kunċetti bażiċi**

L-esperjenza pastorali-ekkleżjali tas-Sinodu Djoċesan u tas-Sinodu tal-Knisja Universali hi ankrata fl-esperjenza tal-komunjoni, jew *koinonia*.[4] F'kull każ, id-dixxerniment komunitarju u d-diskussjoni jsiru bis-sehem ta' firxa ta' membri tal-Knisja. Flimkien huma jisimgħu lil xulxin, jaqraw is-sinjali taż-żminijiet, jitolbu, jirriflettu flimkien, jevalwaw sitwazzjonijiet pastorali differenti, jagħmlu d-dixxerniment u jippjanaw għall-futur.[5]

Is-Sinodi jafu l-bidu tagħhom fl-ewwel sekli tal-Knisja, u kienu jsiru fi djoċesi partikulari jew f'reġjun li fih kien hemm diversi Knejjes lokali. Mir-raba' seklu 'l quddiem, nafu bil-konvokazzjoni ta' bosta sinodi, speċjalment fl-Iberja (i.e. Spanja tal-lum) u fil-Gallja (Franza), kif ukoll fl-Afrika ta' fuq u fil-Lvant tal-Mediterran. Matul is-sekli, minn żmien għal żmien, baqgħu jsiru s-sinodi, spiss minħabba l-ħtieġa ta' deċiżjonijiet urġenti dwar materji dottrinali jew dixxiplinari. Fihom kienu jieħdu sehem l-isqfijiet u l-presbiteri biss.

Però, wara l-Konċilju Vatikan II, is-sinodi ħadu format u nifs ġdid. Minn tmiem is-snin 60 tas-seklu li għadda, ninnutaw bħal fjoritura ta' sinodi pastorali djoċesani. Fl-istess ħin ukoll, irridu nsemmu xi ħaġa oħra li seħħet fl-istess perjodu. Fl-1965, fi tmiem il-Konċilju, il-Papa San Pawlu VI waqqaf istituzzjoni ġdida – is-Sinodu tal-Isqfijiet, meta Isqfijiet minn madwar id-dinja ltaqgħu b'mod regolari għal madwar xahar, bejn wieħed u ieħor kull tliet snin, biex jiddiskutu u japprofondixxu tema partikulari.

Hu importanti li nisħaq dwar il-bidla fondamentali mis-Sinodi li seħħew qabel il-Konċilju Vatikan II u dawk kollha li ġew wara. Din il-bidla radikali tirrifletti l-iżvilupp fl-ekkleżjoloġija mis-snin 50 tas-seklu li għadda. Għalhekk, ninnutaw li minn sinodi li fihom kienu jieħdu sehem il-kjeriċi biss (isqfijiet u saċerdoti, u forsi d-djakni), *is-sinodi postkonċiljari saru esperjenzi meraviljużi tal-Poplu kollu t'Alla*. Spiss, is-sinodi ta' qabel il-Konċilju kienu ġrajjiet qosra ta' ftit jiem fejn dawk preżenti kienu japprovaw dokumenti u leġiżlazzjoni li jkunu tħejjew minn qabel. Min kien preżenti kien bħal *rubber stamp* għal dokumenti ta' natura dixxiplinari jew kanonika. Id-diskussjoni kienet nieqsa. Is-sinodi postkonċiljari, min-naħa l-oħra, saru esperjenza intensa ta'

parteċipazzjoni tal-Poplu kollu t'Alla u ġrajja pastorali ta' dixxerniment ekkleżjali li kien ibbażat fuq it-talb, is-smigħ tal-Kelma t'Alla u s-smigħ ta' xulxin fi spirtu ta' komunjoni. Dawn is-sinodi saru jtulu għal perjodi ta' xhur, jekk mhux snin, biex il-proċess kollu jsir kif imissu.

*Is-sinodi postkonċiljari huma esperjenza pastorali għall-Poplu kollu t'Alla f'post partikulari*. Dan hu s-sinodu djoċesan. Naturalment, il-ġrajja tas-Sinodu tal-Isqfijiet għandu dimensjonijiet ferm usa' minn sinodu djoċesan. Wieħed għad irid jara kif se tiżviluppa l-esperjenza tas-Sinodu attwali (2021-2023) li għandu bħala tema s-sinodalità nnifisha. Wieħed għad irid jara kif se jkompli jkun is-sehem dirett jew indirett tal-Poplu kollu t'Alla f'dan il-proċess ta' bħalissa, kif ukoll dak li eventwalment iseħħ fit-tieni nofs tal-2023.

**It-Teoloġija tas-Sinodalità**[6]

Fl-Ittra Appostolika tiegħu bi tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, *Tertio Millennio Adveniente* (10 ta' Novembru 1994), il-Papa San Ġwanni Pawlu II għamel referenza għall-bosta esperjenzi sinodali fil-Knisja wara Vatikan II. Hu jirreferi għal "Sinodi ġenerali, flimkien ma' Sinodi kontinentali, reġjonali, nazzjonali u djoċesani. It-tema li qegħda fil-bażi tagħhom lkoll hi l-evanġelizzazzjoni, jew aħjar l-evanġelizzazzjoni l-ġdida ... Dawn is-Sinodi ... twieldu mill-viżjoni li l-Konċilju Vatikan II ta lill-Knisja. Huma jifirxu oqsma wesgħin għall-parteċipazzjoni tal-lajċi ... Huma espressjoni tal-qawwa li Kristu ta lill-Poplu kollu t'Alla, filwaqt li jagħmlu sieħeb fil-missjoni messjanika tiegħu bħala Profeta, Saċerdot u Sultan." (n.21)

Kif diġà rajna aktar 'il fuq, is-sinodi djoċesani ċċelebrati fl-aħħar 55 sena huma spiss immarkati minn spirtu qawwi ta' sinodalità – jiġifieri spirtu ta' komunjoni u qsim (*sharing*), filwaqt li ssir mixja flimkien, mixja li fiha kulħadd jimxi bil-pass tiegħu, u fejn kulħadd għandu kontribut x'jagħti. Minn dan joħroġ l-aspett pastorali ta' dawn is-sinodi.

Aspett ieħor importanti li għandna nsemmu hu *l-għan tad-dixxerniment ekkleżjali li jseħħ fil-kuntest ta' sinodu*. L-għan ta' kull sinodu hu li "jgħin lill-isqof fl-eżerċizzju tal-uffiċċju tiegħu li jiggverna il-komunità Nisranija."[7] Dawk li jissejħu sabiex jikkollaboraw mal-isqof waqt sinodu djoċesan huma mfakkra li din hija ħidma u impenn

li għandu jittieħed b'responsabbiltà. Dawk li jippartecipaw fis-sinodu (djoċesan) "jassistu lill-isqof djoċesan billi jifformulaw l-opinjoni jew il-*votum* tagħhom" li hi konsultattiva.[8]

Hu fatt magħruf u pożittiv li wara Vatikan II, l-isqfijiet fil-Knejjes lokali rispettivi tagħhom bdew jippruvaw bosta esperimenti dwar kif ipoġġu fil-prattika u għalhekk japplikaw il-viżjoni tal-Konċilju fost il-Poplu t'Alla afdat f'idejhom. Ħafna isqfijiet bdew jifhmu aħjar li s-sinodu hu esperjenza pastorali tal-Poplu kollu t'Alla fid-djoċesi, fejn l-imgħammdin kollha huma msejħa biex jagħtu sehemhom fit-tiġdid tal-Knisja. Tabilħaqq, is-sinodu mhuwiex xi istituzzjoni klerikali jew xi tip ta' parlament, imma eżerċizzju ta' parteċipazzjoni u ta' kollaborazzjoni għall-fidili kollha. Kif rajna qabel, l-akbar bidla li seħħet fis-sinodi djoċesani hi l-parteċipazzjoni attiva tal-lajċi. Is-sinodalità, għalhekk, ma tħalli lil ħadd barra. Kulħadd hu msejjaħ biex jagħti sehmu waqt fażijiet differenti tal-proċess sinodali, u dan is-sehem hu wieħed differenti, skont kif persuni differenti jistgħu jagħmlu dan. *Hu meħtieġ li nifhmu t-teoloġija tas-sinodalità f'rabta intrinsika mal-viżjoni mġedda tal-Knisja li seħħet fis-snin li wasslu lill-Poplu t'Alla għall-ġrajja providenzjali tal-Konċilju*, liema viżjoni ġiet mhux biss approvata imma saret l-istess esperjenza tal-Konċilju. Dan ma jfissirx li ma kienx hemm reżistenza għal dan il-proċess qabel, waqt u wara Vatikan II (saħansitra sal-lum stess). Però, ma nistgħux ma napprezzawx il-bidliet kbar li jimmarkaw l-ekkleżjoloġija tal-aħħar sittin sena jew aktar, fosthom l-importanza tal-Knisja lokali, il-korresponsabiltà fil-Knisja, il-ftuħ tal-Knisja lejn id-dinja, it-tiġdid fil-liturġija, l-importanza speċjali mogħtija lill-Kelma t'Alla, u l-ftuħ ekumeniku. Intenni ngħid li dawn l-aspetti kollha, u oħrajn relatati, huma kollha proċessi (u għalhekk jibqgħu dejjem *work in progress*) li jagħmlu l-esperjenza valida u fondamentali tas-sinodalità t-triq tal-Knisja tal-lum u ta' għada.

**It-Teoloġija tal-Komunjoni**

Biex nifhmu aħjar is-sinodalità, hu meħtieġ li nistudjaw bir-reqqa u napprezzaw l-*iter* (jiġifieri l-vjaġġ) ta' bosta sinodi, kif dawn ġew anki spiss ippubblikati bħala parti mid-dokument finali tal-istess esperjenza.

Għandna f'idejna l-pubblikazzjoni lokali tad-dokument finali tas-Sinodu tad-djoċesi t'Għawdex (1994) u d-dokumenti finali tas-Sinodu tal-Arċidjoċesi ta' Malta (2003). It-teżi ta' Galea Curmi li semmejna qabel, tanalizza b'reqqa kbira l-esperjenza sinodali ta' mijiet ta' sinodi djoċesani li saru madwar id-dinja, fi djoċesijiet differenti, tul medda ta' madwar tletin sena. Kif jixhed dan l-istudju li kien konkluż fl-1998, l-esperjenzi sinodali huma differenti ħafna. Dan jixhed il-vitalità tal-Knejjes lokali f'partijiet differenti tad-dinja, u għalhekk f'kuntesti bil-wisq varjati. Però, minkejja din il-varjetà kollha, hemm bħal ħajta tad-deheb li tgħaddi minnhom ilkoll – *l-enfasi fuq il-Knisja bħala komunjoni,*[9] *u l-importanza tad-dixxerniment ekkleżjali u l-ippjanar pastorali*. Dan tal-aħħar, kif isostni ta' spiss Papa Franġisku m'għandux ikun ippjanar strutturat, imma aktar mifhum u mgħix bħala proċessi kontinwi ta' tiġdid pastorali.[10] Dan kollu għandu bħala għan tiegħu li joffri viżjoni ċara għall-Knisja filwaqt li tkun qed tgħix sitwazzjoni soċjali u spiritwali partikulari, imma li tkun dejjem qegħda tevolvi.

**Id-dixxerniment ekkleżjali u l-effetti tiegħu**

X'jinvolvi d-dixxerniment li qed nitkellmu dwaru fil-kuntest tas-sinodalità? Dan jitlob li d-djoċesi kollha – fil-każ ta' sinodu djoċesan – tinġabar f'assemblea: l-isqof, il-presbiteri u l-lajċi minn kull aspett tal-ħajja,[11] *biex flimkien ifittxu jifhmu dak li l-Ispirtu s-Santu qiegħed inebbaħhom dwar is-sitwazzjoni li l-Knisja tkun għaddejja minnha, u dwar kif il-Knisja tista' twieġeb tajjeb għas-sinjali taż-żminijiet li qegħda tara*. Dan ifisser li l-esperjenza tas-sinodalità hi marbuta ħafna mat-tiġdid ekkleżjali għax il-Knisja teżamina lilha nfisha, tiżen tajjeb l-istil (jew l-istili) pastorali tagħha, tfittex li ġġedded il-membri u l-istrutturi tal-komunjoni, u dan kollu filwaqt li timpenja ruħha li tgħix l-Evanġelju fid-dinja llum.

Is-sinodalità fil-livelli kollha tal-Knisja – kemm f'livell universali, kif ukoll f'livell lokali ta' djoċesi, imma wkoll fil-livell l-aktar kapillari ta' parroċċa,[12] moviment ekkleżjali jew istituzzjoni ekkleżjali, bħal kummissjoni – hi realtà li ssaħħaħ il-Knisja fil-fedeltà tagħha lejn Kristu u lejn il-bniedem. Għaldaqstant, stil sinodali mhuwiex biss stil li jwassal biex l-istrutturi tal-komunjoni jissaħħu jew il-kollaborazzjoni

tkun iffaċilitata jew biex issir il-pjanifikazzjoni pastorali. Huwa, qabel kollox, tweġiba għas-sejħa Nisranija li nkunu fidili lejn il-Mulej, waqt li, bħala komunità, infittxu d-dawl u l-gwida tal-Ispirtu tiegħu. Dan kollu jwassalna biex intennu li sinodu hu ġrajja ta' importanza pastorali kbira għall-Knisja, kemm universali, kif ukoll lokali. Isiru l-prijoritajiet pastorali u tittieħed direzzjoni biex titwettaq il-missjoni pastorali tal-Knisja.

Is-sinodalità, kull meta tingħex tabilħaqq, hija ċelebrazzjoni ta' dak kollu li tfisser l-espressjoni *Knisja-komunjoni*. Is-sinodalità twassal għal ġrajjiet, esperjenzi u stili pastorali li jwasslu lill-imgħammdin jifhmu aħjar in-natura tal-Knisja. Xi esperjenzi sinodali ġieli ħadu fit-tul. Dan aktarx li seħħ għax kien hemm l-impenn li ssir konsultazzjoni wiesgħa biex jinstema' numru akbar ta' persuni, gruppi, movimenti u istituzzjonijiet tal-Knisja waqt il-proċess tad-dixxerniment. Biex l-esperjenza ta' sinodu tagħti l-frott, hu meħtieġ li ssir fażi preparatorja li anki tasal li tidħol f'ċerti dettalji. Dan iwassal biex il-fażi ċelebrattiva ta' sinodu (jiġifieri meta jsiru laqgħat fl-assemblea plenarja) tkun organizzata tajjeb u jingħelbu ċerti ostakli li jistgħu jinqalgħu.

**Knisja li tisma' u tiddjaloga ... għas-servizz tal-għaqda**

L-esperjenza tas-sinodalità twassal lill-Insara biex iħossu li huma tassew aġenti involuti fil-bini ta' Knisja li mhix magħluqa fiha nfisha, u għalhekk hi Knisja li *tisma' lil kulħadd* u li *tiddjaloga ma' kulħadd*. Fl-ewwel enċiklika tiegħu *Ecclesiam suam*, il-Papa San Pawlu VI saħaq ħafna dwar il-Knisja li tkun dejjem fi djalogu.[13] Hu fatt magħruf li l-aktar riżultat pożittiv taċ-ċelebrazzjoni ta' sinodu hu l-ħolqien ta' spirtu awtentiku ta' sinodalità u l-promozzjoni ta' dan l-ispirtu. L-Istruzzjoni tal-1997 dwar is-Sinodi[14] tisħaq dwar żewġ dimensjonijiet importanti li ġew deskritti bħala "aspetti indispensabbli tal-attivitajiet pastorali tal-Knisja" – il-komunjoni u l-missjoni.[15] Dan id-dokument jisħaq li "is-sinodu mhux biss jimmanifesta u jattwalizza l-komunjoni ekkleżjali ġewwa djoċesi, imma jibni u jġib 'il quddiem l-istess għaqda, speċjalment fid-dikjarazzjonijiet u d-digrieti tiegħu."[16] Is-sinodalità tgħin biex jikber spirtu ta' żelu appostoliku li hu tant meħtieġ biex jiġu ispirati tant ħidmiet appostoliċi fil-Knisja. Is-

sinodalità tikkontribwixxi biex it-tmexxija fil-Knisja tkun imġedda kontinwament – tkun tmexxija li tissarraf kontinwament f'qadi diżinteressat, kif ukoll fil-bini ta' komunitajiet ta' dixxipli missjunarji, kif spiss iħobb itenni Papa Franġisku.

## Temi fondamentali li joħorġu mill-esperjenzi tas-Sinodu u tas-Sinodi

Fil-qalba tat-teoloġija tas-sinodalità wieħed isib sens qawwi ta' komunjoni. Wieħed m'għandux jieqaf jew jankra lilu nnifsu f'xi prototip teoretiku ta' sinodu, daqslikieku hemm mod wieħed biss kif isir sinodu. It-teoloġija tas-sinodu hi mibnija fuq l-esperjenza mgħixa u evalwata ta' din il-ġrajja pastorali. Il-qalb tħabbat li niskopru f'tant dokumenti ta' sinodi differenti twassal biex nifhmu t-tifsira awtentika tat-teoloġija tas-sinodalità. Ħarsa lejn dawn id-dokumenti kollha twassalna biex nidentifikaw xi temi kostituttivi għas-sinodalità, ngħidu aħna:

- Is-Sinodu bħala espressjoni ta' komunjoni, u bħala espressjoni tal-Knisja lokali;
- L-Ispirtu s-Santu bħala l-protagonista ewlieni waqt is-Sinodu;
- Is-Sinodu bħala assemblea ta' *portio populi Dei*;
- Ir-rabta bejn is-Sinodu u l-Kelma t'Alla;
- L-aspett ewkaristiku tas-Sinodu;
- Il-ministeru tal-isqof f'relazzjoni mas-Sinodu;
- Is-Sinodu bħala espressjoni ħajja tal-Knisja li hi preżenti f'soċjetà partikulari, u li tfittex li twieġeb għal ċerti aspirazzjonijiet umani;
- Is-Sinodu bħala espressjoni tal-Knisja pellegrina u l-impenn tagħha għall-missjoni.

Hu għalhekk li kull sinodu hu mistenni li jqajjem u jġib 'il quddiem *mentalità sinodali* fi ħdan il-Knisja. Il-ġrajja tas-Sinodu, anzi ta' kull sinodu, hi biss il-bidu ta' vjaġġ flimkien, vjaġġ li jkompli. Il-mibki Isqof ta' Livorno, Alberto Ablondi (1924-2010), darba qal: "*Il sinodo deve essere una intonazione che, so non fosse seguita dal canto, resterebbe muta e senza senso*."[17] Li nkunu miftuħin u attenti għal dak

li l-Ispirtu s-Santu qed jgħid lill-Knisja hu wieħed mir-rikkezzi l-kbar li ngħixu meta nagħmlu esperjenza tas-sinodalità. Kull sinodu li jiġi ċċelebrat huwa *kairós* – jiġifieri ġrajja fejn Alla jintervjeni fl-istorja tagħna l-bnedmin permezz tal-Ispirtu tiegħu li għandu l-qawwa jinjetta doża oħra ta' freskezza lill-Knisja. U dan il-punt iwassalna biex nisħaq dwar ir-rabta bejn is-sinodalità u l-Ispirtu s-Santu.

**L-Ispirtu s-Santu u s-Sinodu**

Kull sinodu huwa *ġrajja pnewmatoloġika* għall-Knisja. L-Ispirtu l-Qaddis inissel fil-membri tal-Knisja atteġġjament aktar awtentiku ta' dixxipulat Nisrani li huwa wkoll dixxipulat missjunarju, kif spiss itenni Papa Franġisku. Waqt l-esperjenza sinodali, id-diversità li teżisti bejn dawk kollha li jemmnu ma tisfumax fix-xejn jew issir anqas importanti. Anzi, id-diversità hi aktar emfasizzata biex tiddi b'qawwa akbar il-kattoliċità tal-Knisja u l-għana tal-kariżmi tkun aktar apprezzata. Fil-fatt, hu l-Ispirtu s-Santu li hu l-protagonista tas-sinodu. Il-futur Papa Benedittu XVI, meta kien Kardinal, darba kiteb hekk: "*L'essere veramente 'sinodale' quindi è avanzare in armonia sotto l'impulso dello Spirito*."[18]

B'dan quddiem għajnejna nistgħu nifhmu aħjar il-għala sinodu li hu ppjanat tajjeb u ċċelebrat kif jixraq fi spirtu ta' talb u ta' ftuħ lill-Mulej isir għażla kuraġġuża mill-isqof u l-Knisja lokali li hu jmexxi. L-esperjenza tas-sinodalità tkompli tiftaħ il-Knisja għat-tiġdid meħtieġ u mixtieq; din l-esperjenza tisfida l-passività jew it-telqa. Għalhekk, atteġġjament kontinwu ta' stil sinodali jkompli jsaħħaħ l-aspett profetiku tal-Knisja. Is-sinodalità tkabbar il-Knisja u ssaħħaħha. Kull sinodu hu esperjenza ta' grazzja kbira.

L-Ispirtu s-Santu jsaħħaħ ir-rabtiet ta' komunjoni li jintisġu fil-Knisja u fl-assemblea sinodali. Fil-kuntest taċ-ċelebrazzjoni ta' sinodu, il-klima proprja għandha tkun waħda *spirit*-wali fis-sens sħiħ tal-kelma, għax hu l-istess Spirtu s-Santu li jsaħħaħ l-esperjenza awtentika ta' talb fil-membri tal-miġemgħa, u d-diskussjonijiet ikunu dejjem aktar fraterni, sinċieri, ħielsa u mimlija ħajja. Dan kollu li qed insemmu jwassal lil dawk kollha li qed jieħdu sehem biex ikunu miftuħin għal adattament u li jfittxu l-konverġenza u mhux xi forma ta' konfront ostili.

Filwaqt li huma jħaddnu d-doni tal-prudenza (li hi virtù kardinali) u l-kunsill (wieħed mis-seba' doni tal-Ispirtu s-Santu), il-membri tas-sinodu jitwasslu pass pass biex jgħixu l-*konkordja* (ġejja mill-kliem li jfisser 'qalb waħda', *cor unum*) u jaslu għall-*unanimità* (ġejja mill-kliem li jfisser 'ruħ waħda', *anima una*). L-Ispirtu jorbot flimkien fi Kristu lil dawk kollha li jiftħu qalbhom għall-ħidma tiegħu. Tgħaqqad flimkien lir-ragħaj, il-lajk, il-presbiteru, it-teologu, l-operatur pastorali sa l-anqas wieħed/waħda f'ġisem wieħed. *Is-sinodalità hi ħaġa waħda mal-komunjoni ekkleżjali*, anzi hi l-faċċata l-oħra tal-istess munita, għax l-imgħammdin kollha huma mqaddsin bid-doni tal-Ispirtu, doni li huma jħaddmu b'modi differenti.

**It-*Tria Munera* u s-Sinodu**

It-teologu Taljan Tullio Citrini (1942- ), minn Milan, jorbot is-sinodu u s-sinodalità mat-*tria munera* ta' Kristu u tan-Nisrani, jiġifieri ma' Kristu li hu profeta, saċerdot u sultan (ragħaj). Jagħmel dawn il-konnessjonijiet interessanti:

- Is-sinodu u l-istqarrija tal-fidi – *munus profeticum*;
- Is-sinodu u ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija – *munus sacerdotale*;
- Is-sinodu u l-leġiżlazzjoni djoċesana – *munus regale*.[19]

It-tul limitat ta' dan il-kontribut ma jippermettix li nelabora wisq dwar dak li kiteb Citrini. Nillimita ruħi għal xi aspetti li jidħlu tajjeb fil-kuntest sħiħ ta' dan l-artiklu. Mhuwiex il-kompitu ta' sinodu li jiddefinixxi xi materji tal-fidi. Però, il-membri tas-sinodu jistqarru l-istess fidi tal-Knisja. Il-professjoni tal-fidi magħmula mill-membri, kif ukoll id-dixxerniment li jagħmlu flimkien, huma f'armonija mal-Maġisteru tal-Knisja, u fi spirtu ta' fedeltà lejn l-istess Maġisteru. Citrini, fl-artiklu tiegħu, ifakkarna li l-isqof jaġixxi u jippronunzja t-tagħlim tal-Knisja u materji relatati *in gremio ecclesiae*, jiġifieri fil-qalba tal-Knisja. Il-komunità Nisranija – u f'dal-każ l-assemblea sinodali – tesprimi ruħha ***mal***-isqof, u ***permezz*** tal-isqof. Huwa fil-komunjoni ekkleżjali li rreferejna għaliha kemm-il darba li fl-esperjenza sinodali tiġi mistqarra fidi waħda fi Spirtu wieħed.

It-teoloġija tas-sinodalità twassalna biex nitkellmu wkoll dwar id-dimensjoni ewkaristika.[20] It-teologu magħruf Franċiz Louis Bouyer (1913-2004) jikteb li "bħall-Konċilju, is-sinodu essenzjalment huwa konċelebrazzjoni ewkaristika li ... twassal il-Knisja (tal-post) li ssir aktar konxja tagħha nfisha bħala Knisja lokali fi ħdan il-Knisja universali. Dan hu possibli permezz tal-Ewkaristija."[21] Id-dokument li diġà semmejt, tal-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali dwar is-sinodalità jsostni li "il-mixja sinodali hi magħġuna u mitmugħa (*plasmato e alimentato*) mill-Ewkaristija."[22] Citrini jelabora dwar dan meta jfisser li d-dixxerniment ekkleżjali – biex ikun tassew dak li għandu jkun – għandu jsir fil-kuntest tal-*anamnesis* (il-memorja) tal-Mulej. Din hija azzjoni tal-Ispirtu s-Santu. L-*anamnesis* isseħħ kull darba li ssir l-istqarrija tal-fidi, u kull darba li tiġi ċċelebrata l-Ewkaristija. Citrini jisħaq dwar ir-rabta – rabta li spiss ninsew – bejn l-Ewkaristija u d-dixxerniment, u bejn l-Ewkaristija u x-xhieda. Filwaqt li l-aspett kultwali tal-Ewkaristija jibqa' importanti, hemm siltiet fit-Testment il-Ġdid li jixħtu dawl importanti fuq ir-rabta bejn l-Ewkaristija u d-dixxerniment u l-profezija (1 Kor 14; Atti 13:1-3).

Kull sinodu jagħti direzzjoni pastorali ċara minħabba l-prijoritajiet li jkunu elenkati fid-dokument finali tiegħu. Dan hu l-aspett leġiżlattiv, jew f'termini aktar teoloġiċi, l-aspett tat-treġija tar-ragħaj f'isem Kristu (*munus regale*). Hawn, is-sinodalità tieħu l-isfumatura sabiħa meta jiddi fuqha r-Ragħaj it-Tajjeb li hu r-Ragħaj is-Sabiħ, Sidna Ġesù Kristu. Kull proċess ta' pjanifikazzjoni pastorali għandu jwassalna biex inħarsu lejn il-Papa jew l-Isqof tal-post bħala dak li qed imexxi l-merħla f'isem Kristu. Il-merħla hi ta' Kristu u tibqa' tiegħu. L-isqof jirgħaha f'isem Kristu. Kull deċiżjoni li tittieħed u kull pjan li jsir għandu jiġi inkwadrat f'din il-perspettiva. Fi kliem ieħor, l-isqof ma jeżerċitax il-*munus* tiegħu ta' leġiżlatur b'manjiera iżolata, imma jagħmel dan *flimkien* ma' membri oħra tal-Poplu t'Alla, f'dak li Citrini jsejjaħlu "*coralità ecclesiale*".[23] Fi kliem ieħor, id-dixxernment ma jsirx biss mill-isqof li jħaddem l-għerf, l-esperjenza u l-kariżma proprja għall-missjoni tiegħu, imma jġib flimkien f'sintesi l-kariżmi u d-doni tal-Poplu t'Alla fid-djoċesi. U f'dan kollu, Citrini jgħid li l-isqof jgħix għal darb'oħra l-esperjenza tad-dixxipulat – jiġifieri s-smigħ attent li

jagħmel ta' dak li l-Ispirtu qed jgħidlu permezz ta' kull wieħed u waħda mill-fidili. U għalhekk, għal darb'oħra napprezzaw ir-rwol tal-isqof li jiddixxerni b'responsabiltà u fi spirtu ta' talb *in gremio ecclesiae*.

**Konklużjoni**

Kif rajna f'dan l-artiklu, it-teoloġija kollha tas-sinodalità ddur fuq fus wieħed, *il-komunjoni ekkleżjali*. Huwa f'dan l-ispirtu ta' għaqda li għandu bħala *culmen et fons* l-imħabba tat-Trinità Qaddisa li rridu nifhmu u nħaddnu kull esperjenza sinodali li nagħmlu bħala Knisja, kemm jekk universalment, kif ukoll lokalment. Din l-esperjenza ħajja u qawwija tas-sinodalità għandha twassal il-Knisja għal għażliet radikali u konkreti f'kull aspett tal-ħajja u l-missjoni tagħha. Hawn irridu nifhmu r-rabta essenzjali bejn l-għixien tal-kontenut tal-fidi tal-Knisja (*fides quae creditur*) u l-impenn għad-dixxerniment pastorali (*fides qua creditur*).

Hu l-Ispirtu tal-Missier u tal-Iben li jmexxi l-Knisja biex tħaddan b'impenn dejjem akbar is-sinodalità. Din hi esperjenza tassew ekkleżjali jekk tkun espressjoni vera tad-dixxerniment ekkleżjali li jseħħ bis-sehem ta' kulħadd, anki tal-inqas wieħed jew waħda, il-kariżmi tal-membri kollha, u s-sejħa għad-dixxipulat li għandu kull Nisrani. Is-Sinodu hu esperjenza ta' grazzja. Is-sinodalità mhix biss hi esperjenza ta' grazzja, imma hi stil ta' kif aħna *ngħixu bħala Knisja, f'kull waqt tal-ħajja Nisranija tagħna bħala komunità, ta' fidi u mħabba*.

Is-sinodalità tfisser li waqt li nimxu flimkien[24] għandna nagħtu kas ta' xulxin. Mhux ilkoll nimxu bl-istess pass. Għalhekk, dawk li mdorrijin jgħaġġlu jagħrfu li għandhom jistennew lil dawk li jimxu bil-mod. Dawk li jimxu bil-mod, jagħrfu li għandhom jagħmlu l-impenn kollu tagħhom biex ma jibqgħux lura. Dawk li huma attivi u mimlijin ħeġġa għandhom jieqfu biex jirriflettu u jevalwaw. Dawk li huma xettiċi huma mistiedna li jħallu l-Ispirtu jinfed il-qalb tagħhom, u d-dgħufija u l-biża' tagħhom. Li dawk li huma barranin jew fil-periferiji jħossuhom milqugħa. Li dawk li jħossu li ġew imwarrba jifhmu li l-kontribut tagħhom ukoll hu meħtieġ. Ejjew nimxu flimkien fid-dinja tal-lum! Ejjew nimxu flimkien ... flimkien miegħek, Mulej![25]

## Noti

1. Ara s-sintesi ta' Santiago Madrigal, "Che cos'è il cammino sinodale? Il pensiero di Papa Francesco," *La civiltà cattolica*, quad.4111 (2 ottobre 2021): 17-33.
2. Joseph Galea Curmi, *The Diocesan Synod as a Pastoral Event. A Study of the Post-Conciliar Understanding of the Diocesan Synod* (Roma; Pontificia Università Lateranense, 2005).
3. Papa Franġisku, Diskors fl-okkażjoni tal-50 anniversarju tat-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet, 17 t'Ottubru 2015. Ara *Acta Apostolicae Sedis* 107 (2015): 1139. Ara wkoll Commissione Teologica Internazionale, *La sinodalità nella vita e nella missione della Chiesa* (Città del Vaticano; Libreria Editrice Vaticana, 2018), n.1; Mario Grech, Intervista da Antonio Spadaro e Simone Sereni, "La Chiesa sulla frontiera," *La civiltà cattolica*, quad. 4087 (3 ottobre 2020): 82-91.
4. Ara Commissione Teologica Internazionale, *La sinodalità*, nn.46, 54.
5. Ara Commissione Teologica Internazionale, *La sinodalità*, n.110.
6. Ara Commissione Teologica Internazionale, *La sinodalità*, nn.43-48.
7. Kongregazzjoni għall-Isqfijiet u l-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli, *Istruzzjoni dwar is-Sinodi Djoċesani* (19 ta' Marzu 1997) I, 1.
8. Ibid.
9. Ara Joseph Galea Curmi, *The Diocesan Synod as a Pastoral Event*, 145-150.
10. Ara Commissione Teologica Internazionale, *La sinodalità*, n.113.
11. Ara Galea Curmi, *The Diocesan Synod*, 150-155.
12. Ara Commissione Teologica Internazionale, *La sinodalità*, nn.83-84.
13. Papa San Pawlu VI, Ittra Enċiklika *Ecclesiam suam* (6 t'Awwissu 1964), n.81.
14. Dwar din l-Istruzzjoni li hemm id-dettalji tagħha fin-nota li jmiss, ara l-preżentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' Galea Curmi, *The Diocesan Synod*, 99-116.
15. Kongregazzjoni għall-Isqfijiet u l-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli, *Istruzzjoni dwar is-Sinodi Djoċesani* (19 ta' Marzu 1997) I, 3.
16. Ibid.
17. Isqof Alberto Ablondi, *Diocesi di Livorno: IV Sinodo diocesano di Livorno. Documento finale. Con i giovani per andare oltre* (Livorno 1997), 5.

18. Kardinal Joseph Ratzinger, "Le funzioni sinodali della Chiesa: l'importanza della comunione tra i vescovi," fil-gazzetta *L'Osservatore Romano* (24 ta' Ġunju 1996): 4. Ara wkoll Commissione Teologica Internazionale, *La sinodalità*, n.48.
19. Ara Tullio Citrini, "'Camminare insieme' nella memoria di Gesù. Riflessione teologica sui sinodi diocesani," *Rivista del clero italiano* 68 (1987): 246-256.
20. Ara Galea Curmi, *The Diocesan Synod*, 298-305.
21. Louis Bouyer, *Chiesa di Dio, corpo di Cristo e tempio dello Spirito* (Assisi: Cittadella, 1971), 514. Ara Commissione Teologica Internazionale, *La sinodalità*, n.109.
22. Ara Commissione Teologica Internazionale, *La sinodalità*, n.47.
23. Dwar dan, ara wkoll Felice Mosconi, "Chiese in Sinodo: Casale Monferrato," *Rivista del clero italiano* 67 (1986): 147-151, speċjalment, 150.
24. Ara Commissione Teologica Internazionale, *La sinodalità*, n.120.
25. Ara t-talba sabiħa u mill-qalb ta' Francine Robillot, "Ensemble faisons route," fil-kitba ta' Théodule Rey-Mermet, *Tournés vers l'avenir. Annecy en Synode d'Eglise (1990-1992)* (Annecy: Editions le Vieil Annecy, 1995), 60-61.

## Bibljografija

Commissione Teologica Internazionale, 2018. *La sinodalità nella vita e nella missione della Chiesa*. Città del Vaticano, Libreria Editrice Vaticana.

Galea Curmi, Joseph, 2005. *The Diocesan Synod as a Pastoral Event. A Study of the Post-Conciliar Understanding of the Diocesan Synod*. Roma, Pontificia Università Lateranense.

Grech, Mario, 2020. Intervista da Antonio Spadaro e Simone Sereni, "La Chiesa sulla frontiera," *La civiltà cattolica*, quad. 4087 (3 ottobre): 82-91.

Madrigal, Santiago, 2021. "Che cos'è il cammino sinodale? Il pensiero di Papa Francesco," *La civiltà cattolica*, quad.4111 (2 ottobre): 17-33.

# Knisja Sinodali hija Knisja tas-smigħ

Eminenza Kardinal Mario Grech

## 1. Introduzzjoni

Nixtieq li l-*lectio* tiegħi nagħtiha impostazzjoni kif kienu jagħmlu l-Imgħallmin Medjevali, billi nibda minn *quæstio*: "Jekk il-Knisja sinodali hijiex Knisja tas-smigħ". Il-mistoqsija tant tidher ovvja li tidher tawtoloġija. Imma biżżejjed ħarsa lejn l-istorja biex nuru li din mhix ħaġa tant ovvja: is-smigħ mhux dejjem kien il-prinċipju li rregola l-ħajja tal-Knisja.

Mingħajr ma nidħlu u nieqfu fuq dan il-punt, li jista' jidher imbiegħed minna, nisħaq li diġà fil-mument li ġew biex jifformulaw b'mod korrett it-titlu fil-Latin Skolastiku, inqalgħu diffikultajiet u dubji. Traduzzjoni letterali ta' "Knisja tas-smigħ" tinstema' qisha xi formula mudlama – *"Ecclesia auditionis"*, li tikkumplika t-tema flok tiċċaraha. Ikun iktar preċiż jekk ninqdew b'espressjoni tixxiebah: *Ecclesia qui audit*. Imma jeżistu żewġ formuli fil-lingwaġġ ekkleżjali li jirriżultaw iktar għonja u jiftħu xefaq wiesa' għar-riflessjoni tagħna. Fil-fatt nistgħu nitkellmu fuq *"Ecclesia audiens"*, u hekk nevokaw l-*incipit* tal-Kostituzzjoni tal-Konċilju Vatikan II fuq ir-Rivelazzjoni divina: *"Dei verbum religiose audiens et fidenter proclamans, Sacrosancta Synodus verbis Sancti Ioannis obsequitur dicentis: Adnuntiamus vobis vitam æternam"* (DV 1). Il-formula tagħtina l-atteġġjament ta' Knisja li tagħti widen għall-Kelma ta' Alla bħala l-għajn tal-verità u s-salvazzjoni. Ma' din nistgħu nżidu l-frażi ċelebri Pawlina *"fides ex auditu"*: "Il-fidi mis-smigħ" (Rum 10:17). Meta nqisu n-natura ekkleżjali tal-fidi, nistgħu bla dubju ta' xejn nifformulaw il-*quæstio* f'dawn it-termini: *"Utrum Ecclesia sinodalis sit Ecclesia ex auditu"*.

L-ewwel tweġiba immedjata tinstema' qisha konferma: il-ħajja Nisranija kollha titwieled mis-smigħ. "Isma', o Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu" (Dewt 6:4). Din hi x-*Shemà Israel*, li kull Iżraelita devot kien itenni kuljum. Ix-*Shemà* hija l-ewwel kmandament fundamentali tal-Liġi, il-qalb tħabbat tal-esperjenza kollha ta' Iżrael bħala Poplu tal-wegħda. Ġesù jtenni dan il-primat meta jwieġeb għall-mistoqsija tal-kittieb: "Liema wieħed fost il-kmandamenti kollha huwa l-ewwel?" (Mk 12:28). B'differenza minn Mattew u Luqa, li jintroduċu minnufih il-preċett tal-imħabba, Mark jikkwota u jwessa' x-*Shemà* sħiħa: "L-ewwel wieħed huwa dan: Isma', Iżrael; il-Mulej, Alla tagħna, Mulej wieħed hu, u int għandek tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha. U t-tieni hu dan: Ħobb lil għajrek bħalek innifsek. Ma hemmx kmandament ieħor akbar minn dawn" (Mk 12:29-31). Il-kittieb, li jagħfas fuq il-fatt li Alla wieħed hu, mhuwiex imbiegħed mis-Saltna. Imma biex jidħol fiha jeħtieġ imidd pass ieħor: jagħti widen għal dak li jgħid Ġesù, jiġifieri "dak li bagħtu Alla jgħid il-kliem ta' Alla, għax Alla ma jagħtix l-Ispirtu bil-kejl" (Ġw 3:34).

Xi ħadd jista' joġġezzjona u jgħid li s-smigħ li dwaru titkellem il-perikope evanġelika jmiss persuna waħda – il-kittieb – u mhux il-Knisja. Imma l-fidi ma hi ta' ħadd waħdu: ix-*Shemà* hi għal Iżrael, u kull Iżraelita devot jirreċitaha bħala membru tal-Poplu l-magħżul, kif jidher fl-istqarrija antikissma tal-fidi li nsibu f'Dewt 26:5-10: "Missieri kien minn Aram, jiġġerra minn post għal ieħor; imbagħad niżel l-Eġittu u għammar hemm. Żgħir kien l-għadd ta' niesu, iżda hemmhekk sar poplu kbir, qawwi u kotran", jirreċita dak li qed joffri l-frott bikri tal-art. Imma minnufih, huwa u jagħmel memorja tal-jasar fl-Eġittu, dak li jagħmel din il-barka jgħaddi għall-'aħna': "Għajjatna lill-Mulej, Alla ta' missirijietna, u l-Mulej sama' l-għajta tagħna… daħħalna f'dan il-post, tana din l-art, art tnixxi ħalib u għasel". F'din l-istorja ta' mħabba bejn Alla u l-Poplu tiegħu tieħu importanza unika l-istqarrija tal-fidi tal-persuna, li torbot il-preżent mal-passat, id-doni tal-art mal-għemil ħanin ta' Alla li ta dik l-art lil Iżrael: "U issa, ara, jiena ġibt l-ewwel frott tal-art li tajtni int, Mulej". Din id-dinamika tgħodd iktar u iktar għall-Poplu li Kristu kiseb għalih biex ixandar l-għeġubijiet ta' Alla (ara 1 Piet 2:9): min jistqarr

il-fidi tiegħu f'Alla li hu Missier u Iben u Spirtu s-Santu, dan jagħmlu dejjem fil-fidi tal-Knisja.

## 2. Xi premessi

Qabel ma nidħlu għall-iżvilupp tal-*quæstio*, nixtieq nagħmel xi premessi dwar il-valur tas-smigħ fil-ħajja spiritwali tal-Knisja u ta' kull persuna li temmen. Biex nagħmlu dan ejjew nippruvaw insegwu tliet direzzjonijiet: dik antropoloġika, dik teoloġika u dik ekkleżjoloġika.

Qabelxejn, iċ-ċentralità tas-smigħ tinbena fuq fatt antropoloġiku indiskutibbli li hu komuni għal kulħadd, kemm dawk li jemmnu u kemm dawk li le. Mingħajr smigħ aħna, tista' tgħid, ma neżistux tassew bħala rġiel u nisa f'relazzjoni bejniethom. Is-smigħ, imqar mill-perspettiva purament umana, hu dejjem xi ħaġa li "tippreċedi" u, għalhekk, li sservi ta' fundament. Fil-fatt, kieku ma kienx hemm xi ħadd li kellimna l-ewwel, aħna ma konniex inkunu kapaċi nitkellmu, ma konniex nistgħu nikkomunikaw. Is-smigħ, min-natura "antropoloġika" tiegħu, jippretendi l-ewwel post. Din l-ewwel direzzjoni diġà tagħtina presuppost importanti dwar l-istqarrija ta' Knisja sinodali bħala Knisja tas-smigħ. Fil-fatt, jekk aħna naffermaw li l-Knisja hi "fi smigħ", qed ngħidu wkoll li hi tibni l-eżistenza tagħha fuq il-primat ta' Alla u fuq il-primat tal-ieħor. Xbieha biblika li kapaċi tiddeskrivi din l-ewwel dimensjoni tas-smigħ tista' tkun dik li tana r-Re Salamun. L-eredi ta' David, meta tela' fuq it-tron, fit-talba twila u sabiħa tiegħu lil Alla, ma jitolbux għana, ħajja twila jew suċċessi militari, imma "qalb li taf tisma'": "Agħti, għalhekk, lill-qaddej tiegħek moħħ ħafif biex jifhem – litteralment: *kapaċi jisma'* – biex jista' jmexxi l-poplu tiegħek, u jagħraf it-tajjeb mill-ħażin" (1 Slat 3:9). Għal Salamun il-kapaċità tas-smigħ qiegħda fil-bażi tad-dixxerniment. Mingħajr smigħ ma hemmx dixxerniment tat-"tajjeb mill-ħażin".

It-tieni direzzjoni hi dik teoloġika. Is-smigħ huwa karatteristika ta' Alla tal-Bibbja. Fil-fatt il-Mulej mhuwiex biss dak li "jordna" s-smigħ, li jistedinna nisimgħu l-Kelma tiegħu, imma hu qabelxejn l-ewwel wieħed li jisma'. Il-Ktieb tal-Eżodu jfisser liema hi l-oriġni tal-azzjoni ta' Alla b'risq il-libertà tal-poplu tiegħu; il-Mulej "sema'" l-karba tal-Iżraeliti u, għalhekk, inkwieta għalihom (ara Eż 2:24-25). Anki t-test tal-"kredu żgħir storiku", li diġà kkwotajna qabel, jirreferi għal dan l-element oriġinarju

tal-azzjoni divina. Alla, li ġeneralment fil-Bibbja dejjem jitkellem hu l-ewwel, meta jkun hemm fqir jew magħkus, jagħmel pass lura u jisma'. Imma dan huwa wkoll il-wiċċ ta' Alla li "rrakkontalna" Ġesù ta' Nazaret: hu, jgħid it-test tal-Atti, "għadda jagħmel il-ġid" (ara Atti 10:38), imma nistgħu ngħidu wkoll li "għadda jisma'". Fil-ħajja tiegħu l-Mulej Ġesù nistgħu ngħidu li sar mgħallem fis-smigħ qabel ma sar fil-kelma. Hu sema' l-karba tal-irġiel u tan-nisa ta' żmienu u wieġeb għaliha "iktar milli stennew huma", u għadda mill-bżonnijiet tagħhom għax-xewqat tagħhom. Ġesù sema' lil kulħadd – lil Xmun l-għani u lill-mara midinba; hu sema' lil dawk li ma jismagħhom ħadd, l-imwarrbin ta' żmienu: il-pagani, l-imġiddmin, in-nisa, it-tfal, il-morda, dawk li kienu maħkuma mill-ħażin. Anki din it-tieni karatteristika tas-smigħ tgħidilna xi ħaġa dwar Knisja sinodali li trid tkun tassew Knisja li tisma': hija l-Knisja li tilqa' lil kulħadd u li, quddiem xi ħadd magħkus, tagħmel pass lura, bħal Alla, biex tisma' l-karba tiegħu, biex tħalli lilu jmidd "l-ewwel pass".

Fl-aħħar nett, it-tielet dimensjoni tas-smigħ hi ekkleżjoloġika, komunitarja. Il-Knisja tinbena fuq żewġ linji tas-smigħ: dik vertikali u dik orizzontali. Il-komunità ta' dawk li jemmnu, skont il-Bibbja, hi *"qahal Adonaj"*, *"ekklesia"*, jiġifieri "ġemgħa msejħa". Hemm kelma ta' Alla li tiġi qabel u li ssejjaħ f'ġemgħa, u hekk issawwar l-għaqda tal-komunità. Il-Knisja mhijiex organizzazzjoni li ffurmat ruħha waħidha, li għamlet statut u tpoġġi quddiemha l-miri li trid tilħaq… il-Knisja twieldet minn Kelma divina li sejħitilha. Is-smigħ huwa l-għajn tal-"qdusija" tal-Knisja: hi ġiet "maqtugħa" għaliha, "mifruda" għaliha mill-Kelma ta' Alla biex tkun għall-qadi tal-bnedmin kollha. Imma jekk is-smigħ tal-Kelma ta' Alla hu fil-bażi tal-ħajja tal-Knisja, bl-istess mod hi ma tistax tgħaddi mingħajr is-smigħ ta' xulxin. Fis-smigħ biss aħna nistgħu nagħrfu tabilħaqq il-preżenza tal-ieħor u nagħmlu wisa' għall-ieħor fina nfusna. Għalhekk is-smigħ huwa wkoll il-bidu tal-konverżjoni. Ta' din id-dimensjoni tas-smigħ nistgħu nsibu ikona biblika fl-ospitalità li sab Ġesù fid-dar ta' Marta u Marija. Fil-fond tiegħu dan ir-rakkont tal-Vanġeli ta' Luqa jurina b'mod "viżiv" il-wiċċ ta' Knisja tas-smigħ fil-konfront bejn l-ospitalità pprattikata miż-żewġt aħwa nisa li laqgħu lill-Mulej fid-dar tagħhom. Marta "moħħha fuq il-ħafna xogħol" (Lq 10:40); imma Marija "għażlet l-aħjar sehem" (Lq 10:42). Dan l-"aħjar sehem"

magħżul minn Marija huwa s-smigħ awtentiku. Fil-fatt Marta ħasbet li kienet hi li kellha tagħmel xi ħaġa għal Ġesù; imma Marija, bilqiegħda f'riġlejn l-Imgħallem, taf li, bil-maqlub, huwa Ġesù, il-mistieden, li għandu xi ħaġa x'jagħti lilha. Il-veru smigħ qiegħed f'din l-ospitalità li fiha "nistqarru" li huwa aħna li għandna x'nirċievu mil-laqgħa mal-ieħor u mhux bil-maqlub. Huwa s-smigħ li jibdilna f'għamara ta' Alla u ta' ħutna.

**3. Is-smigħ, jew aħjar, l-ubbidjenza tal-fidi**

Wara li tajna xi karatteristiċi tas-smigħ, nistgħu issa nagħmlu pass ieħor 'il quddiem fil-*quæstio*, u nistaqsu: għaliex il-Knisja hija "Knisja tas-smigħ", anzi "Knisja mis-smigħ"?

Biex nifhmu l-mistoqsija, nistgħu nduru għall-Konċilju Vatikan II, meta jesprimi mill-ġdid f'termini djaloġiċi d-dinamiżmu tar-Rivelazzjoni: "Fit-tjieba u l-għerf tiegħu Alla għoġbu jirrivela lilu nnifsu u jgħarraf il-misteru tar-rieda tiegħu (ara Efes 1:9) li bih il-bnedmin, permezz ta' Kristu, il-Verb magħmul bniedem, fl-Ispirtu s-Santu jistgħu jersqu lejn il-Missier u jkollhom sehem min-natura ta' Alla (ara Efes 2:18; 2 Piet 1:4). U sewwasew b'din ir-rivelazzjoni Alla li ma jidhirx (ara Koħ 1:15; 1 Tim 1:17) fl-imħabba kbira tiegħu jitkellem mal-bnedmin bħal ħbieb (ara Eż 33:11; Ġw 15:14-15) u jgħix magħhom (ara Bar 3:38) biex jistedinhom u jdaħħalhom f'għaqda miegħu" (DV 2).

Kunċett djaloġiku tar-Rivelazzjoni jitlob kunċett simili tal-fidi: f'dan id-dawl nifhmu l-idea tal-*"obœditio fidei"*, li hi – jgħid il-Konċilju – telqa sħiħa tal-bniedem f'idejn Alla (ara DV 5). *Obœdientia*, jew it-terminu iktar tardiv *obœditio* li juża l-Konċilju, huma sostantivi msejsa fuq il-verb *audire*, li jfisser is-smigħ ta' min jinsab quddiem ieħor, li mingħandu jirċievi l-kelma għax jagħraf fih l-awtorità (*ob*). Imma l-ubbidjenza tal-fidi ma tiddependix qabelxejn mill-awtorità ta' min jitkellem, lanqas mill-awtorevolezza ta' kliemu: dawn isiru importanti, deċiżivi għall-bniedem u għall-istorja tiegħu, għax jikxfu l-pjan ta' tjieba, il-kondixxendenza ta' Alla, li jitbaxxa lejn il-bniedem u jwaqqaf miegħu relazzjoni li hi komunjoni, parteċipazzjoni fil-ħajja divina (ara 2 Piet 1:4; DV 2). Relazzjoni li tikber aktar ma tikber il-fidi, magħġuna minn Alla nnifsu, mhux tant skont il-kundizzjoni tas-smigħ, li tkun, bla

dubju, għemil tal-bniedem, imma għax hu stess iqanqal is-smigħ "bl-għajnuna ġewwiena tal-Ispirtu s-Santu".

Dan id-dimaniżmu personali ta' maturazzjoni ma jseħħx b'mod individwalistiku: il-Konċilju jgħid li "Alla għoġbu jqaddes u jsalva l-bnedmin mhux individwalment, mingħajr ebda rabta ma' xulxin, iżda ried li jagħmel minnhom poplu li jagħrfu fil-verità u jservih fil-qdusija" (LG 9). Poplu li, bl-Ispirtu msawwab fuqu, hu ta' Alla – ikun il-Poplu "tiegħi", "fil-fedeltà u fl-imħabba" (Hos 2:9) – biex il-preċetti tal-Patt ikunu miktuba mhux fuq it-twavel tal-ġebel, imma fuq it-twavel tal-laħam ta' qlubhom (Ġer 31:31-34). Hawn niltaqgħu ma' wieħed mit-testi profetiċi l-aktar ikkwotati fit-Testment il-Ġdid, li fuqhom mhux biss tissejjes ir-relazzjoni bejn Alla u l-Poplu tiegħu, imma l-għarfien li ġej mill-prinċipju Nisrani tas-smigħ: l-Ispirtu s-Santu! Pawlu lill-Korintin qalilhom li "Alla hu li jwettaq kemm lilkom u kemm lilna fi Kristu, li kkonsagrana għalih innifsu; hu li ssiġillana wkoll bis-siġill tiegħu, u tana b'rahan l-Ispirtu fi qlubna" (2 Kor 1:21-22). Fil-Vanġelu ta' Ġwanni, il-wegħdiet tal-Ispirtu huma marbuta ma' din il-profezija: "Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha" (Ġw 16:13).

Imma l-aktar test elokwenti biex nifhmu s-smigħ bħala prinċipju fundanti tal-ħajja ekkleżjali hu bla dubju ta' xejn 1 Ġw 2:18-28, fejn l-Appostlu jfisser l-għarfien bħala effett tad-"dilka mill-Qaddis": "Madankollu fikom qiegħda tgħammar id-dilka li rċevejtu mingħandu, u għalhekk intom ma għandkomx bżonn min joqgħod jgħallimkom. Għax id-dilka tiegħu tgħallimkom hi dwar kollox, u t-tagħlim tagħha hu veru, u mhuwiex xi gidba. U ladarba hu hekk, mela ibqgħu dejjem fih kif għallmitkom hi". Hekk il-Knisja hija l-Poplu ta' Alla li "jagħraf", li "jaf", għax Alla nnifsu permezz tad-don tal-Ispirtu jdaħħlu fil-misteru tiegħu. Imma hawn m'aħniex nitkellmu fuq għarfien 'iniziatico', fuq għerf ta' din id-dinja, li jiġi qisu bluha (ara 1 Kor 1:20), imma fuq is-smigħ tal-Kelma ta' Alla mħabbra mill-Knisja. Min irċieva d-dilka, jagħraf, għax jirċievi l-Vanġelu ta' Kristu, "Verb tal-Ħajja": "Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-Verb tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom. Għax il-ħajja dehret u aħna rajnieha u qegħdin nixhdu għaliha. Qegħdin inxandrulkom il-ħajja ta' dejjem li kienet għand il-Missier u dehret lilna.

Qegħdin inxandrulkom dak li aħna rajna u smajna, biex intom tissieħbu magħna, u l-għaqda tagħna tkun mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu" (1 Ġw 1:1-4). Permezz tal-Ispirtu sseħħ il-wegħda ta' Ġesù lil dawk kollha li emmnu fih: "Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi, u tagħrfu l-verità u l-verità teħliskom" (Ġw 8:1-32).

**4. Is-smigħ, prinċipju tal-ħajja tal-Knisja**

Għalhekk, il-Knisja titwieled mis-smigħ. Smigħ tal-kelma ta' Kristu u, wara l-Għid, smigħ tal-"Evanġelju [li] hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu" (Rum 1:16). Smigħ li fl-istess waqt hu smigħ tal-Ispirtu, li "ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni" (Ġw 16:13): *"ubi Spiritus, ibi Ecclesia"*, kien jgħid Irinew ta' Lyons. Għalhekk, il-Knisja titwieled mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla li l-Ispirtu jagħmel li tidwi fil-Knisja. Imma għaliex dan is-smigħ għandu jimplika – l-aħħar passaġġ tal-*quæstio* – li nisimgħu lil xulxin? Għaliex il-Knisja sinodali bħala Knisja tas-smigħ għandha tesiġi – kif jgħid il-Papa – "smigħ reċiproku fejn kulħadd għandu xi ħaġa x'jitgħallem: Poplu fidil, Kulleġġ episkopali, Isqof ta' Ruma"? Mhumiex biżżejjed l-isqfijiet? Mhuwiex biżżejjed il-Maġisteru, li żgur "mhuwiex aqwa mill-Kelma ta' Alla", imma li fih il-Konċilju jagħraf "id-dmir li jinterpreta awtentikament il-Kelma ta' Alla miktuba jew imwassla mit-tradizzjoni" (DV 10)?

Biex inwieġbu, hemm bżonn nerġgħu lura għal dak li ħabbar minn qabel Ġeremija fuq il-"Liġi miktuba fuq it-twavel tal-laħam ta' qlubkom" u naraw kif it-testi tat-Testment il-Ġdid jerġgħu jaqraw dan f'riferiment għall-Ispirtu. F'dawn it-testi, fuq kollox f'1 Ġw 2:20,27 il-Knisja minn dejjem lemħet il-bażi tal-indefettibbiltà tagħha. Fl-ewwel sekli, meta kienet għadha ma ġietx ifformulata duttrina fuq il-Maġisteru, dak li kien iwieżen lill-Knisja fil-mixja tagħha kienet iċ-ċertezza li "t-totalità tal-fidili ma jistgħux jiżbaljaw fit-twemmin", li l-Knisja *"a fide deficere non potest"*, *"in fide errare non potest"*. Il-konvinzjoni li l-Ispirtu hu mogħti lil kulħadd fil-Magħmudija kienet tagħmel mill-Poplu qaddis ta' Alla s-suġġett ta' dik l-"indefettibbiltà" jew "infallibbiltà *in credendo*", li kellha tant importanza fl-ewwel millennju. Għall-Missirijiet tal-Knisja l-fidi tal-Poplu ta' Alla kienet l-aktar argument sod għall-verità ta' duttrina.

Kif nistgħu hawn ma niftakrux fl-istudji ta' John Henry Newman fuq l-ewwel sekli tal-Knisja, b'mod partikulari l-argument, ippreżentat f'*The Arians of the Fourth Century*, fuq il-fatt li matul il-kriżi Arjana l-Poplu żamm fidil iktar mill-isqfijiet infushom fl-istqarrija tal-fidi? Minn dak il-prinċipju hu tnebbaħ biex isolvi d-diskussjoni tal-1859 fuq *The Rambler, "On consulting the Faithful in Matters of Doctrine"*.

Id-*Dokument preparatorju* tas-Sinodu, bħala bażi għall-konsultazzjoni tal-Poplu ta' Alla, jirriferi proprju għal dak il-mument tal-istorja tal-Knisja: "Kontra dawk li riedu jifirdu l-ġisem tal-Knisja, il-Missirijiet tal-Knisja qiegħdu l-komunjoni tal-Knejjes mifruxa mad-dinja, li Santu Wistin fissirha bħala *'concordissima fidei conspiratio'*, jiġifieri l-fehma waħda tal-imgħammdin kollha fil-fidi. Hawn għandu għeruqu l-iżvilupp wiesa' ta' prassi sinodali fuq kull livell tal-ħajja tal-Knisja – lokali, provinċjali, universali –, li sab fil-konċilju ekumeniku l-ogħla manifestazzjoni tiegħu".

Il-Konċilju, fil-fatt, kien ir-rappreżentazzjoni l-aktar xierqa tal-Knisja, għax fil-ġemgħa sinodali kull isqof kien qed jagħmel preżenti l-Knisja tiegħu, skont il-prinċipju mfassal minn Ċiprijanu: "Il-Knisja hi fl-isqof u l-isqof fil-Knisja" (*Ep* 66, 8). Fuq dan il-prinċipju tinbena u tiġġustifika ruħha billi tikkwota dak li qal Ġwanni Kriżostmu, li "Knisja u Sinodu huma l-istess ħaġa" (*In Ps* 149).

Id-*Dokument preparatorju* jesprimi tajjeb l-għarfien li fit-tieni millennju fil-Punent din il-prassi sinodali fil-Knisja Kattolika bdiet ġejja fix-xejn. Imma jisħaq – ġustament – li ma ntilfitx għalkollox. L-aktar wirja ċara hi marbuta ma' Piju IX, Papa mhux tant sinodali, jekk wasal biex jistqarr: "Jiena t-Tradizzjoni! Jiena l-Knisja", imma li ddefinixxa d-duttrina tal-Immakulata Kunċizzjoni (8 ta' Diċembru 1854) fuq il-bażi tas-*"singularis Antistitum et fidelium conspiratio"*. Biex wasal għal kunens bħal dan, hu ta bidu għal konsultazzjoni vera u proprja, u staqsa lill-isqfijiet kollha liema kienet il-fidi tagħhom u tal-fidili fdati f'idejhom dwar din id-duttrina. Fuq *The Rambler* Newman reġa' qabad dan l-eżempju biex iġġustifika s-sehem tal-lajċi fil-ħajja tal-Knisja b'dik il-konsultazzjoni tal-Papa f'materja ta' fidi. U mqar jekk kienet konsultazzjoni indiretta – il-Papa kien talab lill-Isqfijiet biex iwasslulu tagħrif dwar il-fidi tagħhom u tal-poplu tagħhom – fin-

nuqqas ta' provi diretti mill-Iskrittura Mqaddsa, l-argument waħdieni li fuqu setgħet tissejjes dommatikament l-Immakulata Kunċizzjoni kien is-*sensus omnium fidelium*, ladarba t-totalità tal-imgħammdin ma tistax tiżbalja fil-fidi, *"universitas fidelium in fide errare non potest"*. Piju XII mexa mill-istess triq għad-domma tal-Assunzjoni ta' Marija fis-Sema (1 ta' Novembru 1950): jidher paradossali, imma fi Knisja piramidali, mibnija fuq il-prinċipju tal-awtorità, il-Papiet taw valur lill-prinċipju tal-konsultazzjoni.

**5. Mill-Konċilju Vatikan II għas-Sinodu**

F'inqas minn 15-il sena mid-definizzjoni tal-Assunta, il-Konċilju reġa' ġabar b'mod sħiħ is-*sensus fidei* tal-Poplu ta' Alla, bħala għamla ta' parteċipazzjoni fil-funzjoni profetika ta' Kristu. It-test hu magħruf sew: "Il-ġemgħa tal-fidili li għandhom l-unzjoni minn Alla l-Qaddis (ara 1 Ġw 2:20,27) ma tistax tiżbalja fit-twemmin. Hija turi din in-nota karatteristika permezz tas-sens sopranaturali tal-fidi tal-poplu kollu meta l-fidili kollha 'mill-isqfijiet sal-anqas fost il-lajċi' jagħtu l-kunsens tagħhom fi ħwejjeġ ta' fidi u ta' morali" (LG 12).

Il-piż tat-test, diġà notevoli għax parti minn kostituzzjoni dommatika konċiljari, jikber minħabba l-fatt li jsawwar waħda mill-istrutturi li fuqhom tistrieħ dik ir-"rivoluzzjoni Kopernikana" tal-ekkleżjoloġija konċiljari – hekk isejħulha l-eseġeti tal-Konċilju Vatikan II – determinata mill-inseriment tal-kapitlu fuq il-Poplu ta' Alla fil-kostituzzjoni qabel il-kapitlu dwar il-ġerarkija. B'dan il-mod, mingħajr ma tiċħad f'xejn id-dimensjoni ġerarkika tal-Knisja, tħattet l-istruttura tal-mudell piramidali mhux b'interventi invażivi, imma bi qlib sempliċi ta' taħt fuq ta' skema interpretattiva: meta tqiegħed it-tema tal-Poplu ta' Alla qabel dik tal-ġerarkija, il-*Lumen gentium* tifhem il-Knisja mhux iżjed mil-lenti tad-differenzi – ta' funzjoni jew ta' stat ta' ħajja – li kienu jwasslu bla dubju għall-qsim tal-ġisem wieħed ekkleżjali f'*Ecclesia docens* u *discens*, imma minn dik tal-ugwaljanza radikali tal-imgħammdin kollha. Qabelxejn jidher il-kobor ta' dan il-Poplu: "Fil-fatt dawk li jemmnu fi Kristu, ġaladarba twieldu mill-ġdid mhux b'żerriegħa li titħassar imma b'waħda li ma titħassarx, permezz tal-kelma ta' Alla ħaj (ara 1 Piet 1:23), mhux mill-ġisem imma bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu

(ara Ġw 3:5-6), saru ‘ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih… li darba ma kienx poplu, imma issa sar il-poplu ta’ Alla’ (1 Piet 2:9-10)” (LG 9).

Allura ma hemmx ħlief poplu wieħed ta’ Alla magħżul minnu: “Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda” (Efes 4:5); komuni hija d-dinjità tal-membri minħabba fit-tnissil mill-ġdid tagħhom fi Kristu, komuni l-grazzja tal-adozzjoni ta’ wlied, komuni l-vokazzjoni għall-perfezzjoni; ma hemmx ħlief salvazzjoni waħda, tama waħda u mħabba waħda bla firdiet. Għalhekk ma hemm l-ebda nuqqas ta’ ugwaljanza fi Kristu u fil-Knisja minħabba razza jew ġens, qagħda soċjali jew sess, għax “ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù” (Gal 3:28; ara Kol 3:11).

L-evidenza mogħtija tal-Knisja bħala Poplu ta’ Alla bl-inseriment tal-kapitlu II fil-kostituzzjoni tagħti wkoll importanza kbira lill-funzjonijiet attivi tagħha, espressi bħala parteċipazzjoni fis-saċerdozju ta’ Kristu. B’mod koerenti mal-għażla li ggwidat it-tfassil tal-kapitlu fuq il-Poplu ta’ Alla, il-Konċilju jaqleb ta’ taħt fuq l-ordni tas-suġġetti f’relazzjoni ma’ xulxin: il-Poplu ta’ Alla u l-ministri tiegħu. F’LG 1, test paradigmatiku f’dan ir-rigward, wara li rkupra t-tema tas-saċerdozju regali, li għal erba’ sekli ma ntqal xejn fuqha minħabba fil-polemika kontra r-Riforma, il-Konċilju reġa’ stabbilixxa r-relazzjoni bejn saċerdozju esterjuri tal-ministri u saċerdozju interjuri tal-fidili, affermat mill-*Katekiżmu ta’ Trento*. Jekk f’din il-perspettiva s-saċerdozju ministerjali rriżulta dejjem u xorta waħda superjuri, hekk li kienu jitkellmu dwar grad u essenza, issa tidher ċara r-relazzjoni stretta bejn żewġ xejriet ta’ parteċipazzjoni fis-saċerdozju waħdieni ta’ Kristu: “Is-saċerdozju komuni tal-fidili u s-saċerdozju ministerjali jew ġerarkiku għalkemm huma differenti fl-essenza u mhux biss fil-grad, madankollu huma maħsuba għal xulxin għaliex it-tnejn, kull wieħed bil-mod tiegħu, jipparteċipaw mis-saċerdozju wieħed ta’ Kristu” (LG 10).

Sħaqt fuq ir-rabta bejn saċerdozju komuni u saċerdozju ministerjali, għax din tgħinna nifhmu kif jaħdem il-prinċipju sinodali tas-smigħ. Hija l-aħħar parti tal-*quæstio*, li twassalna għall-konklużjonijiet tagħna.

## 6. *Sensus fidei* u Maġisteru

Il-ħafna kontributi fuq dan il-passaġġ konċiljari, li hu fost l-iktar studjati tal-Konċilju, ikkonċentraw l-aktar fuq il-frażi *"licet essentia et non gradu tantum differant"* – li tagħfas fuq id-differenza. L-attenzjoni marret fuq kollox fuq id-difiża ta' waħda miż-żewġ għamliet ta' parteċipazzjoni fis-saċerdozju ta' Kristu, dejjem b'dannu għall-oħra: mill-ġdid u dejjem loġika deċiżiva. Irridu noħorġu minn dan l-isqaq, billi nitilqu pjuttost mir-relazzjoni bejn iż-żewġ għamliet ta' parteċipazzjoni fis-saċerdozju waħdieni ta' Kristu; jeħtieġ nisħqu li saċerdozju komuni u saċerdozju ministerjali huma "maħsuba għal xulxin" [ordnati wieħed lejn l-ieħor]. Fi kliem ieħor huma mwaqqfin f'relazzjoni permanenti, irrid ngħid indissolubbli, bħala xejriet distinti u kumplimentari ta' parteċipazzjoni fis-saċerdozju ta' Kristu, u ma nistgħux nifhmuhom jekk ma nitilqux minn din ir-relazzjoni, li – ħalluni ngħidha – tħares lejn il-ministeru mqaddes mhux iżjed bħala dinjità u poter, imma bħala servizz lill-Poplu qaddis ta' Alla: li ma kienx hemm il-Poplu biex jiġi moqdi, ma kien ikun hemm ebda ħtieġa ta' "ministeru mqaddes"!

Din ir-relazzjoni kostituttiva tgħodd għal kull funzjoni: saċerdotali, profetika, regali. Għalhekk, mhux biżżejjed nirkupraw it-tema tas-*sensus fidei* bħala għamla ta' parteċipazzjoni fil-funzjoni profetika ta' Kristu, kif tagħmel il-LG 12; jeħtieġ inpoġġuha f'relazzjoni mal-*munus docendi* tal-ġerarkija, espressa f'LG 25, skont il-prinċipju affermat f'LG 10. Fi kliem ieħor, jekk saċerdozju komuni u saċerdozju ministerjali huma "maħsuba għal xulxin", huma hekk anki s-*sensus fidei* tal-Poplu ta' Alla u l-*munus docendi* tal-Maġisteru. Nistgħu naraw kif hemm din ir-relazzjoni ta' ċirkolarità għammiela fl-għażla tal-Konċilju li jindika bħala l-ewwel għamla – u għalhekk ordinarja – ta' tħaddim tal-*munus docendi* l-predikazzjoni tal-isqfijiet u mhux il-maġisteru infallibbli tal-Papa, li dejjem għandu karattru straordinarju. Hawn qiegħda l-possibbiltà li ntejbu r-rabta bejn *sensus fidei* u Maġisteru. Li "jippritkaw lill-poplu fdat f'idejhom il-fidi li għandu jemmen u japplikawha għall-ħajja morali tiegħu" (LG 25) u "jilqa'… l-kelma tal-fidi mogħtija darba lill-qaddisin (ara Ġuda 3), jintrabat magħha bis-sħiħ, jifhimha aktar fil-fond u jgħixha aktar f'ħajtu kollha" (LG 12), huma azzjonijiet li jikkorrispondu perefettament, kif nifhmu minn DV 10, mat-test li

jfassal b'mod iktar ċar iċ-ċirkolarità bejn *sensus fidei* u Maġisteru: "It-Tradizzjoni Mqaddsa u l-Iskrittura Mqaddsa jagħmlu depożitu sagru wieħed tal-kelma ta' Alla fdat lill-Knisja. Meta l-poplu qaddis kollu, magħqud mar-Ragħajja tiegħu, ikun fidil lejh, huwa jżomm sħiħ bla ma jaqta' fit-tagħlim tal-Appostli, fl-għaqda tal-aħwa, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb (ara Atti 2:42). Hekk l-Isqfijiet u l-fidili jkunu qegħdin isaħħu l-għaqda spiritwali tagħhom meta jżommu, iwettqu u jistqarru l-fidi li rċevew, *singularis fiat Antistitum et fidelium conspiratio*" (DV 10).

Qed nikkwota l-aħħar frażi bil-Latin, mhux biss għax il-ħafna traduzzjonijiet fid-diversi lingwi huma tradimenti veri u proprji, imma għax terġa' taqbad kelma b'kelma l-argument li fuqu l-Papiet serrħu għad-definizzjonijiet Marjani: is-*singularis Antistitum ac fidelium conspiratio*. Iċ-ċertezza ntlaħqet għal dik l-azzjoni tal-Ispirtu li hi possibbli u għammiela jekk u meta sseħħ din iċ-ċirkolarità bejn predikazzjoni u fidi. B'hekk qed ngħidu li r-relazzjoni bejn il-Poplu ta' Alla u r-Ragħajja tiegħu – b'mod partikulari l-isqof, prinċipju ta' għaqda fil-Knisja tiegħu (ara LG 23) – hija l-ispazju sagru u mbierek li fih il-Kelma ta' Alla tidwi u, hija u tidwi, issalva.

"B'dan is-sens ta' fidi, li l-Ispirtu s-Santu jqajjem u jżomm ħaj, il-poplu ta' Alla, immexxi mill-maġisteru mqaddes u ħerqan li jisma' minnu, jilqa' l-kelma mhux bħala kelma ta' bniedem imma bħala kelma ta' Alla, kif tassew hi (1 Tess 2:13), il-kelma tal-fidi mogħtija darba lill-qaddisin (ara Ġuda 3), jintrabat magħha bis-sħiħ, jifhimha aktar fil-fond u jgħixha aktar f'ħajtu kollha".

Is-sens ta' fidi mhuwiex biss argument li l-Maġisteru jista' juri f'xi każi biex jiddefinixxi domma, skont il-mudell 'gnoseologico' tal-*loci theologici*. Dik, jekk irridu, hija l-għamla straordinarja ta' kif jidher is-*sensus fidei*. U tista' tidher, għax teżisti għamla ordinarja ta' kif jidher is-*sensus fidei*, li hija t-tweġiba lil Alla li jirrivela ruħu u li "jitkellem mal-bnedmin bħal ħbieb" (DV 2) bl-"ubbidjenza tal-fidi" (DV 5) li tittraduċi ruħha f'xhieda li tingħex, fi stqarrija tal-fidi li tinqasam mal-oħrajn, f'"mixja flimkien"!

### 7. Is-smigħ bħala prinċipju tal-Knisja sinodali

Hekk allura nifhmu għaliex "Knisja sinodali hi Knisja tas-smigħ" ibda mir-relazzjoni kostituttiva bejn saċerdozju komuni u saċerdozju

ministerjali, bejn *sensus fidei* u Maġisteru, u fl-aħħar nett bejn profezija u dixxerniment.

"Jalla l-poplu tal-Mulej ikun kollu profeti!", qal Mosè liż-żagħżugħ Ġożwè (Num 11:29). Fi Kristu, din il-profezija twettqet. Issa, jekk hu minnu li l-Poplu ta' Alla għandu sehem fil-funzjoni profetika ta' Kristu, fejn nistgħu nilqgħu dak li l-Ispirtu jgħid lill-Knisja jekk mhux fis-smigħ tal-*universitas fidelium?* Fil-fatt, is-*sensus fidei* mhuwiex il-ġabra ta' opinjonijiet tal-waħdiet, imma l-wirja tal-fidi tal-Knisja, li ssir dejjem iżjed soda u ċara permezz tat-tħaddim attiv ta' din il-funzjoni tal-Poplu ta' Alla. X'kapaċità nistgħu niżviluppaw, liema ħila nistgħu nseddqu mingħajr taħriġ? Xi bluha tkun jekk naħsbu li l-fidi tista' tikber mingħajr ma tesprimi ruħha; fuq kollox li nistgħu naslu għal kunsens mingħajr *conspiratio*! Fil-konsultazzjoni tal-Poplu ta' Alla jseħħ dak id-dinamiżmu li hu fl-istess waqt azzjoni tal-Ispirtu – *spiratio* – u tal-Knisja – *cum* – li għandu bħala effett li jsaħħaħ il-komunjoni f'fidi maqsuma, li twieżen il-"mixi flimkien". Għalhekk kull att ekkleżjali jibda mis-smigħ u hu għammiel skont kemm hemm smigħ.

Imma jrid ikollna ċar quddiem għajnejna li l-prinċipju tas-smigħ ma jeżenta lil ħadd milli jipparteċipa. Knisja Poplu ta' Alla hi qabelxejn Knisja ta' aħwa minħabba fid-dinjità komuni li għandhom ilkoll mill-Magħmudija. L-*universitas fidelium* tiġbor lil kulħadd, "mill-isqfijiet sal-iċken fidili lajċi", kien jgħid Santu Wistin. Għalhekk hemm bżonn li nisimgħu lil xulxin, u nagħrfu li l-ieħor hu "pnewmatoforu", "dak li jġorr l-Ispirtu", skont espressjoni sabiħa tal-Missirijiet tal-Knisja. Li mill-ewwel nirrimarkaw x'inhi l-funzjoni tagħna, li nerġgħu nistabbilixxu d-differenza, jista' jkun it-tentattiv – it-tentazzjoni? – li naħarbu mill-prinċipju tad-dinjità ugwali u mill-qsim ta' ma' xulxin, li ma jitwettaqx biss fid-dritt li nitkellmu imma wkoll – fuq kollox! – fid-dmir li nisimgħu.

Naturalment, mhux kull ħaġa li tingħad hi l-leħen tal-Ispirtu. "Dak li l-Ispirtu jgħid lill-Knisja rridu ngħarbluh". U jekk li nisimgħu lil xulxin "fl-Ispirtu" diġà jimplika proċess ta' tisfija li hu diġà dixxerniment, din il-missjoni hi tar-Ragħajja minħabba fil-funzjoni tagħhom li jippresiedu. Il-Konċilju dan jiċċarah f'relazzjoni mad-dixxerniment tal-kariżmi, imma jiswa aktar u aktar għall-konsultazzjoni tal-Poplu ta' Alla. Din hi ħidma delikata, li qatt ma għandha ssir xkiel għat-tħaddim tas-sinodalità.

Il-biża' li ħafna għandhom hu li l-isqfijiet jistgħu jillivellaw, irattbu, ibattlu l-karattru ġdid tal-konsultazzjoni f'sintesi li tispiċċa biex "ixxejjen l-Ispirtu", "tmaqdar il-profeziji", u hekk nitilfu din l-opportunità li l-Ispirtu qed joffri lill-Knisja.

Il-proċess sinodali sħiħ hu mibni fuq din id-dinamika tas-smigħ: il-konsultazzjoni tal-Poplu ta' Alla fil-Knejjes partikulari, id-dixxerniment tal-isqfijiet fil-Konferenzi episkopali, is-smigħ tal-Assemblej kontinentali, is-smigħ tal-Assemblea ordinarja tas-Sinodu li – jekk Alla jrid – se tinżamm fil-ħarifa tal-2023: mingħajr il-prinċipju tas-smigħ li jseħħ fiċ-ċirkolarità kontinwa ta' profezija u dixxerniment, ma nistgħux nifhmu l-proċess sinodali li għaddej. Imma fuq kollox ma nistgħux nifhmu s-sinodalità bħala stil u forma tal-Knisja.

Għalhekk nixtieq nisħaq fuq dak li stqarr il-Papa Franġisku fid-diskors tal-50 anniversarju tas-Sinodu: "Is-Sinodu tal-Isqfijiet hu fejn jiltaqgħu l-aspetti kollha ta' dan id-dinamiżmu ta' smigħ fuq kull livell ta' ħajjet il-Knisja", li jinvolvi lil kulħadd: Poplu ta' Alla, Kulleġġ episkopali, Isqof ta' Ruma. F'dak id-diskors il-Papa wera kemm tista' tkun għammiela din il-viżjoni mhux biss fil-Knisja Kattolika, imma fid-djalogu ekumeniku u anki fid-djalogu mad-dinja.

Il-kelmiet li jagħlqu dak id-diskors jidwu llum b'mod profetiku, quddiem l-armi li ma jiqfux jisparaw: "Ħarsitna titwessa' anki fuq il-bnedmin. Knisja sinodali hi bħal sinjal għoli fost il-ġnus (ara Iż 11:12) f'dinja li – anki jekk trid il-parteċipazzjoni, is-solidarjetà u t-trasparenza fl-amministrazzjoni tal-ħwejjeġ pubbliċi – spiss titlaq id-destin ta' ġnus sħaħ fl-idejn magħluqa ta' gruppi ristretti ta' poter. Bħala Knisja li 'timxi flimkien' mal-bnedmin, li għandha sehem mit-taħbit tal-istorja, ejjew ngħożżu l-ħolma li l-għarfien mill-ġdid tad-dinjità invjolabbli tal-popli u tal-funzjoni tal-qadi tal-awtorità jistgħu jgħinu wkoll lis-soċjetà ċivili biex tinbena fil-ġustizzja u fil-fraternità, u tnissel dinja isbaħ u iżjed denja tal-bniedem għall-ġenerazzjonijiet li għad jiġu warajna".

Fi tmiem din il-*lectio* tiegħi f'għamla ta' *quæstio*, nista' allura nifformula l-konklużjoni tiegħi. Mhux biss nafferma – *respondeo*, kien jgħid il-*Magister sententiarum* – li "Knisja sinodali hi Knisja tas-smigħ", imma issa li bnejt l-argumentazzjoni tiegħi fuq is-smigħ bħala punt tat-tluq, nista' nikkonkludi u nistqarr il-formula bil-maqlub: "Knisja sinodali

hi Knisja tas-smigħ”, għax “il-Knisja tas-smigħ hi Knisja sinodali”. Is-smigħ hu l-prinċipju tas-sinodalità għal Knisja li tqiegħed fiċ-ċentru ta’ ħajjitha u tal-missjoni tagħha lil Alla u allura lill-bniedem; Knisja li ssir “tixbah lil Alla” meta tilqa’ lil kulħadd bla distinzjoni; Knisja li bħal Marija ta’ Betanja tagħżel “l-aħjar sehem” ta’ min jaf li fis-smigħ mhux biss għandu x’jagħti, imma anki ħafna x’jirċievi. Fejn hemm is-smigħ, hemmhekk hemm il-Knisja, u din ma tistax ma tkunx sinodali. Imma dan ġa kien fehmu Ġwanni Kriżostmu: “Sinodu u Knisja huma ħaġa waħda”.

*Miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

# Is-Sinodu tal-Isqfijiet minn Pawlu VI sa Franġisku: normi, proċeduri u żviluppi

Rev. Dr Kevin Schembri

> "It-tħassib appostoliku li jwassalna biex nistudjaw bir-reqqa s-sinjali taż-żminijiet u biex nagħmlu kull sforz sabiex naddattaw il-mezzi u l-metodi tal-appostolat qaddis tagħna skont iċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu u skont il-bżonnijiet ta' żmienna, iħeġġiġna nwaqqfu rabtiet aktar mill-qrib mal-Isqfijiet, u b'hekk insaħħu l-għaqda tagħna magħhom [...]. Aħna qed nagħmlu dan mhux biss għax misjuqa mir-reverenza, l-istima u s-sens ta' gratitudni li bir-raġun nħossu lejn il-Venerabbli Aħwa kollha fl-Episkopat, iżda wkoll minħabba r-responsabbiltà tqila ħafna li tpoġġiet fuqna bħala Ragħaj universali, responsabbiltà li tobbligana nwasslu lill-Poplu ta' Alla lejn il-mergħat tal-eternità."[1]

Kien b'dan il-kliem li Papa Pawlu VI fetaħ *Apostolica Sollicitudo*, l-Ittra Appostolika mogħtija *motu proprio*[2] fl-15 ta' Settembru 1965 li biha waqqaf is-Sinodu tal-Isqfijiet fil-Knisja Kattolika. Ġurnata qabel – fil-ftuħ tar-Raba' (u l-aħħar) Sessjoni tal-Konċilju Vatikan II – il-Papa kien diġà ħabbar li kien se jwaqqaf 'Sinodu tal-Isqfijiet' li kellu jkun magħmul minn isqfijiet, fil-biċċa l-kbira tagħhom nominati mill-konferenzi episkopali u approvati mill-Papa, li jkollhom ir-rwol li jikkollaboraw mill-qrib mal-Papa u jagħtuh pariri, meta dan jara li hu ta' bżonn u ta' ġid illi jsejħilhom biex jgħinuh.[3]

## Idea li kienet ilha ddur

Għalkemm kien Pawlu VI li ħa din id-deċiżjoni kbira, l-idea li l-isqfijiet tad-dinja jibdew jgħinu b'mod aktar prattiku lill-Papa fit-tmexxija tal-Knisja ma bdietx miegħu. Dan l-aħħar, Papa Franġisku osserva li

s-Sinodu tal-Isqfijiet hu "ġdid fit-twaqqif tiegħu imma antikissmu fl-ispirazzjoni".[4] Fil-fatt, il-Knejjes Orjentali, sew Ortodossi u Kattoliċi, għandhom tradizzjoni twila ta' 'sinodi permanenti' li jmexxu l-Knisja Partikolari flimkien mal-patrijarka jew ġerarka tagħha.[5]

Fil-5 ta' Novembru 1959, il-Kardinal Silvio Oddi – dak iż-żmien Arċisqofu Pro-Nunzju Appostoliku għar-Repubblika Għarbija Magħquda (illum l-Eġittu u s-Sirja) – kien ippropona korp ċentrali ta' tmexxija għall-Knisja Kattolika Rumana; korp li jkun permanenti u konsultattiv, u jkun jinkludi persuni minn madwar id-dinja kollha. Il-proposta ta' Oddi kienet li dal-korp ikun indipendenti mill-Kongregazzjonijiet Rumani, u jiltaqa' perjodikament biex jiddiskuti materji ewlenin li jmissu l-ħajja tal-Knisja u jissuġġerixxi toroq ġodda. Fit-22 ta' Diċembru 1959, il-Kardinal Johannes Alfrink – dak iż-żmien Arċisqof ta' Utrecht – kien issuġġerixxa xi ħaġa simili. Skont Alfrink, l-isqfijiet Kattoliċi kellhom jieħdu sehem fit-tmexxija tal-Knisja Universali mhux biss meta jissejħu għal konċilju ekumeniku, imma wkoll permezz ta' ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda, bħal pereżempju kunsill permanenti ta' isqfijiet speċjalizzati, magħżulin minn madwar id-dinja, li jaqdu l-funzjoni leġiżlattiva fil-Knisja flimkien mal-Papa u mal-kardinali tal-Kurja Rumana.[6]

Il-Konċilju Vatikan II – speċjalment permezz tal-kostituzzjoni dommatika *Lumen Gentium* tal-21 ta' Novembru 1964 – kien ukoll poġġa enfasi fuq il-bżonn li l-isqfijiet kollha *cum et sub Petro* (ma' u taħt Pietru) jibdew ikunu konsultati aktar fuq materji li jolqtu l-ħajja tal-Knisja. Fl-Awla tal-Konċilju, diversi isqfijiet – fosthom il-Patrijarka Melkita Grieg-Kattoliku, Massimu IV; l-Arċisqof ta' Reims, Francois Marty; l-Isqof ta' Bressanone, Joseph Gargitter; u l-Isqof Koadjutur ta' Portsmouth, Thomas Holland – tkellmu favur it-twaqqif ta' xi tip ta' kunsill permanenti ta' isqfijiet li jaħdem b'mod kolleġġjali mal-Papa, bil-għan li d-dinamika pożittiva li kienet inħolqot u trawmet bejn il-Papa u l-Isqfijiet matul il-Konċilju, titkompla anke wara l-għeluq tiegħu.[7]

Qabel waqqaf is-Sinodu, Pawlu VI kien tkellem ukoll dwar dan il-bżonn. Fl-29 ta' Settembru 1963 – meta kien ilu Papa tliet xhur biss – kien talab lill-Isqfijiet sabiex jgħinuh fit-twettiq tal-uffiċċju ġdid tiegħu.[8] Sena wara, fil-21 ta' Novembru 1964, il-Papa qal lill-Padri Konċiljari li kien lest li jagħżel xi wħud minnhom sabiex, kull tant

żmien, jiddelibera magħhom dwar ċerti materji relevanti u ta' interess ġenerali. Pawlu VI kien esprima t-tama li b'dinamika bħal din, l-Isqof ta' Ruma jkollu l-faraġ tal-preżenza tal-isqfijiet tad-dinja, l-għajnuna tal-prudenza, tal-kompetenza u tal-parir tagħhom, u l-kunsens tal-awtorità tagħhom. Il-Papa kien żied li l-Kurja Rumana wkoll kellha tibbenefika minn din l-esperjenza.[9]

**Twaqqif u l-ewwel normi**

Kien f'dan l-isfond li l-motu proprio *Apostolica Sollicitudo* stabilixxa s-Sinodu tal-Isqfijiet bħala istituzzjoni ċentrali u permanenti tal-Knisja Kattolika, magħmula minn isqfijiet magħżula minn madwar id-dinja, li kellhom ir-rwol li jiltaqgħu meta jissejħu mill-Papa sabiex jaqdu funzjoni partikolari, għal żmien speċifiku (n. 1). L-Ittra Appostolika ddeterminat li s-sessjonijiet tas-Sinodu setgħu jkunu ta' tliet tipi: ġenerali, straordinarji, jew speċjali (n. 4). Ippreskriviet ukoll kif kellha ssir l-għażla tal-parteċipanti għal kull tip ta' sessjoni (n. 5-10), u stabilixxiet li l-parteċipanti kollha, ħlief is-Segretarju Ġenerali tas-Sinodu u l-assistenti tiegħu, kellhom jispiċċaw minn 'membri tas-Sinodu' malli tintemm is-sessjoni (n. 11-12). Għalkemm is-Sinodu twaqqaf bħala struttura permamenti, il-parteċipazzjoni fih kellha tkun transitorja.

*Apostolica Sollicitudo* spjegat ukoll li l-isqfijiet li jieħdu sehem fis-Sinodu kellhom il-missjoni ewlenija li jgħinu b'mod aktar effettiv lill-Papa partikolarment b'żewġ modi: billi jagħtuh tagħrif u pariri siewja, u permezz ta' deċiżjonijiet. Fl-istess ħin għamlitha ċara li s-Sinodu seta' jieħu deċiżjonijiet biss jekk il-Papa nnifsu jagħtih din il-kompetenza u, anke meta jiġri hekk, il-Papa jibqa' jgawdi l-prerogattiva li jirratifika d-deċiżjonijiet tas-Sinodu. L-Ittra Appostolika mbagħad elenkat tliet għanijiet 'ġenerali' tas-Sinodu: li jippromwovi għaqda u kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Papa u l-Isqfijiet tad-dinja; li jara li tingħata informazzjoni preċiża u diretta fuq il-ħajja u l-ħidma tal-Knisja; u li jiffaċilita l-qbil fil-Knisja, għall-inqas fuq kwistjonijiet essenzjali ta' duttrina u fuq l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu. Mill-banda l-oħra, l-għanijiet 'speċjali' u 'immedjati' tas-Sinodu kienu tnejn: li jipprovdi informazzjoni utli lill-Papa u lill-Isqfijiet; u li jiddiskuti x-xogħol speċifiku li għalih ikun tlaqqa' (n. 2).

Pawlu VI żied li s-Sinodu kellu "jirrapreżenta l-episkopat Kattoliku kollu" (n. 1). Dan kien punt importanti ħafna għax dak iż-żmien kien għaddej dibattitu dwar jekk dan il-'kunsill permanenti ta' isqfijiet' kellux ikun estensjoni tal-uffiċċju tal-Papat, jew estensjoni tal-kolleġġjalità tal-Isqfijiet.[10] Meta l-Papa ddikjara li s-Sinodu kellu jkun istituzzjoni li tirrapreżenta l-episkopat Kattoliku kollu, hu deher jimbotta t-tieni viżjoni. Fl-istess ħin, dawk li kienu jipproponu l-ewwel viżjoni kellhom favurihom il-fatt li, minkejja d-diskors kollu dwar konsultazzjoni u kollaborazzjoni akbar bejn il-Papa u l-Isqfijiet, Pawlu VI kien ħa d-deċiżjoni li jwaqqaf is-Sinodu tal-Isqfijiet waħdu, u ma kienx ta ċans lill-Konċilju sabiex jiddeċiedi dwar din il-kwistjoni. Aktar minn hekk, Pawlu VI kien stabilixxa wkoll li s-Sinodu kellu jkun sottomess għall-awtorità tal-Papa. *Apostolica Sollicitudo* ddikjarat li l-Papa biss kellu dawn il-prerogattivi: li jsejjaħ is-Sinodu; li jiddeċiedi t-temi għad-diskussjoni; li jagħżel il-post tal-laqgħat; li jistabbilixxi l-aġenda; li jara li l-materjal li jrid jiġi diskuss jintbagħat lil dawk konċernati dwar id-diskussjoni; li jaħtar ċerti parteċipanti; li jirratifika l-elezzjoni tal-parteċipanti l-oħra; u li jippresiedi s-Sinodu personalment, jew permezz ta' ħadd ieħor (n. 3, 10).

**Żviluppi fil-metodoloġija**

Fit-tliet xhur ta' wara l-promulgazzjoni tal-motu proprio – li kienu wkoll l-aħħar tliet xhur tal-Konċilju Vatikan II – żewġ digrieti tal-Konċilju għamlu referenza għall-istruttura ġdida maħluqa minn Pawlu VI. Fit-28 ta' Ottubru 1965, id-digriet *Christus Dominus* dwar l-uffiċċju pastorali tal-isqfijiet fil-Knisja tenna fil-qosor uħud mill-punti ta' *Apostolica Sollicitudo*, jiġifieri, li permezz ta' normi li diġà kienu ġew, jew li kienu għad iridu jiġu, stabbiliti mill-Papa, isqfijiet magħżula minn madwar id-dinja joffru kollaborazzjoni aktar effikaċi lill-Papa stess permezz ta' kunsill imsejjaħ 'Sinodu tal-Isqfijiet'. Dan il-kunsill, waqt li jaġixxi f'isem l-episkopat Kattoliku kollu, kellu juri li l-Isqfijiet kollha jerfgħu flimkien ir-responsabbiltà tal-Knisja Universali.[11] Fis-7 ta' Diċembru 1965, id-digriet *Ad Gentes* dwar l-attività missjunarja tal-Knisja esprima l-viżjoni li s-Sinodu ta' l-Isqfijiet "għandu jagħti konsiderazzjoni speċjali lill-attività missjunarja, li hi l-akbar u l-eqdes ħidma tal-Knisja".[12]

Kif qrajna hawn fuq, id-digriet *Christus Dominus* indika li n-normi eżistenti dwar is-Sinodu setgħu jiġu elaborati u anke mibdula b'oħrajn ġodda. Pawlu VI kien diġà għamel dan il-punt f'*Apostolica Sollicitudo*, meta kien stqarr li s-Sinodu, bħal kull istituzzjoni umana oħra, jista' jittejjeb maż-żminijiet.[13] Fil-fatt, matul is-snin kien hemm diversi żviluppi u bidliet fin-normi li jirregolaw is-Sinodu. Fit-8 ta' Diċembru 1966 – sena wara l-għeluq tal-Konċilju – Pawlu VI ppromulga l-*Ordo Synodi Episcoporum Celebrandae*; b'hekk stabilixxa liġi speċjali li ġabet ordni fl-istruttura u fil-proċeduri tas-Sinodu. Fid-dawl tal-esperjenza li l-Knisja bdiet tikseb mas-snin, l-*Ordo Synodi* ġie rivedut fl-24 ta' Ġunju 1969, fl-20 ta' Awwissu 1971, u fid-29 ta' Settembru 2006, u beda jinkludi taqsimiet ġodda bħal, per eżempju, in-*Normi Proċedurali għad-Diskussjoni fi Gruppi* u l-*Kummenti Spjegattivi*.[14]

Matul dawn id-deċenni, il-proċedura sinodali żviluppat b'mod li s-Sinodu beda jinkorpora tliet stadji ewlenin: il-fażi preparatorja, il-fażi tal-assemblea sinodali, u l-fażi konklussiva. Il-fażi preparatorja kienet tibda b'konsultazzjoni wiesgħa – fost il-patrijarkati, il-konferenzi episkopali, il-kapijiet tad-dipartimenti tal-Kurja Rumana, u s-superjuri reliġjużi ġenerali – dwar l-għażla tas-suġġett. Dawk konsultati kienu jintalbu jissuġġerixxu suġġett li jkollu karattru universali, jiġifieri relevanti għall-Knisja kollha; karattru kontemporanju u urġenti, jiġifieri kapaċi jqanqal enerġiji ġodda fil-Knisja; bażi dottrinali soda; u karattru pastorali u fattibli, jiġifieri, jolqot il-ħajja tal-Knisja u b'potenzjal li tassew jista' jitwettaq. Xi drabi, il-membri tas-Sinodu ta' qabel kienu jkunu diġà indikaw xi temi min-naħa tagħhom. Il-Kunsill tas-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu kien jistudja s-suġġerimenti miġbura u jgħaddi l-proposti tiegħu lill-Papa li jieħu d-deċiżjoni finali dwar is-suġġett. Il-Kunsill, flimkien ma' teologi u esperti oħra, kien iħejji l-ewwel dokument, imsejjaħ *Lineamenta*, li kellu l-iskop li jibda jiżviluppa t-tema u jqajjem firxa wiesgħa ta' osservazzjonijiet u reazzjonijiet. L-abbozz kien l-ewwel jgħaddi għand il-Papa għall-approvazzjoni tiegħu, u mbagħad jiġi tradott fil-lingwi ewlenin tad-dinja u jintbagħat lill-Isqfijiet tal-Knisja biex jiġġenera studju, talb u diskussjoni fil-livell lokali. L-Isqfijiet, wara li kienu jiġbru l-kummenti u s-suġġerimenti dwar is-suġġett, kienu jibagħtu rapport lis-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu. Il-Kunsill

tas-Segretarjat, dejjem bl-għajnuna ta' speċjalisti fuq is-suġġett, kien jaħdem fuq il-materjal li jkun irċieva u jħejji t-tieni dokument, imsejjaħ *Instrumentum Laboris*. Dan id-dokument kellu l-iskop li jservi ta' bażi u punt ta' referenza waqt id-diskussjoni fl-Awla Sinodali. Għal darb'oħra, l-abbozz kien jgħaddi għand il-Papa għall-approvazzjoni tiegħu, jiġi tradott fil-lingwi ewlenin, u, did-darba, jintbagħat lill-membri tas-Sinodu biss. Ħafna drabi, però, il-Papa kien jagħti permess biex l-*Instumentum Laboris* jiġi ppublikat u jirċievi ċirkolazzjoni wiesgħa.

Il-fażi tal-assemblea sinodali kienet tkun ikkaratterizzata minn tliet stadji. Matul l-ewwel stadju, kull membru tas-Sinodu kien jagħmel preżentazzjoni dwar is-suġġett mill-esperjenza tal-Knisja partikolari tiegħu. B'hekk, il-parteċipanti kienu jieħdu stampa ġenerali tas-sitwazzjoni madwar id-dinja. Fid-dawl tal-preżentazzjonijiet, ir-Rapporteur tas-Sinodu kien iħejji sensiela ta' punti għad-diskussjoni biex jintużaw matul it-tieni stadju, meta l-parteċipanti kollha kienu jinqasmu fi gruppi żgħar, imsejħa *circuli minores*, skont id-diversi lingwi mitkellma. Wara l-gruppi, il-parteċipanti kienu jirritornaw fis-sessjoni plenarja biex jisimgħu r-rapport ta' kull grupp u setgħu jagħmlu kummenti jew mistoqsijiet oħra. Fit-tielet stadju, il-gruppi żgħar kienu jerġgħu jiltaqgħu biex jifformulaw punti u suġġerimenti b'mod aktar preċiż u definit. Dawn il-proposti kienu jgħaddu għand ir-Rapporteur u għand is-Segretarju Speċjali tas-sessjoni, li kellhom ir-rwol li jiġbruhom f'lista ta' proposti, imsejħa *Propositiones*. Ir-Rapporteur kien jippreżenta l-proposti fis-sessjoni plenarja, u din kienet tiġi diskussa u emendata fil-gruppi ż-żgħar. Ir-Rapporteur u s-Segretarju Speċjali kienu għal darb'oħra jqisu l-emendi – f'każ ta' rifjut ta' xi emenda, kellhom jagħtu bażi għad-deċiżjoni tagħhom – u jippreżentaw il-lista ta' proposti finali f'sessjoni plenarja oħra, fejn kienet issir il-votazzjoni mill-Padri Sinodali.

Il-fażi konklussiva kienet titlob li s-Segretarju Ġenerali tas-Sinodu jieħu ħsieb l-arkivjar tal-materjal kollu tas-Sinodu, kif ukoll l-abbozzar tar-rapport dwar il-ħidma tas-Sinodu, msejjaħ *Relatio circa Labores Peractos*, biex jgħaddih lill-Papa, flimkien mal-proposti u d-dokumenti l-oħra tal-Assemblea. L-*Ordo Synodi* ma kienx jispeċifika x'kellu jiġri mill-proposti u d-dokumenti finali. Per eżempju, il-konklużjonijiet tal-ewwel tliet sinodi (tal-1967, l-1969 u l-1971) għaddew għand il-Papa

b'rakkomandazzjonijiet dwar il-problemi espressi. Però, wara s-Sinodu tal-1974, Pawlu VI qies il-proposti u r-rapport finali tal-Assemblea, u ppromulga l-eżortazzjoni appostolika *Evangelii Nuntiandi*. Minn hemm 'il quddiem, proċess simili kien segwit wara kważi kull sessjoni tas-Sinodu; b'kollox il-Papiet tal-aħħar snin ħarġu 22 eżortazzjoni appostolika post-sinodali.[15] Mill-1987, is-Segretarju Ġenerali tas-Sinodu u l-membri tal-Kunsill tas-Segretarjat bdew jkunu involuti fit-tħejjija tal-eżortazzjoni post-sinodali.

**Il-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku**

Sadanittant, fl-1983 u fl-1990, il-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku u l-Kodiċi tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali ppromulgaw numru ta' kanoni dwar is-Sinodu tal-Isqfijiet; b'hekk, l-elementi prinċipali tal-istruttura u d-dinamika tas-Sinodu ġew integrati fil-liġi universali tal-Knisja Kattolika.[16]

Il-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku tkellem dwar is-Sinodu tal-Isqfijiet f'kanoni 342–348. Dawn il-kanoni jinsabu fit-Tieni Ktieb tal-Kodiċi (dwar il-Poplu ta' Alla), fit-taqsima dwar il-kostituzzjoni ġerarkika tal-Knisja. Kanoni 342 bniet fuq l-indikazzjonijiet ta' Pawlu VI u ddeskriviet is-Sinodu bħala grupp ta' isqfijiet magħżula minn reġjuni differenti tad-dinja, li jiltaqgħu flimkien, f'perjodi stabbiliti, għal tliet għanijiet: sabiex irawmu għaqda aktar mill-qrib bejn il-Papa u l-Isqfijiet, jassistu lill-Papa bil-pariri tagħhom, u jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-attività tal-Knisja fid-dinja. Hu interessanti li l-kanoni ħalliet barra żewġ skopijiet importanti tas-Sinodu li kienu ssemmew f'*Apostolica Sollicitudo*, jiġifieri, li jara li tingħata informazzjoni preċiża u diretta fuq il-ħajja u l-ħidma tal-Knisja, u li jiffaċilita l-qbil fil-Knisja, għall-inqas fuq kwistjonijiet essenzjali ta' duttrina u fuq l-azzjonijiet li l-Knisja għandha tieħu. Kanoni 343 għamlitha ċara li l-għan tas-Sinodu hu li jiddiskuti l-kwistjonijiet li jitpoġġew quddiemu, iżda mhux li jsolvihom jew li joħroġ digrieti dwarhom, sakemm il-Papa ma jkunx assenjalu din il-kompetenza. Il-Kodiċi, bħal *Apostolica Sollicitudo*, iħalli l-prerogattiva tar-ratifika tad-deċiżjonijiet tas-Sinodu f'idejn il-Papa (ara wkoll kan. 341 §2). Il-prerogattivi l-oħra tal-Papa msemmija minn Pawlu VI sabu ruħhom fil-Kodiċi wkoll, flimkien ma' oħra li tgħid li hu l-Papa

li jikkonkludi, jittrasferixxi, jissospendi u jxolji s-Sinodu (kan. 344). Skont il-Kodiċi, ir-rwol tal-Papa fis-Sinodu tal-Isqfijiet hu kważi parallel għar-rwol tiegħu f'konċilju ekumeniku (ara kan. 338).

Kanoni 345 elenkat it-tipi ta' sessjonijiet tas-Sinodu u fissret id-differenza bejniethom: is-sessjoni ġenerali, li tista' tkun ordinarja jew straordinarja, tittratta materji li jolqtu l-ħajja tal-Knisja Universali, waqt li s-sessjoni speċjali tikkunsidra affarijiet li jappartjenu direttament għal reġjun jew reġjuni partikolari. Il-Kodiċi tal-1983 elabora wkoll dwar l-għażla tal-parteċipanti għal kull tip ta' sessjoni (kan. 346), dwar x'jiġri meta sessjoni tas-Sinodu tintemm (kan. 347 §1), dwar x'jiġri meta s-Sede Appostolika ssir vakanti wara li jkun diġà ssejjaħ jew beda Sinodu (kan. 347 §2), u dwar ir-rwoli tas-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu u tas-Segretarju Speċjali tas-sessjoni (kan. 348).

Kanoni 348 għamlet riferenza għall-Kunsill tas-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu. Dan il-Kunsill kien ġie stabbilit wara s-Sinodu tal-1969 dwar il-koperazzjoni bejn is-Santa Sede u l-konferenzi episkopali, propju biex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn iż-żewġ naħat; l-ewwel laqgħa tal-Kunsill kienet saret bejn it-12 u l-15 ta' Mejju 1970. Fil-fatt, kien ukoll is-Sinodu tal-1969 li ppropona li l-isqfijiet miġbura fis-Sinodu jkollhom il-possibilità li jissuġġerixxu temi għal sessjonijiet futuri, u li s-sessjonijiet ordinarji tas-Sinodu jibdew jiltaqgħu kull sentejn; eventwalment, dawn bdew jiltaqgħu kull tlieta jew erba' snin.[17]

Min-naħa l-oħra, l-Kodiċi tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali semma s-Sinodu tal-Isqfijiet – kif qed nifhmuh f'dan l-artiklu – f'kanoni 46. Ngħidu "kif qed nifhmuh f'dan l-artiklu" għax il-kodiċi għall-Knejjes Orjentali għamel 'il fuq minn mitejn referenza oħra għas-sinodi permanenti tal-isqfijiet li huma parti mit-tmexxija tal-Knejjes Patrijarkali (ara Titlu IV: kann. 55-10) u tal-Knejjes Maġġuri Arċiveskovili (ara Titlu V: kann. 151-154). Min-naħa l-oħra, il-kanoni 46 tinsab f'Titlu III dwar l-awtorità suprema tal-Knisja, fit-taqsima dwar il-Papa. Din il-kanoni tgħid li l-Papa, fl-eżerċizzju tal-uffiċċju tiegħu, jiġi megħjun mill-Isqfijiet b'diversi modi, fosthom permezz tas-Sinodu tal-Isqfijiet (§1). Il-kanoni żżid li l-parteċipazzjoni tal-patrijarki u tal-ġerarki fis-Sinodu hi rregolata b'normi speċjali stabbiliti mill-Papa nnifsu (§2).

**_Pastores Gregis_ u s-sessjonijiet tas-Sinodu**

Fl-2003, ir-realtà tas-Sinodu tal-Isqfijiet kienet diskussa wkoll f'*Pastores Gregis*, l-eżortazzjoni appostolika ta' Papa Ġwanni Pawlu II, li kienet frott tas-Sinodu tal-2001 dwar il-persuna tal-isqof.[18] F'paragrafu 58, il-Papa semma tliet doveri tal-isqfijiet miġbura fis-Sinodu: li jirrappreżentaw lill-Knejjes tagħhom, li jesprimu l-pożizzjoni tal-konferenzi episkopali li jkunu għażluhom, u li jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom personali. Meta jagħmlu hekk, l-Isqfijiet ikunu qegħdin jirrapreżentaw lill-korp ġerarkiku kollu tal-Knisja u, f'ċertu sens, lill-Poplu Nisrani kollu, li tiegħu huma rgħajja.

*Pastores Gregis* indirizzat ukoll il-fatt li, normalment, is-Sinodu tal-Isqfijiet ikollu rwol konsultattiv biss. Skont il-Papa Pollakk, dan ma jnaqqas xejn mill-importanza tas-Sinodu, għax l-iskop ta' kull korp kolleġġjali fil-Knisja, sew konsultattiv jew deliberattiv, hu t-tfittxija tal-verità u l-ġid tal-Knisja. Għalhekk, meta l-isqfijiet miġbura fis-Sinodu jagħtu l-vot konsultattiv tagħhom, huma jkunu qegħdin jipparteċipaw fit-tmexxija tal-Knisja u jassistu lis-Suċċessur ta' Pietru fit-twettiq tal-uffiċċju tiegħu. Ġwanni Pawlu II ħares lejn is-sessjonijiet imgħoddija tas-Sinodu u osserva li kull assemblea sinodali kienet esperjenza ekkleżjali qawwija ta' komunjoni bejn l-Isqfijiet u l-Papa, u bejn l-Isqfijiet infushom.

Mill-1965 sal-2003, kienu saru għoxrin sessjoni tas-Sinodu: għaxra minnhom ġenerali ordinarji, tnejn ġenerali straordinarji, u disgħa speċjali. L-għaxar sessjonijiet ġenerali ordinarji kienu dwar il-preservazzjoni u t-tisħiħ tal-Fidi Kattolika (1967), is-saċerdozju ministerjali u l-ġustizzja fid-dinja (1971), l-evanġelizzazzjoni fid-dinja moderna (1974), il-katekeżi fi żmienna (1977), il-familja nisranija (1980); il-penitenza u r-rikonċiljazzjoni fil-missjoni tal-Knisja (1983), il-vokazzjoni u l-missjoni tal-lajċi fil-Knisja u fid-dinja (1987), il-formazzjoni tas-saċerdoti fiċ-ċirkustanzi tad-dinja tal-lum (1990), il-ħajja kkonsagrata u r-rwol tagħha fil-Knisja u fid-dinja (1994), u l-isqof bħala qaddej tal-evanġelju ta' Ġesù Kristu għat-tama tad-dinja (2001). Iż-żewġ sessjonijiet ġenerali straordinarji kienu dwar il-koperazzjoni bejn is-Santa Sede u l-konferenzi episkopali (1969), u l-għoxrin anniversarju mill-għeluq tal-Konċilju Vatikan II (1985), waqt li d-disa' sessjonijiet speċjali kienu dwar

l-Olanda (1980), l-Ukrajna (1980), l-Ewropa (1991), l-Afrika (1994), il-Libanu (1995), l-Amerika (1997), l-Asja (1998), l-Oċeanja (1998), u l-Ewropa (1999).

Mill-pubblikazzjoni ta' *Pastor Gregis* sal-lum saru disa' sessjonijiet oħra tas-Sinodu: ħamsa ġenerali ordinarji, waħda ġenerali straordinarja, u tlieta speċjali. Il-ħames sessjonijiet ġenerali ordinarji kienu dwar l-Ewkaristija bħala għajn u quċċata tal-ħajja u l-missjoni tal-Knisja (2005), il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja (2008), l-evanġelizzazzjoni l-ġdida għat-trasmissjoni tal-Fidi Nisranija (2012), il-vokazzjoni u l-missjoni tal-familja fil-Knisja u fid-dinja tal-lum (2015), u ż-żgħażagħ, il-fidi u d-dixxerniment vokazzjonali (2018). Is-sessjoni ġenerali straordinarja kienet dwar l-isfidi pastorali tal-familja fil-kuntest tal-evanġelizzazzjoni (2014), waqt li t-tliet sessjonijiet speċjali kienu dwar l-Afrika (2009), il-Lvant Nofsani (2010), u r-Reġjun Pan-Amażonjan (2020).

F'sintonija ma' dak li kien kiteb Pawlu VI f'*Apostolica Sollicitudo*, Ġwanni Pawlu II stqarr ukoll li n-normi u l-proċeduri dwar is-Sinodu dejjem jistgħu jitjiebu u jiġu pperfezzjonati. Hu kien diġà esprima dal-ħsieb, fost l-oħrajn, fit-30 ta' April 1983, waqt laqgħa mal-Kunsill tas-Segretarjat Ġenerali,[19] u fid-29 ta' Ottubru 1983, fl-għeluq tas-sessjoni tas-Sinodu dwar il-penitenza u r-rikonċiljazzjoni fil-missjoni tal-Knisja.[20]

## Riforma mill-qiegħ

Fil-15 ta' Settembru 2018, Papa Franġisku rriforma mill-qiegħ is-Sinodu tal-Isqfijiet permezz tal-kostituzzjoni appostolika *Episcopalis Communio*.[21] Bil-promulgazzjoni tad-dokument, ġew abrogati *Apostolica Sollicitudo*, l-*Ordo Synodi*, u dawk il-kanoni miż-żewġ kodiċi li jikkontradixxu n-normi l-ġodda (art. 27).

Din ir-riforma kienet ilha ġejja. Diġà fl-2013 – f'intervista li kienet saritlu ftit xhur wara l-elezzjoni tiegħu bħala Papa – Franġisku kien stqarr li "[f]orsi wasal iż-żmien li nbiddlu l-metodoloġija tas-Sinodu tal-Isqfijiet, għax jidhirli li dik attwali mhix dinamika."[22] Sa mill-bidu tal-pontifikat tiegħu, il-Papa Arġentin beda jtanbar dwar il-bżonn li l-istrutturi tal-Knisja jitfasslu mill-ġdid biex isiru "aktar missjunarji", jiġifieri, aktar flessibli u disposti għal atteġġjament ta' "ħruġ", aktar

sensittivi għall-bżonnijiet tan-nies, u aktar miftuħa għall-"ġdid" fi żmien ta' bidliet kbar.[23] Xi aspetti tal-metodoloġija li l-Papa ħaddem fis-sinodi tal-2014 u l-2015 dwar il-familja kienu diġà marru oltre n-normi tal-*Ordo Synodi*.[24]

F'*Episcopalis Communio*, il-Papa reġa' rrefera għal dawn il-punti (n. 1). Fil-fatt, wieħed mill-għanijiet ewlenin tar-riforma kien propju li s-Sinodu jsir aktar dinamiku u inċisiv fil-ħajja tal-Knisja. Dan id-dinamiżmu jidher l-aktar fir-relazzjoni ċirkolari li *Episcopalis Communio* ħolqot bejn is-Sinodu – li għandu tliet fażijiet – u l-Knejjes Lokali. Fl-ewwel fażi, msejħa preparatorja, is-Sinodu "jibda" mill-Knejjes Lokali, jiġifieri "minn taħt", permezz ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-Poplu ta' Alla madwar id-dinja dwar it-tema magħżula mill-Papa (art. 5-10). It-tieni fażi hi dik ċelebrattiva, fejn l-Isqfijiet jinġabru fl-assemblea sinodali biex jagħmlu d-dixxerniment tagħhom, imdawla b'dak li jkun inġabar waqt l-ewwel fażi (art. 11-18). Fit-tielet fażi, msejħa implimentattiva, is-Sinodu "jirritorna" għand il-Knejjes Lokali, biex il-konklużjonijiet approvati mill-Papa jintlaqgħu u jitwettqu fi proċess kreattiv ta' inkulturazzjoni (art. 19-21).

B'*Episcopalis Communio*, Franġisku daħħal is-Sinodu tal-Isqfijiet fil-qafas aktar wiesa' tas-sinodalità bħala "dimensjoni kostituttiva tal-Knisja" (n. 6). Fil-fatt, il-fażi ċentrali tas-Sinodu – li fiha jsir id-dixxerniment tal-isqfijiet miġbura f'assemblea – issa ġiet preċeduta u segwita minn żewġ fażijiet wesgħin li jsejħu għall-parteċipazzjoni tal-imgħammdin kollha. Fis-17 ta' Ottubru 2015 – waqt ċerimonja li fakkret il-50 sena mit-twaqqif tas-Sinodu – il-Papa Arġentin kien diġà emfasizza li s-Sinodu għandu jkun spazju li jlaqqa' l-aspetti u l-livelli kollha tad-dinamiżmu ta' smigħ fil-ħajja tal-Knisja. Dakinhar kien qal li l-mixja sinodali – għalkemm tinvolvi s-smigħ tal-Isqfijiet u tilħaq il-qofol tagħha fis-smigħ tal-Isqof ta' Ruma – "tibda bis-smigħ tal-Poplu, li 'hu wkoll għandu sehem mill-funzjoni profetika ta' Kristu' (*Lumen Gentium*, 12), skont prinċipju għażiż għall-Knisja sa mill-ewwel seklu: 'dak li jolqot lil kulħadd, għandu jiġi approvat minn kulħadd'."[25]

Il-kostituzzjoni appostolika ta' Franġisku fakkret dan kollu (n. 5-6), u ddikjarat li "għalkemm is-Sinodu hu mfassal essenzjalment bħala korp episkopali, dan ma jfissirx li s-Sinodu jeżisti separatament mill-

bqija tal-fidili" (n. 6). Kien għalhekk li fl-2014 – fil-velja ta' talb lejlet is-Sinodu dwar il-familja – Franġisku kien ħeġġeġ talb sabiex l-Ispirtu s-Santu "jagħti lill-Padri Sinodali d-don tas-smigħ: smigħ ta' Alla, sa ma jaslu biex flimkien miegħu jisimgħu l-karba tal-poplu; smigħ tal-poplu, sa ma jaslu biex jieħdu l-istess nifs tar-rieda li Alla jsejħilna għaliha".[26] Aktarx li għalhekk ukoll li *Praedicate Evangelium*, il-kostituzzjoni appostolika tad-19 ta' Marzu 2022 dwar il-Kurja Rumana, rreferiet għas-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet sempliċiment bħala "Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu" (art. 33).[27]

Żvilupp importanti ieħor, fost diversi oħrajn, ta' *Episcopalis Communio* kien jinvolvi d-Dokument Finali tas-Sinodu. Artiklu 18 jgħid li kemm jekk is-Sinodu jkollu vot konsultattiv u sew jekk jingħata vot deliberattiv, id-Dokument Finali li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-membri jista' jidħol fil-maġisteru ordinarju tal-Papa, jekk ikun espressament approvat jew ratifikat minnu. F'dan il-każ, id-dokument jiġi ppromulgat bil-firma tal-Papa flimkien ma' dik tal-membri.

Il-fatt li Franġisku għażel li jippromulga r-riforma tas-Sinodu permezz ta' 'kostituzzjoni appostolika' juri biċ-ċar kemm is-Sinodu hu importanti għalih. Dan fil-fatt jixhdu l-ewwel paragrafu ta' *Episcopalis Communio*, fejn l-Papa afferma li "s-Sinodu tal-Isqfijiet hu fost l-aktar wirt prezzjuż tal-Konċilju Vatikan II" (n. 1). Skont il-Kardinal Lorenzo Baldisseri – dak iż-żmien, Segretarju Ġenerali tas-Sinodu – il-Papa rrefera spiss għall-Konċilju fil-kostituzzjoni appostolika, mhux għax kien motivat minn raġunijiet ta' ċirkustanza, iżda għax ried jerġa' jibda minn hemm sabiex japprofondixxi kwistjonijiet fundamentali dwar l-ekkleżjoloġija. *Episcopalis Communio* tindika li r-referenza għall-kolleġjalità episkopali li nsibu fit-tielet kapitlu ta' *Lumen Gentium* hi ċentrali għall-Papa Arġentin. Il-kostituzzjoni appostolika turi wkoll li għal Franġisku, is-Sinodu hu tkomplija tad-dinamiżmu tal-Konċilju, li, mindu ngħalaq fl-1965, wera lilu nnifsu b'mod konsistenti bħala fattur qawwi ta' riforma ekkleżjali.[28]

## Metodu ġdid għall-fażi preparatorja

Fil-21 ta' Mejju 2021, is-Segretarju Ġenerali tas-Sinodu ħabbar li l-Papa, sabiex jagħmel possibbli is-smigħ veru tal-imgħammdin kollha

u sabiex jiżgura l-parteċipazzjoni ta' kulħadd fil-proċess sinodali, kien approva metodu ġdid għall-fażi preparatorja tas-Sinodu dwar is-sinodalità li hu ppjanat għall-2023.[29] Il-metodu ġdid wessa l-fażi preparatorja biex issa tinkludi 'stadju djoċesan' u 'stadju kontinentali' (bejn Ottubru 2021 u Settembru 2023), qabel is-Sinodu jidħol fl-'istadju universali' permezz tal-fażi ċelebrattiva li se ssir f'Ruma f'Ottubru 2023.

L-istadju djoċesan tal-fażi preparatorja kellu jkollu dawn it-tappi. Is-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu jibgħat Dokument Preparatorju, flimkien ma' Kwestjonarju u Vademecum, lill-Knejjes Lokali, lid-Dikasterji tal-Kurja Rumana, lis-Superjuri Reliġjużi Ġenerali, lill-Movimenti Internazzjonali tal-Lajċi, u lill-Universitajiet u l-Fakultajiet tat-Teoloġija. Fil-fatt, il-Vademecum li ġie ppreżentat fis-7 ta' Settembru 2021 jispjega b'mod prattiku l-passi u l-metodoloġija tal-proċess.[30] Fid-djoċesijiet u fil-konferenzi episkopali jinħatar persuna ta' kuntatt. Il-konsultazzjoni fid-djoċesijiet tinkludi dawk il-gruppi ta' parteċipazzjoni kif maħsub f'*Episcopalis Communio* (n. 6), mingħajr ma jiġu esklużi modalitajiet oħra li jistgħu jgħinu biex il-konsultazzjoni tkun reali u effettiva. Din il-konsultazzjoni tintemm b'laqgħa pre-sinodali, li tkun il-qofol tad-dixxerniment djoċesan. Kull djoċesi tgħaddi l-osservazzjonijiet u l-proposti tagħha lill-konferenza episkopali. Jibda perjodu ta' dixxerniment għall-isqfijiet tal-konferenza episkopali sabiex jisimgħu dak li l-Ispirtu ispira fil-Knejjes afdati lilhom, u flimkien mal-persuna ta' kuntatt u t-tim tagħha, jippreparaw sinteżi biex tintbagħat, flimkien mar-rapporti ta' kull Knisja Lokali, lis-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu. L-istituzzjonijiet l-oħra msemmija aktar 'il fuq jgħaddu wkoll ir-rapporti tagħhom lis-Segretarjat Ġenerali, li jipproċedi bl-abbozzar tal-ewwel *Instrumentum Laboris*. Matul din il-fażi, l-imgħammdin dejjem ikollhom id-dritt li, individwalment jew flimkien ma' oħrajn, jgħaddu osservazzjonijiet jew proposti lis-Segretarjat Ġenerali.

L-istadju kontinentali tal-fażi preparatorja mbagħad jiftaħ billi s-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu jippubblika l-ewwel *Instrumentum Laboris*. Kull kummissjoni internazzjonali tal-konferenzi episkopali taħtar persuna ta' kuntatt biex tikkoordina l-ħidma mal-konferenzi episkopali kif ukoll mas-Segretarjat Ġenerali. Jitlaqqgħu assemblej kontinentali, li fihom jipparteċipaw isqfijiet residenzjali u membri oħra

tal-Poplu ta' Alla, għal dixxerniment dwar l-*Instrumentum Laboris*. L-assemblej jikkonkludu bit-tfassil ta' dokument finali li jintbagħat lis-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu, li jipproċedi bl-abbozzar tat-tieni *Instrumentum Laboris*. Dan id-dokument jintbagħat biss lill-membri tal-Assemblea tas-Sinodu tal-Isqfijiet biss. Madankollu, kif rajna aktar 'il fuq, ħafna drabi l-Papiet taw permess biex l-*Instumentum Laboris* jiġi ppubblikat sabiex jirċievi ċirkolazzjoni wiesgħa.

**Vjaġġ li jibqa' miftuħ**

F'dawn il-paġni tajna ħarsa ħafifa lejn l-iżvilupp tas-Sinodu tal-Isqfijiet minn qabel it-twaqqif uffiċċjali tiegħu sal-aktar riformi reċenti. Rajna evoluzzjoni fil-kunċett, fl-istruttura u fil-metodoloġija tas-Sinodu. M'għandniex dubju li, bħalma t-"tħassib appostoliku" (*apostolica sollicitudo*) ta' Pawlu VI u tas-suċċessuri tiegħu, flimkien mal-esperjenzi sinodali li għamlet il-Knisja matul dawn is-snin, wasslu għal dawn l-iżviluppi, hekk ukoll għad jiġri fil-futur, u l-esperjenza tas-Sinodu għad tkompli tevolvi.

Meta l-kostituzzjoni appostolika *Praedicate Evangelium* irreferiet għall-kollaborazzjoni bejn il-Kurja Rumana u s-Sinodu, u bejn is-Sinodu u l-Papa, semmiet li din għandha sseħħ skont normi u metodi "li diġà huma, jew għad iridu jiġu, stabbiliti" (art. 33).[31] Dan l-ispirtu ta' flessibilità u ftuħ għall-'ġdid' hu fundamentali, l-ewwel nett, għax ma tkunx ħaġa kbira jekk is-Sinodu tal-Isqfijiet tal-2023 dwar is-sinodalità jipproponi riformi ġodda anke fuq dan il-livell. Barra minn hekk, jekk il-Knisja Kattolika se ssir aktar 'Knisja sinodali',[32] aktar se tikber il-possibilità li l-istrutturi fi ħdanha jevolvu jew jerġgħu jitfasslu mill-ġdid. Kien f'dan l-ispirtu li f'April 2022, il-Kardinal Mario Grech – Segretarju Ġenerali tas-Sinodu – talab lill-membri tal-kummissjonijiet tas-Segretarjat Ġenerali biex ma jarmonizzawx il-proċess tas-Sinodu ma' *Episcopalis Communio*, imma jkunu lesti li jarmonizzaw il-kostituzzjoni appostolika reċenti mal-proċess sinodali li għaddej. Il-Kardinal Grech ħeġġeġ lill-membri tal-kummissjonijiet biex ikollhom il-kuraġġ li jimmaġinaw u li jimxu wara l-Ispirtu li jiggwida lill-Knisja fl-iskoperta mill-ġdid tad-dimensjoni sinodali.[33] Il-vjaġġ tas-Sinodu tal-Isqfijiet għadu miftuħ daqs qatt qabel!

## Noti

1. Pawlu VI, ittra appostolika *Apostolica Sollicitudo*, 15 Settembru 1965, https://www.vatican.va/content/paul-vi/en/motu_proprio/documents/hf_p-vi_motu-proprio_19650915_apostolica-sollicitudo.html. Sa dak iż-żmien, il-papiet – bħall-monarki u persuni oħra mlaħħqin f'ċerti uffiċċji – kienu jużaw il-'plural majestuż' jew 'plural regali'. Fil-Knisja Kattolika, din l-użanza nqatgħet mal-Papiet Ġwanni Pawlu I u Ġwanni Pawlu II.
2. Il-frażi 'motu proprio' tfisser li l-Papa ppromulga d-dokument minn jeddu, fuq inizjattiva tiegħu personali.
3. Ara Pawlu VI, *Diskors fil-Ftuħ tar-Raba' Sessjoni tal-Konċilju Vatikan II*, 14 Settembru 1965, https://www.vatican.va/content/paul-vi/it/speeches/1965/documents/hf_p-vi_spe_19650914_concilio-iv-sessione.html.
4. Franġisku, kostituzzjoni appostolika *Episcopalis Communio*, 15 Settembru 2018, n. 1, https://www.vatican.va/content/francesco/en/apost_constitutions/documents/papa-francesco_costituzione-ap_20180915_episcopalis-communio.html. Ara wkoll K. Schatz, "La sinodalità nella storia della Chiesa", f'Baldisseri, L., *A cinquant'anni dall'Apostolica sollicitudo. Il Sinodo dei Vescovi al servizio di una Chiesa sinodale* (Città del Vaticano: 2016), 31-47.
5. Ara P. Rodopoulos, *An Overview of Orthodox Canon Law* (Rollinsford: 2007), 135-156; Ġwanni Pawlu II, *Kodiċi tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali*, 18 Ottubru 1990, kan. 55-154, https://www.vatican.va/content/john-paul-ii/la/apost_constitutions/documents/hf_jp-ii_apc_19901018_index-codex-can-eccl-orient.html.
6. Ara *The Synod of Bishops. An Introduction*, https://www.vatican.va/roman_curia/synod/documents/rc_synod_01011995_profile_en.html.
7. Ara G. Bonfrate, "Tracce di sinodalità nell'esperienza delle Assemblee sinodali", f'Baldisseri, L., *A cinquant'anni dall'Apostolica sollicitudo*, 191–211; *The Melkite Church at the Council. Discourses and Memoranda of Patriarch Maximos IV and of the Hierarchs of His Church at the Second Vatican Council*, 14, https://melkite.org/wp-content/uploads/2012/02/CouncilFrontMatter.pdf.
8. Ara Pawlu VI, *Diskors fil-Ftuħ tat-Tieni Sessjoni tal-Konċilju Vatikan II*, 29 Settembru 1963, n. 9, https://www.vatican.va/content/paul-vi/it/speeches/1963/documents/hf_p-vi_spe_19630929_concilio-vaticano-ii.html.
9. Ara Pawlu VI, *Diskors fl-Għeluq tat-Tielet Sessjoni tal-Konċilju Vatikan II*, 21 novembru 1964, n. 12, https://www.vatican.va/content/paul-

vi/it/speeches/1964/documents/hf_p-vi_spe_19641121_conclusions-iii-sessions.html.

10. Ara V. Ferrara, "Il Sinodo dei Vescovi tra ipotesi e realtà. Natura teologico-giuridica del Sinodo", *Apollinaris* 42 (1969), 491–556.
11. Ara Konċilju Vatikan II, digriet *Christus Dominus*, 28 Ottubru 1965, par. 5, https://www.vatican.va/archive/hist_councils/ii_vatican_council/documents/vat-ii_decree_19651028_christus-dominus_en.html.
12. Konċilju Vatikan II, digriet *Ad Gentes*, 7 Diċembru 1965, par. 29, https://www.vatican.va/archive/hist_councils/ii_vatican_council/documents/vat-ii_decree_19651207_ad-gentes_en.html.
13. Ara Pawlu VI, ittra appostolika *Apostolica Sollicitudo*.
14. Ara Segreterija tal-Istat, *Ordo Synodi episcoporum celebrandae*, 8 ta' Diċembru 1966, AAS 59 (1967) 91–103; Kunsill tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Knisja, *Ordo Synodi episcoporum celebrandae recognitus et auctus*, 24 ta' Ġunju 1969, AAS 61 (1969) 525-539; Kunsill tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Knisja, *Ordo Synodi episcoporum celebrandae recognitus et auctus nonnullis additamentis perficitur*, 20 Awwissu 1971, AAS 63 (1971) 702–704; Segreterija tal-Istat, *Ordo Synodi episcoporum*, 29 Settembru 2006, AAS 98 (2006) 755-776. Ara wkoll P. Gherri, "L'evoluzione della normativa canonica sul Sinodo dei vescovi", f'Baldisseri, L., *A cinquant'anni dall'Apostolica sollicitudo*, 227-261.
15. L-eżortazzjonijiet appostoliċi post-sinodali huma dawn: *Evangelii Nuntiandi* (Pawlu VI), *Catechesi Tradendae*, *Familiaris Consortio*, *Reconciliatio et Paenitentia*, *Christifideles Laici*, *Pastores Dabo Vobis*, *Vita Consecrata*, *Pastores Gregis*, *Ecclesia in Africa*, *Ecclesia in Libanon*, *Ecclesia in America*, *Ecclesia in Asia*, *Ecclesia in Oceania*, *Ecclesia in Europa* (Ġwanni Pawlu II), *Sacramentum Caritatis*, *Verbum Domini*, *Africae Munus*, *Ecclesia in Medio Oriente* (Benedittu XVI), *Evangelii Gaudium*, *Amoris Laetitia*, *Christus Vivit*, u *Querida Amazonia* (Franġisku).
16. Ara Ġwanni Pawlu II, *Kodiċi tad-Dritt Kanoniku*, 25 Jannar 1983, https://www.vatican.va/archive/cod-iuris-canonici/cic_index_en.html; *Kodiċi tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali*, 18 Ottubru 1990, https://www.vatican.va/content/john-paul-ii/la/apost_constitutions/documents/hf_jp-ii_apc_19901018_index-codex-can-eccl-orient.html. Ara wkoll D. Salachas, "La sinodalità nel Codice dei canoni delle Chiese Orientali e confronti con il Codice di diritto canonico della Chiesa latina", f'Baldisseri, L., *A cinquant'anni dall'Apostolica sollicitudo*, 55-92.
17. Ara Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, *Synodal Information*, 15

Settembru 2007, https://www.vatican.va/roman_curia/synod/documents/rc_synod_20050309_documentation-profile_en.html.

18. Ara Ġwanni Pawlu II, eżortazzjoni appostolika *Pastores Gregis*, 16 Ottubru 2003, https://www.vatican.va/content/john-paul-ii/en/apost_exhortations/documents/hf_jp-ii_exh_20031016_pastores-gregis.html.
19. Ara Ġwanni Pawlu II, *Diskors lill-Kunsill tas-Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet*, 30 April 1983, n. 4, https://www.vatican.va/content/john-paul-ii/en/speeches/1983/april/documents/hf_jp-ii_spe_19830430_sinodo-vescovi.html.
20. Ara Ġwanni Pawlu II, *Omelija fl-Għeluq tar-Raba' Sessjoni Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet*, 29 Ottubru 1983, n. 1, https://www.vatican.va/content/john-paul-ii/it/homilies/1983/documents/hf_jp-ii_hom_19831029_chiusura-sinodo.html.
21. Ara Franġisku, kostituzzjoni appostolika *Episcopalis Communio*, 15 Settembru 2018, https://www.vatican.va/content/francesco/en/apost_constitutions/documents/papa-francesco_costituzione-ap_20180915_episcopalis-communio.html.
22. A. Spadaro, "Intervista a Papa Francesco", *La Civiltà Cattolica* 3918 (2013), 449-477, https://www.laciviltacattolica.it/articolo/intervista-a-papa-francesco/.
23. Ara Franġisku, eżortazzjoni appostolika *Evangelii Gaudium*, 24 Novembru 2013, n. 27, https://www.vatican.va/content/francesco/en/apost_exhortations/documents/papa-francesco_esortazione-ap_20131124_evangelii-gaudium.html.
24. Ara M. J. Arroba Conde, "Il recente rinnovamento metodologico del Sinodo dei vescovi", f'Baldisseri, L., *A cinquant'anni dall'Apostolica sollicitudo*, 311-318.
25. Ara wkoll Franġisku, *Diskors fiċ-Ċerimonja tal-50 Anniversarju mit-Twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet*, 17 Ottubru 2015, https://www.vatican.va/content/francesco/en/speeches/2015/october/documents/papa-francesco_20151017_50-anniversario-sinodo.html.
26. Franġisku, *Diskors waqt il-Velja ta' Talb mal-Familji*, 4 Ottubru 2014, https://www.vatican.va/content/francesco/en/speeches/2014/october/documents/papa-francesco_20141004_incontro-per-la-famiglia.html.
27. Ara Franġisku, kostituzzjoni appostolika *Praedicate Evangelium*, 19 Marzu 2022, art. 33, https://www.vatican.va/content/francesco/en/apost_constitutions/documents/20220319-costituzione-ap-praedicate-evangelium.html.

28. Ara L. Baldisseri, *Intervento: Conferenza Stampa di presentazione delle Costituzione Apostolica 'Episcopalis Communio' di Papa Francesco sul Sinodo dei Vescovi*, 18 Settembru 2018, https://press.vatican.va/content/salastampa/it/bollettino/pubblico/2018/09/18/0654/01387.html.
29. Ara Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, *Nota dwar is-XVI Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet*, 21 Mejju 2021, https://press.vatican.va/content/salastampa/it/bollettino/pubblico/2021/05/21/0314/00693.html.
30. Ara Segretarjat Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, *Vademecum għas-Sinodu fuq is-Sinodalità*, 7 Settembru 2021, https://press.vatican.va/content/salastampa/it/bollettino/pubblico/2021/09/07/0541/01166.html.
31. Franġisku, kostituzzjoni appostolika *Praedicate Evangelium*, n. 33.
32. Ara Franġisku, *Diskors fiċ-Ċerimonja tal-50 Anniversarju mit-Twaqqif tas-Sinodu*.
33. Ara Sinodu tal-Isqfijiet, *Thinking about the Synod. Meeting of the Commissions of the General Secretariat of the Synod (Rome, Casa La Salle, 25-29 April 2022)*, 30 April 2022, https://www.synod.va/en/news/thinking-about-the-synodal-church.html.

# Il-Vuċi tal-Attenzjoni: Ħsibijiet dwar il-preżenza tan-nisa fi ħdan Knisja Sinodali

Dr Dorianne Buttigieg

## Preliminari

Għalkemm dan l-eżerċizzju qed jgħinna nesploraw ir-rwol tan-nisa fi ħdan il-mixja sinodali tal-Knisja, huwa importanti li niftakru li dan mhuwiex eżercizzju ta' kategoriji. Fis-sens li l-argument dwar ir-riflessjoni sinodali minn perspettiva femminili teħodna f'mixja li tmur lil hinn minn kategoriji ta' raġel u mara, biex tgħinna nesploraw aktar fil-fond il-profondità tal-bniedem fil-mixja lejn Knisja aktar rikka u awtentika. Inkella naqgħu fil-periklu ta' frammentazzjonijiet li aktar ikomplu jtellfu mill-bidla ġenwina li l-Knisja hija msejħa għaliha. Dan l-eżerċizzju għandu jkun il-bidu ta' riflessjoni dwar teoloġija tal-bniedem sħiħ, irrispettivament mill-ġeneru, iżda permezz ta' viżjoni kumplimentari.[1]

## Introduzzjoni

Il-passaġġ ta' riflessjoni għal dan l-artiklu huwa meħud mill-Evanġelju skont San Ġwann (Ġw 2, 1-11), li jiddeskrivi r-rakkont tat-tieġ ta' Kana. Ir-raġuni ta' din ir-riflessjoni fl-isfond tal-artiklu huwa r-rwol ta' Marija. Marija tidher bħala dik li hi sensittiva għas-sitwazzjoni tal-għarajjes u tipprova tgħinhom f'sitwazzjoni potenzjalment imbarazzanti billi tirrikorri għal binha. Però xi ħaga affaxxinanti hija li filwaqt li binha jweġibha billi jgħidilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara?" ir-risposta ta' Marija tieħu forma ta' istruzzjoni lejn il-qaddejja: "Agħmlu dak li jgħidilkom hu!" It-tweġiba ta' Marija tindika affermazzjoni ta' fidi. Hija taf li Kristu kien ser iwettaq is-sinjal. Però hija dik il-persuna li qed turi t-triq lejn Kristu. Fid-dokumenti dwar is-sinodalità, hemm diversi riferenzi għall-ikona partikolari fejn Marija hija rrappreżentata

bħala *Hodigitria* – dik li qed turi t-triq lejn Kristu. U dan jinħass ħafna f'dan ir-rakkont. Ir-risposta ta' Marija hija risposta ta' fidi u vjaġġ 'il quddiem. Il-fidi qed timbotta l-azzjoni. Madanakollu, aktar importanti hi l-pożizzjoni tagħha bhala d-dixxiplu l-perfett; dik il-persuna li l-għaqda tagħha ma' Alla u l-intuwizzjoni għall-Ispirtu huma tassew profondi, tant li hi ċerta mis-sinjal li kien ser iwettaq Kristu. Id-dixxerniment ta' Marija fi ħdan ir-relazzjoni tagħha ma' Alla jwassalha għaċ-ċertezza li s-sinjal kien se jseħħ. Hu għar-risposta tal-istruzzjonijiet li tagħti Marija li Kristu jieħu azzjoni, ftit wara li jgħid: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara?"

## Miżinterpretazzjoni tas-Sinodalità fi ħdan il-Knisja

Is-sinodalità ma tfissirx li kulħadd ikun l-istess. Dan huwa periklu ta' miżinterpetazzjoni. Il-professur Jessica Murdoch tgħid hekk:

> Ir-riskju jkun jekk kull membru fil-Knisja jaħdem b'mod eżattament l-istess; hawnhekk ikollna Knisja ċatta. Ir-rikkezza fil-Knisja tinsab fi ħdan il-kariżmi differenti, fejn kull parti għandha r-rwol proprju tagħha. Imma meta kulħadd qed jipprova jagħmel ix-xogħol ta' ħaddiehor, mhux talli tintilef din ir-rikkezza, iżda l-ġisem ma jkunx jista' jaħdem sewwa.[2]

Is-sinodalità ma tfissirx konsultazzjoni tal-Insara lajċi dwar xi esperjenzi prattiċi.[3] Sinodalità tfisser li l-Knisja tieħu bis-serjetà l-esperjenza ta' fidi u għarfien teoloġiku. U hawnhekk fl-istess hin, immorru lil hinn mit-teoloġija mil-lenti akkademika. Forsi hawnhekk nerġgħu niftakru l-ħsieb tar-raħeb Evagriju ta' Pontu meta jistqarr li t-teologu hu l-bniedem li jitlob; il-bniedem li jitlob huwa t-teologu. Fi kliem ieħor, it-teologu huwa l-bniedem sħiħ. Bl-ebda mod dan ma jidher daqshekk profond milli fil-persuna ta' Marija.

Is-sinodalità lanqas tfisser l-eliminazzjoni tal-ġerarkija li ngħatat l-awtorità tal-missjoni minn Kristu. Hawnhekk qed nitkellmu fuq ir-rwol tal-Papa, l-isqfijiet u s-saċerdoti. Għaliex din l-awtorità li ngħatat minn Kristu hija msejsa fuq missjoni; hija awtorità li ma tistax titneħħa biex minflok tiġi mmexxija minn xi tip ta' awtorità tal-massa f'isem l-importanza tas-*sensus fidei*. Hawnhekk Thomas Petri jagħmilha ċara li:

> Xi wħud iċekknu l-viżjoni tas-*sensus fidei* għal xi espressjoni ta' individwu jew xi esperjenza personali ta' grupp. Dan huwa tfaqqir tat-tifsira ta' x'inhu propju s-*sensus fidei*. Dan kollu jwassal għar-riskju li l-esperjenza tal-bniedem tiġi mħaddna bħala xi fonti ta' rivelazzjoni fl-istess livell tal-Iskrittura u t-Tradizzjoni.[4]

Mill-banda l-oħra dan l-eżerċizzju sinodali qed iwassal għall-viżjoni aktar ċara ta' x'inhu r-rwol ta' din il-ġerarkija. L-aspett ġerarkiku u s-*sensus fidei* jimxu flimkien u jħażżmu lil xulxin f'din il-mixja.

Għalkemm l-istorja tas-salvazzjoni hija l-inizjattiva ta' Alla, dejjem narawha sseħħ permezz ta' diversi persuni. Qabel l-appostli jibdew ixandru l-kelma t'Alla fuq il-kmand ta' Kristu, naraw lil Marija bħala d-dixxiplu mudell, u dan minkejja li qatt ma tinstema' tterraq wara Kristu fir-rakkonti. Għalhekk ta' min jeżamina l-kwalitajiet ta' Marija li jixprunaw din l-attwalizzazzjoni tal-istorja tas-salvazzjoni. Dan ukoll jiġi rifless fir-realtà tas-sinodalità fejn naraw li l-Knisja hija magħmula mill-binja ħajja ta' persuni li flimkien, u permezz tal-kariżmi u d-doni tagħhom, f'għaqda mal-Ispirtu, jibnu u jsaħħu l-Knisja ta' Kristu.

Fil-passaġġ li rajna fil-bidu, ir-rwol ta' Marija bħala mara hija missjoni li bla ebda mod ma tista' tiġi rreplikata. U daqshekk ieħor il-missjoni ta' kull persuna li hija membru tal-Knisja. Bl-istess argument li użajna qabel, lanqas il-kariżmi ta' kull mara ma huma bilfors l-istess. Hawnhekk nistgħu naraw diversi kwalitajiet li l-mara tista' toffri, fosthom rwoli ta' tmexxija, kif ukoll rwoli li ġejjin mill-ambjent tal-għeruq tal-Knisja. Dan kollu hu mera tad-diversità li teżisti fi ħdan il-Knisja, irrispettivament mill-ġeneru.

## Diversi rwoli fi ħdan il-Knisja

Qabel nitkellmu dwar il-Knisja li toħroġ u tisma', għandna nitkellmu dwar il-Knisja li turi s-sensittività dwar il-bżonnijiet jew il-kariżmi tal-oħrajn. U hawnhekk huwa fejn l-intuwizzjoni ta' Marija, mhux biss bħala dik li hi ħielsa mid-dnub u allura dejjem miftuħa għall-Ispirtu, iżda wkoll l-intuwizzjoni femminili, huma tassew importanti.

Jekk inħarsu lejn Ġenesi kapitlu 2, naraw deskrizzjoni fit-tul tal-ħolqien tal-bniedem, bil-kontra għall-ħlejjaq l-oħra. Huwa l-bniedem li jirċievi n-nifs ta' Alla u wkoll jidher bħala kreazzjoni li tiġi ffurmata

b'reqqa liema bħalha. L-affermazzjoni "raġel u mara ħalaqhom" turi l-kumplimentarjetà li tirrifletti aspett importanti ta' Alla.

L-istorja tas-salvazzjoni sseħħ permezz ta' rġiel u nisa. Jekk inħarsu lejn it-Testment il-Qadim, fi ħdan kultura patrijarkali, naraw numru ta' rġiel u numru anqas ta' nisa f'dan ir-rwol ta' protagonisti f'din l-istorja tas-salvazzjoni. Barra minn hekk id-diversi nisa protagonisti kellhom rwoli differenti fl-istorja tas-salvazzjoni, fosthom Debora, Ġagħel, Rut u Ester.

Fl-istorja tas-salvazzjoni l-imħabba tal-bniedem ssir tixbiha tassew ċentrali biex toħroġ ir-relazzjoni bejn Alla u l-bniedem.[5] Mill-banda l-oħra, kif tistqarr it-teologa Cettina Militello, "dan is-simbolu jipproġetta l-potenzjal tad-divin fuq l-irġiel, u l-limitazzjoni tal-ħolqien fuq in-nisa. Dan iservi biex tinħoloq relazzjoni li hija żbilanċjata u li mhux ugwali kemm soċjalment, moralment u anke reliġjożament."[6]

Fit-Testment il-Ġdid naraw żvilupp, fejn naraw l-enfasi fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi. Però l-aktar aspett importanti li wieħed jista' jislet mit-Testment il-Ġdid huwa l-Magħmudija. "Fi ħdan dan is-siġill, id-don tal-Ispirtu u l-parteċipazzjoni fil-ġisem u d-demm ta' Kristu mhumiex differenti skont is-sess."[7] Anke jekk ħafna drabi n-nisa xorta jibqgħu esklużi minn ħafna aspetti soċjali u reliġjużi.

Mill-banda l-oħra, ma nistgħux ma narawx matul iż-żminijiet numru kbir ta' nisa li l-preżenza tagħhom u l-ħidma tagħhom, anke jekk forsi b'mod aktar moħbi, ħalliet effett kbir fuq il-Knisja.

Kultant il-mistoqsija li tqum hija x'inhu r-rwol tan-nisa fi ħdan il-Knisja? Forsi ħafna drabi dawn ir-rwoli huma mifhuma fi ħdan ta' ġerarkija u tmexxija. Dawn huma importanti għax min-naħa l-oħra ta' min jgħid li l-ġenju tal-mara jagħti sens partikulari fejn tidħol tmexxija u rwoli oħra. U għalhekk huwa importanti li n-nisa qed jingħataw ukoll dawn ir-rwoli bħala nies kompetenti għal dawn ir-rwoli, aktar milli għaliex huma nisa. Kif jistqarru wħud minn dawk li huma kompetenti, dawn in-nisa qed idaħħlu l-kompetenza u l-esperjenza ta' Knisja fl-għeruq tagħha. Dan l-aspett huwa tant enfasizzat mill-Papa Franġisku, għax huwa s-sors ta' tiġdid tal-Knisja. Parti minn dan it-tiġdid jinkludi l-konverżjoni li timplika ftuħ għal viżjoni aktar wiesgħa u sħiħa ta' x'inhu dak li jagħmel Knisja, għall-ġid tal-Knisja stess. Hija konverżjoni

lejn kumplimentarjetà li tmur lil hinn mill-kompetizzjoni, hekk kif tisħaq Nathalie Becquart. Hija titkellem fi ħdan ir-rwol ta' nisa li huma kkonsagrati bħala mexxejja. Għalkemm titkellem minn dan il-lat hija, mill-banda l-oħra, tisħaq li dan mhuwiex faċli:

"Biex titqiegħed is-sinodalità fil-prattika, dan ifisser riflessjoni fuq ir-rwol tan-nisa, fuq il-post tagħhom fi ħdan il-Knisja u s-soċjetà."[8]

Però min-naħa l-oħra, r-rwol tal-mara għandu jiġi milqugħ f'kull livell. L-inklużjoni tal-mara fil-Knisja f'dik li hi tmexxija biss xorta tista' tkun esklussiva u diskriminatorja. Għalhekk din l-inklużjoni sseħħ fuq diversi livelli: kemm bħala tmexxija u proklamazzjoni (li jagħtu lok għal espressjoni tan-narattiva minn dawk meqjusa ddominati)[9], kif ukoll bħala preżenza influwenti u rikonoxxuta fi ħdan il-komunità. Jekk inħarsu lejn nisa li ħallew impatt fil-Knisja, uħud minnhom ma kinux magħrufa għat-tmexxija iżda għad-diversi doni tagħhom bħala nisa, li xorta għarfu jħallu effett, anke fuq it-tmexxija nnfisha. Jekk inħarsu biss lejn rwoli ta' tmexxija, għalkemm importanti, xorta naqgħu fil-periklu ta' restrizzjoni a skapitu tar-rwoli l-oħra li diġà qegħdin jiġu mgħixa, għalkemm ħafna drabi fis-silenzju.

Christopher Lamb jirrapporta dwar l-eżerċizzju sinodali fl-Ingilterra u Wales, fejn isemmi kemm ħafna drabi: "In-nisa ma kinux meqjusa bħala minoranza marġinalizzata daqskemm maġġoranza siekta u mingħajr rikonoxximent; maġġoranza li d-doni tagħhom baqgħu mitluqin fil-parroċċa."[10] Wieħed mir-raġunijiet ta' dan ir-riżultat huwa l-klerikaliżmu; sfida li għandha tiġi analizzata u indirizzata fi ħdan il-Knisja stess permezz tal-preżenza ta' diversi vuċijiet.

Ta' min jgħid ukoll li l-aċċettazzjoni tad-doni differenti li jeżistu qalb in-nisa stess issir b'mod sħiħ permezz tal-aċċettazzjoni anke ta' nies oħra fi ħdan il-Knisja. Bħalma Marija hija kapaċi tisma' u tiddixxerni, daqshekk ieħor il-Knisja, bħala omm, għandha tkun dik li tisma' u tgħożż f'qalbha:

> Hija attenta għall-modalitajiet kollha tal-awtokomunikazzjoni ta' Alla. Hija attenta għall-movimenti tad-dinja u l-ħafna ilħna li jitqajmu fil-lament, protesta, supplika, u xhieda. Knisja li tisma' hi attenta għal ħafna narrattivi differenti ta' ħajjiet, kulturi u popli.

> Wieħed jista' jgħid li huwa post ta' ospitalità narrattiva. Biex tisma', il-komunità trid l-ewwel tkun konxja minnha nfisha ta' dak kollu li ġġib magħha, li jagħmel is-smigħ attent, aktar milli sempliċement 'smigħ'.[11]

Importanti li nagħmlu enfasi li l-għarfien tad-diversi doni femminili, ma jinftihemx biss fi ħdan Knisja mxekkla mill-klerikaliżmu iżda anke minn viżjoni ta' kompetizzjoni li teżisti fl-għeruq tal-bniedem.

Meta nitkellmu dwar rwoli differenti m'aħniex nitkellmu fuq sostituzzjoni iżda fuq kumplimentarjetà, fejn f'kull qasam tal-Knisja, ibda mill-għeruq u l-periferiji, din il-kumplimentarjetà fil-kontribuzzjoni kemm tar-raġel u kemm tal-mara huma kruċjali. L-azzjoni sinodali sseħħ permezz tal-kariżmi differenti ta' poplu li jaħdem flimkien. Jekk nerġgħu nħarsu mill-qrib lejn is-sinjal tat-tieġ ta' Kana, nindunaw bil-ħidma ta' diversi persuni biex iseħħ is-sinjal: is-sensittività ta' Marija, il-qaddejja, u Kristu. Hija l-interazzjoni ta' dawn il-persuni flimkien li twassal lil Kristu, li huwa fi proċess kontinwu ta' kenożi, biex iwettaq is-sinjal. Il-missjoni ta' Kristu tkompli sseħħ permezz tal-poplu flimkien.

Meta qed nitkellmu fuq is-sensittività lejn l-oħrajn, qed nirreferu għal dik l-intuwizzjoni li lesta li tkun miftuħa għall-Ispirtu. Is-sinodalità timplika akkumpanjament, iżda jekk qed nitkellmu fuq l-aspett relazzjonali, li fuqha hi bbażata Knisja dinamika, ma nistgħux niċħdu l-importanza tas-sensittività lejn l-oħrajn: lejn il-bżonnijiet tagħhom, anke għal dak li jidher moħbi fihom iżda li jista' jkun ta' kontribut kbir.

## Esperjenza Sinodali permezz tal-Mistiċi

Ma nistgħux ma nirriflettux hawnhekk fuq il-mistiċi, li numru kbir tagħhom huma nisa.[12] Min hu l-bniedem mistiku? Ir-rwol tal-bniedem mistiku jmur lil hemm minn aspetti duttrinali, lejn l-għeruq u l-għaqda tal-bniedem ma' Alla u ma' xulxin. Għalhekk il-mistiċi huma dawk il-bnedmin li permezz tal-esperjenza tagħhom, juru l-esperjenza interjuri tal-bniedem ma' Alla.

Ta' min insemmu li hawnhekk immorru lil hemm minn dak li hu magħruf biss għax il-ftit imsemmija jirrappreżentaw lil ħafna li għexu fis-silenzju. Importanti wkoll li niftakru li l-mistiċi mhumiex dawk li

huma maqtugħa mir-realtà, anzi bil-kontra. Tant huma magħqudin ma' Alla li huma daqshekk ieħor sensittivi għal dawk ta' madwarhom. Jekk nieħdu bħala eżempju lil nies bħal Santa Katerina ta' Siena u Santa Tereża ta' Kalkutta, l-għajnuna lill-fqar, il-morda u l-emarġinati kienet prijorità kbira fil-ħajja tagħhom. Li hu importanti hu li dawn il-mistiċi kollha ġejjin minn stil ta' ħajja differenti: irħieb, sorijiet, nisa lajċi, miżżewġin u ommijiet. Huma jgħixu l-esperjenza mistika b'modi partikulari li anke tirrifletti ż-żminijiet li kienu jew għadhom jgħixu fihom. Dan ikompli juri li s-sejħa għal esperjenza ta' trasformazzjoni ġenwina permezz ta' Kristu tmur lil hinn minn stili ta' ħajja jew żmien partikulari. Anzi, Karl Rahner stess itenni li l-bniedem tas-seklu għoxrin imsejjaħ biex ikun mistiku jew inkella ma jkun nisrani xejn.[13]

Jekk waħda mill-kwalitajiet femminili hija dik tas-sensittività lejn l-oħrajn (anke jekk il-preżenza tal-kwalitajiet femminili mhux ristretti biss għall-ġeneru femminili), anke mill-lenti li esplorajna, kemm hu rwol importanti għall-Knisja, fejn il-Knisja qed tisma' b'attenzjoni qabel jiġi vverbalizzat dak il-bżonn li wieħed jiġi mismugħ. Dawn l-eżempji ta' nisa mistiċi huma xhieda ta' sejħa biex il-Knisja stess tkun mistika.

Fi kliem ieħor, dan huwa rwol importanti tal-Knisja li bħala omm u bħala dik li qiegħda tiġġedded permezz tal-Ispirtu, iżżomm għal qalbha s-sbuħija u l-bżonnijiet tal-oħrajn billi turi sensittività, empatija, ħniena u anke azzjoni.

Knisja li tisma' hija wkoll Knisja li qiegħda fi proċess ta' konsultazzjoni. B'mod ġenwin, il-Knisja qed tixrob mill-għerf u l-esperjenza tal-oħrajn. Kif jistqarr id-dokument dwar l-Ispiritwalità Sinodali, "is-smigħ huwa wkoll konsultazzjoni; att reċiprokali ta' azzjoni. Aħna lkoll qegħdin fil-mixja flimkien fit-tiftix ta' dak li l-Ispirtu s-Santu sejħilna għalih."[14]

Dan hu tassew importanti fi żminijietna fejn il-bżonn ta' tiġdid qiegħed jinħass bil-wisq aktar. Il-Papa Benedittu XVI tkellem ħafna dwar ir-rwol ta' dawn in-nisa, speċjalment fejn jidħol it-tiġdid tal-Knisja fuq diversi livelli permezz tal-preżenza tagħhom. Hekk pereżempju, meta l-Papa Benedittu jitkellem dwar mistika kbira taż-Żminijiet tan-Nofs, Hildegard ta' Bingen fejn tidħol il-kontribuzzjoni teoloġika, jgħid hekk: "Aħna naraw li anke t-teoloġija nnifisha tista' tirċievi kontribuzzjoni speċjali min-nisa peress li dawn jistgħu jitkellmu dwar Alla u l-misteri

tal-fidi permezz tal-intelliġenza u s-sensittività proprja tagħhom."[15] Din l-attenzjoni għal din il-perspettiva teoloġika għandha ssir fi spirtu ekkleżjali, fejn il-poplu jsostni ruħu permezz tar-riflessjonijiet u t-talb ta' dawn il-mistiċi.[16]

**Konklużjoni**

F'din il-perspettiva, jekk nerġgħu nħarsu lura lejn l-istampa ta' Marija u l-azzjonijiet tagħha fit-tieġ ta' Kana, naraw li s-sensittività lejn l-oħrajn mhix biss aspett femminili li hija ġawhra għar-rikkezza tal-Knisja, iżda hija wkoll sejħa biex il-poplu t'Alla jkun sensittiv lejn il-kariżmi tal-poplu biex jgħinu l-Knisja tkun aktar sħiħa u awtentika. Dan hu l-eżerċizzju sinodali. Huwa wkoll eżerċizzju lejn Knisja aktar mistika u, permezz ta' hekk, aktar sensittiva u profonda fil-ħajja ta' kuljum.

Importanti wkoll li niftakru li fl-aħħar mill-aħħar ir-ringrazzjament lejn Alla tad-doni li kull bniedem iġib fi ħdan il-Knisja għandhom jiġu rikonoxxuti minn kull wieħed u waħda minna.

Dan jippreżenta sfidi, hekk kif jgħid il-Papa Franġisku f'*Evangelii Gaudium*:

> Id-differenzi li naraw bejn il-persuni u l-komunitajiet xi kultant idejquna, imma l-Ispirtu s-Santu, li jqajjem din id-diversità, minn kollox jaf jislet xi ħaġa tajba u jibdilha f'dinamiżmu ta' evanġelizzazzjoni li jaħdem billi jiġbed lejh. Id-diversità għandha tkun magħquda dejjem mal-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu; Hu biss jista' jqanqal id-diversità, il-pluralità, il-multipliċità u, fl-istess waqt, iwettaq l-għaqda. Min-naħa l-oħra, meta nkunu aħna li nfittxu d-diversità u ningħalqu fil-karatteristiċi partikulari tagħna, fl-esklussiviżmu tagħna, noħolqu l-firda u, min-naħa l-oħra, meta nkunu aħna li nippruvaw nibnu l-għaqda bil-kalkoli umani tagħna, nispiċċaw biex nimponu l-uniformità monolitika. Dan ma jgħin xejn lill-missjoni tal-Knisja.[17]

L-esperjenza sinodali għandha tkun stil ta' ħajja fejn, b'umiltà u b'sens ta' konverżjoni, il-Knisja, magħmula minn diversi persuni, ilkoll speċjali, iżda lkoll midinba, tagħraf li permezz tas-sbuħija tal-oħrajn, il-Knisja stess qed issir b'mod aktar sħiħ dak li hi msejħa għalih. L-aċċettazzjoni

tar-rikkezza li n-nisa, ilkoll f'oqsma differenti, iġibu fil-Knisja huwa wkoll eżerċizzju għall-Knisja biex tilqa' l-isfida li taċċetta s-sbuħija tad-diversità ta' dawn id-doni; sfida li teħtieġ konverżjoni u umiltà kontinwa quddiem il-preżenza ta' dak li hu differenti, hekk kif tagħraf li l-Knisja hija msejħa tkun aktar awtentika permezz ta' xulxin.

Fl-aħħar mill-aħħar, niftakru li din il-verità ma tgħoddx biss fejn jidħlu n-nisa iżda hija sfida ta' aċċettazzjoni ta' dak jew dik li huwa jew hija differenti:

> In-nisa huma l-Knisja, fis-sħuħija tal-liġi tal-magħmudija, fil-liġi ta' Kristu, fil-liġi ewkaristika, li toħroġ mill-qalb tas-sagrament tat-tisħib fil-Ħajja Nisranija. Huwa inaċċettabbli li n-nisa jiġu limitati għal rwoli inferjuri. Hemm bżonn spazju – ħafna spazju – għad-dritt u d-dmir tagħhom li jipparteċipaw.[18]

## Noti

1. Ara Catholic Women Speak Networks, "Introduction", *Catholic Women Speak Networks: Bringing Our Gifts to the Tables*, New York/Mahwah: The Paulist Press, 2015, 18.
2. Jessica Murdoch tgħid hekk: "The risk is that in coming together we get a flattening of the Church, with every member of the body acting like it is the same. There is an immense richness in the diversity of charisms in the Church, and each part has its own proper role. But when everyone is trying to do everyone else's job, not only do we lose that richness the body cannot function properly." Ara l-websajt: https://www.catholicnewsagency.com/news/39731/what-is-synodality-experts-explain.
3. Ara Sandie Cornish, "Synodality and Local Social Teaching", *The Australasian Catholic Record* 99, nru 1 (2022): 76.
4. Ara "What is Synodality? Experts Explain", il-websajt tal-Vatikan dwar is-Sinodalità: http://secretariat.synod.va/content/synod/en/news/the-meaning-of-synodality.html: "Some commentators seem to reduce the sensus fidei to the mere expression of any individual or group's 'personal experience.' This is an impoverishment of what the sensus fidei actually is and runs the risk, in my view, of exalting human experience to be a font of revelation co-equal with scripture and tradition."

5. Ara Cettina Militello, "Women in the Church: Models of the Past – Challenges of Today*", Catholic Women Speak Networks: Bringing Our Gifts to the Tables*, New York/Mahwah: The Paulist Press, 2015, 25.
6. Ara "Women in the Church".
7. Ara "Women in the Church".
8. Elise Ann Allen, "'Synodality' and women's empowerment go together, leading sisters say," Crux, 27 Marzu 2021: https://cruxnow.com/vatican/2021/03/synodality-and-womens-empowerment-go-together-leading-sisters-say.
9. Fuq din it-tema ara Madeleine Fredell, "The Apostle to the Apostles: *Women preaching the Good News", Catholic Women Speak Networks: Bringing Our Gifts to the Tables*, New York/Mahwah: The Paulist Press, 2015, 134-135.
10. Christopher Lamb, "Church must be more inclusive and use gifts of women, says synod report, *The Tablet*, 25 ta' Ġunju 2022, https://www.thetablet.co.uk/news/15620/church-must-be-more-inclusive-and-use-gifts-of-women-says-syn.
11. Kummissjoni dwar l-Ispiritwalità, *Towards a Spirituality for Synodality*, https://www.synod.va/en/highlights/towards-a-spirituality-for-synodality.html. P. 25-26. Il-kliem bl-Ingliż jgħid hekk: "It is attentive to all the modalities of God's self-communication. It is attentive to the movements of the world and the many voices that are raised in lament, protest, supplication, and witness. A listening Church is attentive to the many different narratives of lives, cultures, and peoples. One could say that it is a place of narrative hospitality. To listen, the community must first be self-aware of all that it brings, which makes attentive listening more than just 'hearing'."
12. Hawnhekk ta' min isemmi l-ħarġa ta' *Knisja 2000: Mistiċi Nisa*, nru 133 (2020) li kienet tittratta dwar il-mistiċi nisa. Fost l-oħrajn insibu deskrizzjoni ta' x'inhi l-esperjenza mistika u riflessjoni dwar diversi nisa li għexu din l-esperjenza matul dawn iż-żminijiet, fosthom in-nisa axxeti tad-deżert, Rabi'a al-'Adawiya, Ġuljana ta' Norwich, Santa Katerina ta' Siena, Margery Kempe, Simone Weil, Adrienne von Speyr u Santa Tereża ta' Kalkutta. Huwa għal din ir-raġuni li dan l-artiklu ma jidħolx f'dettall żejjed dwar eżempji, biex tiġi evitata ripetizzjoni.
13. Jissemma wkoll fl-omelija tal-ET Mons. Mario Grech, "Lejn Knisja Mistika", miġjuba f'*Mistiċi Nisa*, 99.
14. *Towards a Spirituality for Synodality*, 29.

15. Benedittu XVI, *Udjenza Ġenerali*, 8 ta' Settembru 2020 fejn jitkellem dwar Ildegarda ta' Bingen, bħala parti minn serje ta' taħditiet fuq mistiċi nisa: "We already see that theology too can receive a special contribution from women because they are able to talk about God and the mysteries of faith using their own particular intelligence and sensitivity."
16. Udjenza Ġenerali.
17. Franġisku, *Evangelii Gaudium*, Eżortazzjoni Appostolika dwar il-Ferħ fil-Vanġelu, 24 ta' Novembru 2013, miġjuba bil-Malti fis-sit tal-Laikos: https://www.laikos.org/EG.htm, 131.
18. "Women in the Church", 27.

# Is-Sinodalità u l-Katekeżi

Rev. Dr Carl-Mario Sultana

Waħda mill-kelmiet li qed tissemma dejjem aktar fiċ-ċrieki tal-Knisja llum hija l-kelma 'sinodalità'. Ħafna jaħsbu li din hija kelma li ġiet ivvintata fl-aħħar snin, jew inkella mill-Papa Franġisku li jħobb mhux biss isemmiha, imma kulma jagħmel u jgħid jipprova jesprimih fid-dawl tas-sinodalità. Inkunu qed niżbaljaw jew naħsbu li s-sinodalità hija xi invenzjoni tal-bniedem modern. Fil-fatt għalkemm din il-kelma 'sinodalità' ma kinitx tintuża minn dejjem, imma l-proċess li għalih tirreferi ilu jeżisti minn kemm ilha teżisti l-Knisja. Fil-fatt uħud mill-aktar mumenti sinodali importanti insibuhom fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli: meta l-appostli ddeċidew li l-ministeru tal-karità jagħtuh lil seba' persuni magħżulin apposta u li "għandhom isem tajjeb u li huma mimlijin bl-Ispirtu u bl-għerf" (Atti 6, 3); u meta l-appostli għamlu dixxerniment fuq il-missjoni li jxandru l-Aħbar it-Tajba lil dawk li ma kienux ġejjin mid-dinja Lhudija, anzi kienu mid-dinja lilhinn mill-influwenza tar-reliġjon Lhudija (Atti 10).[1] Dan id-dixxerniment baqa' għaddej matul is-sekli fiż-żmien ta' Missirijiet il-Knisja, u sab il-milja tiegħu fil-Konċilju Vatikan II li huwa l-akbar espressjoni u esperjenza moderna ta' dixxerniment u sinodalità.[2]

Il-Konċilju Vatikan II kien imsejjaħ propju biex l-Isqfijiet li kienu qed jieħdu sehem fih, flimkien bħala Knisja waħda jagħmlu dixxerniment dwar il-Knisja u l-futur tagħha fid-dawl tas-sinjali taż-żminijiet. Kien frott ta' dan il-Konċilju li l-Knisja Kattolika dawwret ħarsitha b'mod komplet. Filwaqt li qabel il-ħarsa tagħha kienet 'il ġewwa biex tiddefendi dak li kienet tħoss li kien tagħha, issa, bil-bidla fis-sinjali taż-żminijiet dawwret il-ħarsa tagħha 'l barra, u mhux aktar il-ġewwa; bdiet tħares 'l barra fejn kien jinsab il-bniedem tassew. Kienet din li ġabet l-iżvolta

antropoloġika fil-Knisja li mhux biss ġabet bidla fil-viżjoni ta' kif hi setgħet taqdi lill-bniedem modern, imma ġabet bidla aktar radikali fil-mod ta' kif hi kellha tkun Knisja għall-bniedem tallum. Din il-bidla ssarfet f'bidla fl-istruttura li kellha wkoll effett kbir fuq il-katekeżi.

## Minn Knisja Ġerarkika għal Knisja Kariżmatika

Il-Knisja qabel il-Konċilju Vatikan II kienet karatterizzata minn struttura ġerarkika, fejn kollox kien jitwassal minn fuq għal isfel. Ġesù Kristu kien fil-quċċata, taħtu kien hemm il-Papa, warajh l-Isqfijiet u s-saċerdoti, u taħt nett il-Poplu ta' Alla magħmul mil-lajċi. Din kienet Knisja li fiha kulħadd kien jaf x'inhu r-rwol tiegħu. Dawn ir-rwoli kienu jinqasmu bejn l-*ecclesia docens* – il-Knisja li tgħallem (Papa, Isqfijiet u saċerdoti); u *ecclesia discens* – il-Knisja li titgħallem (il-lajċi). Din il-Knisja kellha forma ta' piramida u s-sehem tal-lajċi fiha kien minimu u riservat għal dak biss li l-ġerarkija ma setgħetx tagħmel.[3]

Il-Konċilju Vatikan II ppropona Knisja li hija strutturata ferm differenti, u minflok forma ta' piramida tieħu l-forma ta' ċirku fejn kull ministeru u kull kariżma titħaddem għall-ġid tal-Knisja kollha taħt it-tmexxija tal-Ispirtu s-Santu. F'din it-tip ta' Knisja, l-lajċi kellhom sehem ferm akbar x'jagħtu. Barra minn hekk, is-sehem tal-lajċi fil-Knisja ma kellux ikun minħabba xi nuqqas li kien jinħass f'dak li kien jagħmel il-kleru, imma frott tas-Sagrament tal-Magħmudija li lkoll irċevejna bl-istess mod, u li lkoll isejħilna għal ministeri differenti fil-Knisja, kulħadd skont is-sejħa tiegħu.[4]

Din il-bidla fl-ekkleżjoloġija u fil-mod kif il-Knisja bdiet tara lilha nnifisha għas-servizz tal-bniedem kienet bidla radikali: minn Knisja istituzzjonali għal Knisja aktar immexxija mill-Ispirtu s-Santu u kariżmatika. Għalkemm din il-bidla għadha ma seħħitx b'mod komplet għax għadha teżisti tensjoni bejn dawn iż-żewġ modi ta' kif il-Knisja tkun fid-dinja, imma dan xorta ħalla effett fuq diversi ministeri u ħidmiet fil-Knisja, fosthom il-katekeżi. Huwa f'dan id-dawl li rridu naraw il-ministeru tal-katekeżi li żviluppa wara l-Konċilju Vatikan II. Huwa f'dan id-dawl ukoll li joħroġ aktar ċar il-ministeru tal-katekist, u il-katekeżi fid-dawl tas-sinodalità fid-dinja tal-lum.

## Il-Ministeru Kateketiku wara l-Konċilju Vatikan II

Filwaqt li l-katekeżi qabel il-Konċilju Vatikan II kienet issir fil-forma tradizzjonali ta' mistoqsija u tweġiba,[5] wara l-Koncilju Vatikan II beda jiżviluppa l-metodu antropoloġiku. Din ma kinitx l-unika bidla fil-katekeżi, imma l-akbar bidla saret fl-operaturi pastorali li huma ċentrali fil-katekeżi: il-katekisti. Filwaqt li qabel il-Konċilju Vatikan II il-katekeżi kienet titqies bħala parti mix-xogħol tas-saċerdoti u s-seminaristi,[6] wara l-Konċilju Vatikan II bdew jieħdu sehem ħafna l-lajċi fiha, sakemm illum il-maġġoranza tal-katekisti huma lajċi.

L-apprezzament tal-lajċi nsibuh imnaqqax fid-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II, speċjalment f'*Apostolicam Actuositatem*. Dan id-Digriet jitkellem dwar l-appostotlat tal-lajċi mhux bħallikieku dawn qegħdin hemm biex jagħmlu tajjeb għal meta jkun hemm nuqqas ta' riżorsi umani bħala saċerdoti u reliġjużi, imma li l-lajċi jipparteċipaw fil-missjoni sħiħa tal-evanġelizzazzjoni għaliex huma bis-saħħa tal-Magħmudija għandhom sehem fil-missjoni saċerdotali, regali u profetika ta' Ġesù.[7] Mhux hekk biss, imma bis-saħħa tal-Magħmudija, l-lajċi huma wkoll fid-dover li flimkien ma' oħrajn joffru s-sehem tagħhom fil-missjoni tal-evanġelizzazzjoni.[8]

Li l-lajċi jkollhom sehem fil-missjoni tal-evanġelizzazzjoni tal-Knisja fid-dinja minnu nnifsu huwa fatt li jitlob is-sinodalità billi l-lajċi mhumiex imsejħin biex joħolqu missjonijiet ta' evanġelizzazzjoni li jmorru kontra xulxin, jew kontra dak li tipproponi l-Knisja, anzi għandhom jaħdmu id f'id ħalli s-Saltna ta' Alla tasal sat-truf kollha tal-art, u anki f'dawk il-postijiet fejn huwa diffiċli li din tasal bil-ħidma ta' saċerdoti biss. Il-katekisti bħala ministri fil-pastorali għandhom aċċess għal ħafna ambjenti differenti. Dan jagħtihom il-possibiltà li jwasslu l-Kelma ta' Alla f'postijiet li huma marbutin mad-dinja tax-xogħol, fid-djar privati u anki waqt il-ħinijiet ta' mistrieħ.[9] Madankollu, huma jridu jaħdmu flimkien f'sinodalità mal-kumplament tal-Knisja fil-missjoni tagħha ta' evanġelizzazzjoni. B'hekk is-sinodalità ma tkunx biss mod kif naħdmu flimkien, imma mod partikulari kif il-Knisja Kattolika tgħix u twettaq il-ministeru tagħha llum. Li nkunu sinodali llum ifisser li nimxu 'l quddiem f'armonija immexxija mill-Ispirtu s-Santu f'parteċipazzjoni u ko-responsabbiltà.[10] Dan f'ċerti mumenti jitlob ubbidjenza u

rispett lejn it-treġija ta' min għandu aċċess għall-istampa l-kbira tal-evanġelizzazzjoni.[11] Kull forma ta' evanġelizzazzjoni mil-lajċi u mis-saċerdoti tissejjaħ ekkleżjali u kattolika jekk din issir f'għaqda sħiħa mal-Knisja u bl-istess intenzjonijiet tal-Knisja.

Is-sinodalità hija esperjenza ta' Knisja li tkun kapaċi taħdem flimkien, u li dawk kollha li huma parti mill-Knisja ta' Kristu jipparteċipaw f'dan il-ministeru b'diversi modi u manjieri.

Il-ministeru kateketiku jippresta ruħu ħafna biex is-sinodalità tkun tispikka fih. Hawnhekk b'sinodalità qegħdin nirreferu għall-proċess li fih persuni b'ministeri, kariżmi, u anki professjonijiet differenti joqgħodu bilqegħda flimkien biex jisimgħu lil xulxin b'rispett, u jippjanaw il-ministeru kateketiku mhux minn angolu wieħed, imma mid-diversi angoli li huma lkoll neċessarji. Fost id-diversi aspetti, tematiċi u xjenzi li jidħlu fil-proċess kateketiku nsibu l-aspett teoloġiku, l-aspett bibliku, l-aspett pedagoġiku, didattiku u tax-xjenzi tal-edukazzjoni, l-aspett tal-komunikazzjoni, u l-aspetti differenti tax-xjenzi umani, fosthom il-psikoloġija, is-soċjoloġija u l-pedagoġija.

L-ebda bniedem ma għandu l-kompetenza f'dawn l-aspetti kollha, u allura biex ikun hemm ministeru kateketiku effettiv hemm bżonn il-ħidma ta' diversi persuni li joqgħodu bilqegħda flimkien biex ikunu jistgħu mhux biss joffru ministeru kateketiku effettiv, imma wkoll jaraw li jintużaw l-aqwa riżorsi biex jintlaħqu l-għanijiet bl-aħjar mod. Huwa essenzjali li s-sinodalità fil-katekeżi tieħu s-sura ta' prattika ta' riflessjoni u analiżi tas-sitwazzjoni sħiħa li fiha qed jgħix il-bniedem tallum biex ikun jista' jsir dixxerniment dwar kif l-aħjar inwieġbu bl-Aħbar it-Tajba f'dan il-kuntest.

## Sinodalità fid-Dokumenti Uffiċjali

F'dawn l-aħħar snin ġew ippubblikati żewġ dokumenti ta' importanza kbira għall-katekeżi. Dawn huma d-*Direttorju għall-Katekeżi* u l-Motu Proprio f'forma ta' Ittra Appostolika *Antiquum Ministerium*. Iż-żewġ dokumenti, kull wieħed bil-mod partikulari tiegħu, jispikka fil-mod kif is-sinodalità fil-katekeżi hija ppreżentata.

Id-*Direttorju għall-Katekeżi* li kien ippromulgat fit-23 ta' Marzu 2020 mill-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni tal-Evanġelizzazzjoni

l-Ġdida jiddedika l-kapitlu 12 biex jispjega dawk l-istituzzjonijiet fi ħdan il-Knisja li huma responsabbli għall-katekeżi. Id-*Direttorju* jagħmel dan billi jibda bl-aktar livell wiesa' – is-Santa Sede bħala l-akbar istituzzjoni,[12] u jibqa' nieżel 'l isfel lejn il-livelli aktar lokali. Id-*Direttorju* jitkellem dwar ir-rwol tas-Sinodu tal-Isqfijiet u l-Konċilji tal-Knejjes tal-Lvant u s-sehem tagħhom fil-katekeżi.[13] Imbagħad jinżel għal-livell ta' Konferenza Episkopali li taqdi l-ministeru tagħha f'territorju jew nazzjon partikulari.[14] L-aktar livell bażiku li jitkellem dwaru d-*Direttorju għall-Katekeżi* huwa l-livell ta' djoċesi li fih insibu l-istrutturi li jaħdmu fl-għeruq tas-soċjetà permezz tal-uffiċċju djoċesan li hu responsabbli għall-katekeżi fid-djoċesi.[15]

Dawn l-istrutturi kollha mhumiex iżolati minn xulxin, imma huma msejjħin biex flimkien, kemm fuq livell lokali, kif ukoll fuq livell aktar wiesa' u universali, jaħdmu id f'id u f'sintonija għall-katekeżi effettiva u tajba. Barra minn hekk, dawk l-istrutturi li huma fuq livell aktar wiesa' u internazzjonali huma għas-servizz tal-evanġelizzazzjoni u mhux biex ikunu moqdija mill-oħrajn.[16] Għalhekk huma strutturi li huma mistiedna biex il-ħin kollu jaħdmu f'mixja sinodali biex il-katekeżi ma tkunx biss kelma sabiħa li huma jipproponu bħala strutturi ta' organizzazzjoni, imma tkun tassew esperjenza ta' mixja flimkien ta' persuni li jitilqu minn punti tat-tluq differenti, li jaqbdu toroq differenti imma fl-istess waqt mexjin lejn l-istess destinazzjoni.

Barra minn hekk, il-ministeru tal-katekeżi ma rridux narawh bħallikieku din teżisti waħidha u s-sinodalità teżisti biss fl-istrutturi interni li għandhom x'jaqsmu mal-katekeżi. Is-sinodalità fil-katekeżi tidher ukoll fil-parteċipazzjoni tal-katekisti u ta' operaturi pastorali oħra li jaħdmu fil-qasam kateketiku f'oqsma oħra fid-djoċesi u lilhinn minnha. B'hekk il-katekeżi ma tkunx ministeru iżolat, imma kemm fil-Kunsill Pastorali Djoċesan, u fil-Kunsilli Pastorali Parrokkjali, il-katekeżi taħdem id f'id mal-ministeri l-oħra fil-proġett tal-evanġelizzazzjoni lokali, u dik aktar wiesa'.[17]

Il-katekeżi li d-diversi strutturi lokali u universali huma msejħa biex ipoġġu fil-prattika allura mhix katekeżi bbażata biss fuq il-kliem, imma hija katekeżi li ssir bl-esperjenza u bil-prattika. Din it-tip ta' katekeżi hija l-aktar waħda effettiva għaliex timxi fuq il-parir li kien

tkellem dwaru l-Papa Pawlu VI fl-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi* paragrafu 41 meta tenna li "il-bniedem modern jisma' iżjed bil-qalb lix-xhieda milli lill-għalliema, u jekk jisma' lill-għalliema, dan jagħmluh għaliex huma xhieda."[18]

Il-katekeżi u x-xhieda li d-*Direttorju tal-Katekeżi* jipproponi hija waħda li hija bbażata mhux biss fuq it-trażmissjoni tal-kontenuti tal-fidi imma fuq l-akkumpanjament. It-tema tal-akkumpanjament hija waħda ċentrali fid-*Direttorju* u biżżejjed ngħidu li hemm referenza għall-akkumpanjament f'mill-inqas 31 paragrafu tad-*Direttorju*.[19] Dawn il-paragrafi huma mxerrdin mad-*Direttorju* kollu, mill-bidu sal-aħħar. Il-kunċett u l-metodu tal-katekeżi bbażata fuq l-akkumpanjament huwa ispirat mill-ispirtu tas-sinodalità, jiġifieri mill-mixja li kull min jemmen huwa msejjaħ li jagħmel, filwaqt li jżomm f'moħħu li l-mixja mhux qed jagħmilha waħdu jew waħidha, imma li lkoll flimkien mexjin lejn is-sema pajjiżna.

L-akkumpanjament jesprimi wkoll l-idea li kull min hu fil-mixja għandu rwol importanti u li tikkontribwixxi għall-istess mixja. L-akkumpanjaturi fil-mixja kateketika għandhom dejjem iżommu f'moħħhom li daqskemm huwa importanti li jieħdu rwol ta' tmexxija lejn dak li jridu jaslu għalih, daqstant ieħor iridu jisimgħu lil min qegħdin jakkumpanjaw. Barra minn hekk, dawk li jkunu qegħdin jiġu akkumpanjati jridu wkoll isemmgħu leħinhom għaliex huma wkoll parti importanti mill-mixja. Il-mixja tkun effikaċi u effettiva daqskemm dawk li jkunu qed jiġu akkumpanjati jitkellmu, u dawk li qed jakkumpanjaw jisimgħuhom bis-sinċerità u b'widnejhom miftuħa biex ikunu jistgħu joffrulhom l-aħjar ministeru u servizz.

Il-Motu Proprio *Antiquum Ministerium* (10 ta' Mejju 2021) huwa f'forma ta' Ittra Appostolika tal-Papa Franġisku li jistitwixxi l-ministeru tal-katekist b'mod uffiċjali bħala wieħed mill-ministeri tal-Knisja.[20] *Antiquum Ministerium* jagħti l-piż li jistħoqqlu lill-ministeru tal-katekist fil-ħajja tal-Knisja. F'din l-Ittra Appostolika l-Papa Franġisku jagħmel ukoll lista ta' dawk il-kwalitajiet li għandu jkollhom il-katekisti. Fost dawn il-kwalitajiet huwa jsemmi li l-katekisti jrid ikollhom fidi soda u jkunu maturi bħala bnedmin biex ikunu kapaċi jaħdmu mal-oħrajn u jakkumpanjaw lil dawk li huma fdati f'idejhom. Kwalitajiet oħra li

jsemmi l-Papa Franġisku huma li l-katekisti jridu jkunu individwi li jappartecipaw b'mod sħiħ fil-ħajja tal-Knisja, li jkunu miftuħin għall-oħrajn, u li jkunu kapaċi jgħixu il-komunjoni fil-prattika.[21] Dawn il-kwalitajiet huma lkoll marbutin mas-sinodalità. Il-katekisti li jħaddnu dawn il-kwalitajiet u jgħixuhom f'ħajjithom huma diġà f'mixja sinodali u għalhekk ikun aktar faċli għalihom li jakkumpanjaw lill-oħrajn f'mixja li fiha jiskopru lil Ġesù f'ħajjithom, kif ukoll is-sejħa għal mixja sinodali li n-nisrani llum huwa msejjaħ għaliha.

## Konklużjoni

Il-katekeżi mhix biss dik l-azzjoni li biha wieħed jista' jgħaddi l-twemmin lill-oħrajn, imma hija fuq kollox xhieda. Jekk il-katekeżi ma tkunx mogħnija bix-xhieda allura ftit tħalli effett profond fuq il-persuni. Is-sinodalità fil-katekeżi hija turija ta' din ix-xhieda fuq livell differenti minn dik li l-katekisti huma msejħin biex jagħtu lil dawk li jkunu qegħdin jakkumpanjaw fil-mixja tal-fidi. Dan il-livell ta' xhieda mhuwiex mal-barranin, imma pjuttost aktar intern fil-Knisja, għaliex jikkonsisti fix-xhieda li l-katekisti jkunu għal xulxin billi jaħdmu flimkien u jissapportjaw lil xulxin fil-mixja waħda tal-Knisja f'din id-dinja. Din hija l-aqwa xhieda u l-akbar att ta' evanġelizzazzjoni li l-Knisja tista' tagħmel fid-dinja tal-lum, fejn kulħadd hu medhi jaħseb aktar għal rasu milli li wieħed jaħdem mal-oħrajn għal għan wieħed.

## Noti

1. International Theological Commission, *Synodality in the life and mission of the Church* (2 ta' Marzu 2018), online: https://www.vatican.va/roman_curia/congregations/cfaith/cti_documents/rc_cti_20180302_sinodalita_en.html, 19.
2. *Synodality in the life and mission of the Church*, 24-41.
3. *Synodality in the life and mission of the Church*, 35; Emilio Alberich, *Catechesi fondamentale. Manuale di catechesi fondamentale* (Leumann (To): Editrice Elledici, 2001), 171-172; Emilio Alberich – Jerome Vallabaraj, *Communicating a faith that transforms. A handbook of fundamental catechesis* (Bangalore: Kristu Jyoti Publications, 2004), 164-166.

4. *Synodality in the life and mission of the Church*, 46; Alberich, *Catechesi fondamentale*, 172-175; Alberich – Vallabaraj, *Communicating a faith that transforms*, 166-168.
5. Hawn qegħdin nirreferu speċjalment għat-tfal, imma mhux b'mod esklussiv.
6. Għal dan kien hemm ukoll xi eċċezzjonijiet, fosthom f'Malta fejn San Ġorġ Preca huwa meqjus bħala pijunier fl-appostolat tal-lajċi meta fl-1907 beda s-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija bħala ministeru tal-lajċi ferm qabel il-Konċilju Vatikan II. Ara Carl-Mario Sultana, *The presence and the use of the Bible in the Ministry and in the works of Dun Ġorġ Preca*, Teżi tad-Dottorat fl-Università Pontifiċja Sależjana Ruma, 2007; Carl-Mario Sultana, "Catechesis in Europe during the 20th century," in *Sophia - Paideia. Sapienza e educazione (Sir1,27). Miscellanea di studi offerti in onore del prof. don Mario Cimosa*, ed. Gillian Bonney – Rafael Vicent, (LAS: Roma, 2012), 423-450; Carl-Mario Sultana, "San Giorgio Preca. Prete maltese al servizio del catechismo" *Catechesi* 77 (2007/8) 1: 62-76; Carl-Mario Sultana, "Ġorġ Preca – A champion of the laity" *Roczniki Teologiczne* 64 (2018) 11, http://dx.doi.org/10.18290/rt.2017.64.11-7: 105-120; Carl-Mario Sultana, "Ġorġ Preca – Apostle of the Word of God and a precursor of Vatican Council II" *Melita Theologica* 59 (2006) 1: 45-60; Giuseppe Biancardi – Ubaldo Gianetto, *Storia della catechesi. 4. Il movimento catechistico*, (LAS: Roma, 2016), 534-536, 726; Angelo Montonati, *Coraggio e profezia. Un pioniere del Vaticano II. Il beato Giorgio Preca (Malta 1880-1962)*, (Milano: Edizioni San Paolo, 2003).
7. Konċilju Vatikan II, Digriet dwar l-appostolat tal-lajċi *Apostolicam Actuositatem* (18 ta' Novembru 1965), online: http://www.laikos.org/vat2_apostolicam-actuositatem_ver2016.htm, 2; *Synodality in the life and mission of the Church*, 46, 53, 55-56.
8. *Apostolicam Actuositatem*, 25.
9. Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja *Lumen Gentium* (21 ta' Novembru 1964), online: https://laikos.org/vat2_lumen_gentium_ver2017.htm, 33; *Apostolicam Actuositatem*, 2.
10. *Synodality in the life and mission of the Church*, 42, 48, 67.
11. *Apostolicam Actuositatem*, 23.
12. Pontifical Council for Promoting New Evangelization, *Directory for Catechesis* (23 ta' Marzu 2020), (Catholic Truth Society: London, 2020), 409-410.
13. *Directory for Catechesis*, 411.
14. *Directory for Catechesis*, 412-415.

15. *Directory for Catechesis*, 416-425.
16. *Synodality in the life and mission of the Church*, 54.
17. *Synodality in the life and mission of the Church*, 81-84.
18. Papa Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi* (8 ta' Diċembru 1975), online: http://www.laikos.org/EN.htm, 41.
19. Ara *Directory for Catechesis* paragrafi 3, 50, 55, 64, 68, 85, 111, 113, 118, 132, 135, 139, 155, 179, 203, 234-235, 244, 252, 259, 261, 263-265, 271, 352, 370-371, 404, 419, 423.
20. Papa Franġisku, Ittra Appostolika f'għamla ta' Motu Proprju *Antiquum Ministerium* għat-twaqqif tal-Ministeru ta' Katekista (10 ta' Mejju 2021), online: https://www.laikos.org/fr1_antiquum_ministerium_10052021.htm.
21. *Antiquum Ministerium*, 8.

## Bibljografija

Alberich, Emilio – Jerome Vallabaraj. *Communicating a faith that transforms. A handbook of fundamental catechesis*. Bangalore: Kristu Jyoti Publications, 2004.

Alberich, Emilio. *Catechesi fondamentale. Manuale di catechesi fondamentale*. Leumann (To): Editrice Elledici, 2001.

Biancardi, Giuseppe – Ubaldo Gianetto. *Storia della catechesi. 4. Il movimento catechistico.* LAS: Roma, 2016.

International Theological Commission. *Synodality in the life and mission of the Church* (2 ta' Marzu 2018). online: https://www.vatican.va/roman_curia/congregations/cfaith/cti_documents/rc_cti_20180302_sinodalita_en.html.

Konċilju Vatikan II. Digriet dwar l-appostolat tal-lajċi *Apostolicam Actuositatem* (18 ta' Novembru 1965). online: http://www.laikos.org/vat2_apostolicam-actuositatem_ver2016.htmhttps://www.vatican.va/archive/hist_councils/ii_vatican_council/documents/vat-ii_decree_19651118_apostolicam-actuositatem_en.html.

Konċilju Vatikan II. Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja *Lumen Gentium* (21 ta' Novembru 1964). online: https://laikos.org/vat2_lumen_gentium_ver2017.htm.

Montonati, Angelo. *Coraggio e profezia. Un pioniere del Vaticano II. Il beato Giorgio Preca (Malta 1880-1962)*. Milano: Edizioni San Paolo, 2003.

Papa Franġisku. Ittra Appostolika f'għamla ta' Motu Proprju *Antiquum Ministerium* għat-twaqqif tal-Ministeru ta' Katekista (10 ta' Mejju 2021). online: https://www.laikos.org/fr1_antiquum_ministerium_10052021.htm.

Papa Pawlu VI. Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi* (8 ta' Diċembru 1975). online: http://www.laikos.org/EN.htm.

Pontifical Council for Promoting New Evangelization. *Directory for Catechesis* (23 ta' Marzu 2020). Catholic Truth Society: London, 2020.

Sultana, Carl-Mario. "Catechesis in Europe during the 20th century," in *Sophia – Paideia. Sapienza e educazione (Sir1,27). Miscellanea di studi offerti in onore del prof. don Mario Cimosa*, edited by Gillian Bonney – Rafael Vicent, 423-450. LAS: Roma, 2012.

Sultana, Carl-Mario. "Ġorġ Preca – A champion of the laity." *Roczniki Teologiczne* 64 (2018) 11, http://dx.doi.org/10.18290/rt.2017.64.11-7: 105-120.

Sultana, Carl-Mario. "Ġorġ Preca – Apostle of the Word of God and a precursor of Vatican Council II." *Melita Theologica* 59 (2006) 1: 45-60.

Sultana, Carl-Mario. "San Giorgio Preca. Prete maltese al servizio del catechismo." *Catechesi* 77 (2007/8) 1: 62-76.

Sultana, Carl-Mario. *The presence and the use of the Bible in the Ministry and in the works of Dun Ġorġ Preca*. Teżi tad-Dottorat fl-Università Pontifiċja Sależjana Ruma, 2007.

# Is-Sinodalità fl-esperjenza tas-Sinodu Djoċesan ta' Malta (1999-2003)

E.T. Mons. Joseph Galea Curmi

Il-Papa Franġisku, fid-9 u fl-10 ta' Ottubru 2021, beda proċess fil-Knisja universali bi tħejjija għas-Sinodu tal-Isqfijiet ta' Ottubru 2023. Is-Segreterija Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, immexxija mill-Kardinal Mario Grech, ħarġet dokument preparatorju bl-isem "Lejn Knisja Sinodali: komunjoni, parteċipazzjoni, missjoni"[1] bl-iskop li tħeġġeġ is-sehem tal-Knisja kollha fid-dinja f'dan il-proċess.

Il-Papa dejjem wera x-xewqa ta' parteċipazzjoni aktar mifruxa fejn jidħol is-Sinodu tal-Isqfijiet, u kien għalhekk li bi tħejjija għas-Sinodu fuq il-Vokazzjoni u l-Missjoni tal-Familja fid-dinja tal-lum, li kien sar fl-2015, b'Sinodu straordinarju fuq l-istess suġġett is-sena ta' qabel, hu kien ħeġġeġ ħafna l-parteċipazzjoni tal-knejjes lokali. Issa qed jagħmel pass aktar 'il quddiem, u t-tema magħżula hi sewwasew dik tas-sinodalità.

Hekk hi mfissra fid-dokument preparatorju: "B'din is-sejħa, il-Papa Franġisku qed jistieden lill-Knisja kollha biex tirrifletti fuq tema deċiżiva għall-ħajja u l-missjoni tagħha: 'Il-mixja tas-sinodalità hi sewwasew il-mixja li Alla jistenna mill-Knisja tat-tielet millennju'.[2] Din il-mixja, fuq il-linja tal-'aġġornament' tal-Knisja proposta mill-Konċilju Vatikan II, hija don u missjoni fl-istess ħin: meta timxi flimkien, u flimkien tirrifletti fuq il-mixja li tkun għamlet, il-Knisja tista' titgħallem minn dak stess li tkun qed tesperimenta, liema proċessi jistgħu jgħinuha tgħix il-komunjoni, twettaq il-parteċipazzjoni, u tinfetaħ għall-missjoni. Fil-fatt, il-'mixja flimkien' tagħna hu dak li jwettaq u juri x'inhi n-natura tal-Knisja bħala Poplu ta' Alla pellegrin u missjunarju".[3]

## Il-metodu ta' Sinodu Djoċesan

Hu interessanti li dak li qed jagħmel il-Papa bażikament hu li jadotta l-metodu post-Konċiljari ta' kif ikun organizzat Sinodu fi djoċesi[4] u japplikah għall-Knisja universali. Aħna nistgħu nifhmu dan sew, għax m'ilux ħafna snin li fl-Arċidjoċesi ta' Malta ġie ċċelebrat Sinodu Djoċesan. Kien imniedi mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fid-29 ta' Settembru 1999, u l-mixja kollha sinodali ġiet konkluża bl-approvazzjoni tad-dokumenti finali mill-Arċisqof Mercieca fid-29 ta' Settembru 2003, u fil-ġimgħat ta' wara bil-pubblikazzjoni ta' dawn id-dokumenti.

Il-ħsieb tiegħi hu li nirrifletti f'ċertu dettall mhux fuq il-kontenut tad-dokumenti ta' dan is-Sinodu, li fil-fatt fihom rikkezza enormi u għadhom iservu ta' ispirazzjoni kbira, imma fuq il-metodu ta' sinodalità adottat fl-esperjenza tas-Sinodu Djoċesan ta' Malta, u anke wara s-Sinodu, b'riżultat ta' din l-esperjenza. Wieħed malajr jifhem kemm illum aħna nħarsu b'simpatija lejn dak li qed isir fuq livell universali meta naraw fih rifless ta' dak li sar fostna fuq livell lokali iktar minn għoxrin sena ilu.

## Spjega ta' x'inhu Sinodu

Kien fil-21 ta' Settembru 1999 li l-Arċisqof Mercieca ħareġ Ittra Pastorali fejn ħabbar li kien se jniedi Sinodu Djoċesan. Hu spjega b'dalmod x'jiġifieri Sinodu: "Biex nifhmu x'inhu 'Sinodu', irridu niftakru dak li hi l-Knisja. Il-Knisja hi l-għaqda ta' Kristu ma' ħutu l-bnedmin fl-Ispirtu. Hi magħmula minn diversi nies bi stejjer, karattri, u opinjonijiet differenti: nies li ġejjin minn toroq differenti, imma li lkoll jistqarru fidi waħda u jiffurmaw il-Poplu ta' Alla. Aħna poplu li miexi lejn dar il-Missier. Is-Sinodu hi esperjenza li trid tgħinna nifhmu aktar x'jiġifieri li aħna lkoll niffurmaw il-Knisja. Ilaqqa' flimkien lill-Isqof u l-poplu tad-djoċesi, taħt it-tmexxija tal-Ispirtu s-Santu, biex neżaminaw il-ħajja tal-Knisja lokali u nsiru nafu aktar dak li Alla jrid minna bħala Knisja. Flimkien naraw kif il-ħajja tal-Knisja tista' tkun aħjar u isbaħ, u kif is-soċjetà tagħna tista' tkun aktar tixraq lill-bniedem. Hi mixja flimkien: dan hu l-qofol tas-Sinodu."[5]

Malajr tolqotna kif fl-ispjega stess ta' x'inhu Sinodu, hemm enfasizzata s-sinodalità – komunjoni, parteċipazzjoni u missjoni – kif

ukoll id-dixxerniment ekkleżjali, kollha fatturi importanti li l-Papa Franġisku jsemmi fl-esperjenza ta' sinodalità li għaliha sejjaħ lill-Knisja kollha.

**Spjega tal-metodu**

Fl-istess Ittra Pastorali, ftit ġranet qabel beda s-Sinodu, l-Arċisqof spjega l-metodu ta' dan is-Sinodu. L-Arċisqof spjegah b'dan il-mod: "Is-Sinodu fih diversi fażijiet: l-ewwel, il-konsultazzjoni u l-formazzjoni; it-tieni, iċ-ċelebrazzjoni, li fiha jkun hemm il-laqgħat tal-Assemblea; it-tielet, il-fażi tal-konklużjoni u tad-deċiżjonijiet li jagħtu direzzjoni lill-Knisja f'Malta. Meta jispiċċa ż-żmien tas-Sinodu, tibda l-fażi li fiha nimxu skont id-direzzjoni li jkun tana s-Sinodu".[6]

**Stedina għall-parteċipazzjoni**

F'din l-Ittra Pastorali, apparti li spjega l-fażijiet differenti tas-Sinodu Djoċesan, l-Arċisqof ta bidu wkoll għall-ewwel fażi, dik ta' konsultazzjoni wiesgħa. Hu fissirha hekk: "Billi l-Knisja trid tagħraf is-sinjali taż-żminijiet u tinterpretahom fid-dawl tal-Evanġelju, l-ewwel fażi ta' dan iż-żmien tas-Sinodu se jkun żmien pjuttost twil iddedikat b'mod speċjali għad-djalogu u għall-konsultazzjoni. L-iskop hu li kulħadd ikollu ċ-ċans li, wara li jitlob u jaħseb sewwa, jgħid x'jaħseb u x'jixtieq mill-Knisja f'Malta, mill-ħajja tal-Insara Maltin u mis-soċjetà tagħna."[7]

L-Arċisqof spjega kif l-iskop kien li tkun konsultazzjoni wiesgħa: "Din il-konsultazzjoni se tmiss b'xi mod lil kulħadd. Se jkun moviment ta' djalogu li jgħinna mmissu l-għeruq tal-ħajja tagħna, b'ħarsa onesta lejn dak li aħna. Irridu nagħrfu t-tibdil kbir li sar u li jsir fis-soċjetà u naraw, fid-diffikultajiet u l-problemi, sfidi ġodda għall-ħajja tal-Knisja kif ukoll possibiltajiet ta' ħidma aktar sfiqa għall-ġid tal-bniedem."[8]

Hawnhekk ġa nistgħu naraw xebh kbir ma' dak li l-Papa Franġisku qed jinsisti fuqu għall-proċess sinodali tal-Knisja universali.

Fl-istess linja, tolqtok l-istedina li għamel l-Arċisqof: "Nistieden lil kulħadd: lil-lajċi, lill-persuni ta' ħajja konsagrata u lis-saċerdoti, lil dawk li huma attivi fil-ħajja tal-Knisja, lill-għaqdiet u lill-movimenti tal-Knisja. Nistieden ukoll lil dawk li, għal xi raġuni jew oħra, iħossuhom 'il bogħod mill-Knisja. Ħa nitkellmu flimkien, nisimgħu aktar lil xulxin,

nifhmu aktar lil xulxin. Din hi opportunità speċjali ħafna. Se jkun hemm diversi okkażjonijiet biex kulħadd jesprimi ruħu. Nixtieq li lkoll naraw kif nistgħu nagħtu sehemna f'dan is-Sinodu".[9]

Ħsibt li nġib il-kwotazzjonijiet preċiżi mill-kliem tal-Arċisqof għax hu ta' soddisfazzjon li 22 sena wara, hu l-kliem li qed jgħid il-Papa Franġisku fl-istedina li jagħmel għall-parteċipazzjoni fil-proċess sinodali.

## Deċiżjonijiet bażiċi

Eżatt wara li tnieda s-Sinodu Djoċesan, f'Ottubru 1999 bdiet il-konsultazzjoni wiesgħa bil-għan li kemm jista' jkun nies jipparteċipaw u jagħtu l-fehma tagħhom. Il-Kummissjoni Ċentrali li kienet inkarigata mill-organizzazzjoni tas-Sinodu u li kienet twaqqfet fit-22 ta' Mejju 1999,[10] ħadet tliet deċiżjonijiet bażiċi rigward din il-konsultazzjoni:[11]

> (i) Libertà sħiħa. Għalhekk ebda mistoqsija ma kellha xi suġġeriment ta' risposta magħha biex min qed iwieġeb jgħid "iva" jew "le". Kulħadd kellu l-libertà sħiħa biex jista' jwieġeb bis-sinċerità u jgħid dak li jaħseb u jħoss.
>
> (ii) Ħadd ma jibqa' barra. Ghalhekk, f'dan l-istadju, ma sarx xi tip ta' *survey* bil-metodu ta' *random sampling*, fejn jingħażel *sample*. F'*random sampling*, l-iskop hu r-riżultat aħħari li joħroġ; f'dal-każ, l-iskop kien mhux dan biss, imma wkoll is-sehem miftuħ għal kulħadd. B'mod partikulari fil-konsultazzjoni fil-parroċċi, l-istedina saret lil kulħadd biex kulħadd jista' jipparteċipa.
>
> (iii) Fl-istess waqt li kulħadd kellu l-opportunità jieħu sehem, saret konsultazzjoni wkoll f'oqsma partikulari tas-soċjetà u fi ħdan il-Knisja biex in-nies jintlaħqu fl-ambjent tagħhom ta' ħidma u ta' impenn.

## Konsultazzjoni wiesgħa

Fid-dawl ta' dan, il-konsultazzjoni mxiet b'dan il-mod:

(i) Kien hemm l-ewwel il-fażi "interna". Minn Ottubru sa Diċembru 1999, saru laqgħat ta' konsultazzjoni fil-kunsilli, kongregazzjonijiet, għaqdiet u movimenti, u gruppi kollha fi ħdan il-Knisja. L-iskop kien li ma jipparteċipawx biss id-diriġenti jew il-mexxejja, imma kull min kellu sehem fil-kunsilli u fi gruppi. Għalhekk, biex nagħti eżempju wieħed, il-konsultazzjoni mas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija MUSEUM ma saritx biss mas-superjuri imma saret f'kull qasam tas-Soċjetà. L-istess f'ħafna mir-realtajiet tal-Knisja.

(ii) Saret ukoll, u kompliet fl-ewwel ġimgħat tal-2000, il-konsultazzjoni "esterna", jiġifieri dik f'diversi oqsma tas-soċjetà Maltija, li ħafna drabi ħadet il-forma ta' *listening sessions*, b'laqgħat speċifiċi ta' dat-tip ma' partiti politiċi, unions, assoċjazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu, gruppi tas-soċjetà ċivili.

(iii) Saret ukoll konsultazzjoni f'diversi setturi tas-soċjetà: żgħażagħ, ħaddiema f'diversi postijiet tax-xogħol, għalliema, studenti u *lecturers* fl-Università, professjonisti, persuni b'diżabilità, nies mill-qasam tal-kultura, persuni milquta bi problemi soċjali, nies ta' twemmin differenti u kategoriji u setturi oħra.

(iv) Minn Jannar 2000, imbagħad, bdiet konsultazzjoni vasta fil-parroċċi kollha tal-Arċidjoċesi, b'mod li tqassmet stedina mill-Arċisqof f'kull *household* f'Malta, biex in-nies ikunu jistgħu jgħidu x'jaħsbu u x'jixtiequ għall-Knisja f'Malta. F'din l-istedina, l-Arċisqof qal: "'Sinodu' hi forsi kelma ġdida għal ħafna. Is-Sinodu hu żmien speċjali ħafna fil-ħajja tal-Knisja f'Malta fejn flimkien nagħmlu eżami fil-fond tal-ħajja u tal-ħidma tal-Knisja u naraw x'jista' jsir aħjar għas-servizz tal-poplu fuq l-eżempju ta' Ġesù Kristu. Meta ngħidu 'Knisja', ma nifhmux biss dawk li jmexxuha imma l-insara kollha li jiffurmaw il-Poplu ta' Alla. Ilkoll qed nistaqsu: x'jistenna minna Alla fil-millennju ġdid? F'dan is-Sinodu qed niltaqgħu u nimxu flimkien biex insibu tweġiba għal dan. Qed nistieden lilkom biex tagħtu sehemkom u tgħidu x'taħsbu u x'tixtiequ. Għandkom xi mistoqsijiet biex jgħinukom. Tistgħu tiktbu fuq dak kollu li tħossu li hu importanti".[12]

Hu kkalkulat li f'din il-konsultazzjoni ħadu sehem mal-100,000 persuna. Ħafna mill-parroċċi għamlu huma stess rapport komprensiv b'dak li ntqal, u l-Istitut għar-Riċerka DISCERN fassal ukoll programm li fih ġabar id-diversi kummenti li saru mal-Arċidjoċesi kollha.

X'kien l-iskop ta' din il-konsultazzjoni, li fil-fatt hi l-akbar waħda li qatt saret f'Malta? Dan hu spjegat fir-rapport li kien ippubblikat f'Settembru 2000, li fih hemm imniżżla diversi punti li ħarġu mill-konsultazzjoni. F'dan ir-rapport, jingħad: "L-iskop kien li s-Sinodu jitlaq mill-poplu, jibda mill-*grass roots*, x'jaħseb il-poplu fuq il-ħajja tal-Knisja u l-preżenza u l-ħidma tagħha fis-soċjetà Maltija. Mhux għax dak li jaħseb bilfors hu tajjeb, jew bilfors imiss l-iktar punti importanti tal-ħidma pastorali tal-Knisja, imma għax biex nimxu għal dak li rridu nkunu, irridu nitilqu minn fejn aħna. B'hekk is-Sinodu jitqiegħed fuq bażi soda u l-Knisja tista' tagħraf is-sinjali li Alla juriha".[13]

Il-materjal kollu miġbur minn din il-konsultazzjoni kien u jibqa' rikkezza kbira għall-ħajja tal-Knisja f'Malta. Hemm diversi punti interessanti. Minn dawn, insemmi wieħed biss li jolqtok ħafna. Fost il-kummenti li daħlu min-nies li pparteċipaw fil-parroċċi, ħafna tkellmu, fost l-oħrajn, fuq l-omelija. Jekk wieħed jara dawn il-kummenti tan-nies fuq l-omelija f'din il-konsultazzjoni li saret fl-ewwel xhur tal-2000, u jqabbilhom ma' dak li l-Papa Franġisku jgħid fuq l-omelija fl-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu *Evangelii Gaudium,* ippubblikata fl-2013, wieħed jara xebh kbir.[14]

## Ftuħ tal-Assemblea tas-Sinodu

Hekk kif ingħalqet l-ewwel fażi ta' konsultazzjoni mifruxa, beda proċess ta' dixxerniment fix-xhur ta' wara ħalli minn din il-konsultazzjoni jkunu identifikati t-temi biex jiġu diskussi fl-Assemblea tas-Sinodu aktar 'il quddiem. Dan il-proċess seħħ bis-sehem ta' diversi nies flimkien mal-Arċisqof, u fis-27 ta' Frar 2001 saret dik li ssejħet il-Pre-Assemblea tas-Sinodu, fejn l-Arċisqof ħabbar it-tmien temi magħżula, frott tal-konsultazjoni.[15] It-temi magħżula kienu: Viżjoni ta' Knisja Komunjoni, Kultura-Soċjetà-Knisja, Lajċi Nsara, Xandir tal-Kelma, Liturġija u Sagramenti, Djakonija u Ġustizzja, Żwieġ u Familja, Adolexxenti u Żgħażagħ.

L-Assemblea tas-Sinodu ġiet inawgurata fiċ-Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Għid il-Ħamsin fit-2 ta' Ġunju 2001. Dakinhar l-Arċisqof indirizza wkoll direttament lill-membri tal-Assemblea: "Il-laqgħat tal-Assemblea li se jkollna fiż-żmien li ġej għandhom jgħinuna biex inħossu r-responsabbiltà ta' kull wieħed u waħda minna għall-ħajja tal-Knisja, għall-ħidma pastorali tagħha. Se nitkellmu flimkien u nisimgħu lil xulxin f'ambjent ta' libertà u ta' mħabba. Imma fuq kollox irid ikollna qalbna miftuħa għall-Ispirtu ta' Alla biex nisimgħu lilu u biex imexxina Hu. F'dan kollu li se nagħmlu, li se ngħidu, li se ngħixu, ħa jmexxina dejjem l-Ispirtu s-Santu. Ħalli jkun Hu l-protagonista."[16]

**Ħidma sinodali u ta' dixxerniment ekkleżjali**

L-ewwel sessjoni tal-Assemblea tas-Sinodu saret fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2001. L-Assemblea kienet iffurmata b'mod li tirrifletti l-elementi differenti tal-Knisja f'Malta.[17]

Fl-ewwel sessjoni, saret introduzzjoni minn Patri Arthur Vella SJ dwar id-dixxerniment ekkleżjali. L-għan kien li din tagħti orjentament bażiku biex il-ħidma kollha tal-Assemblea ssir bi spirtu ta' dixxerniment.

Inħatru wkoll tmien *working groups*, wieħed għal kull tema tas-Sinodu. Iċ-*Chairpersons* ta' dawn il-gruppi kienu kollha lajċi – ħamsa nisa, koppja, u żewġt irġiel.[18] F'kull grupp kien hemm bejn sitta u disa' membri. L-iskop tal-*working group* kien li jfassal dokument pastorali fuq it-tema partikulari, u jagħmel dan billi jqis dak li ħareġ mill-konsultazzjoni fuq it-tema fid-dawl ukoll tal-Kelma ta' Alla u d-direzzjoni tat-tagħlim tal-Knisja, kif ukoll permezz ta' laqgħat oħra ta' parteċipazzjoni minn diversi nies. Meta kien imfassal l-ewwel abbozz tad-dokument, dan tressaq quddiem l-Assemblea għad-diskussjoni u għall-possibbiltà ta' emendi, żjidiet jew talbiet biex ikun rivedut mill-ġdid.

B'kollox, mill-15 ta' Ġunju 2001 sat-22 ta' Marzu 2003, saru tlettax-il sessjoni li kienu jinkludu 27 laqgħat differenti tal-Assemblea. L-iskop tal-Assemblea kien li, f'ambjent ta' talb u ta' dixxerniment, u f'diskussjoni libera, tasal għad-dokumenti finali biex imbagħad ikunu proposti lill-Arċisqof bħala dokumenti tal-Knisja f'Malta. Tul dawn il-laqgħat kollha tal-Assemblea tas-Sinodu, kien hemm parteċipazzjoni qawwija. L-Arċisqof kien dejjem preżenti, flimkien

mal-Isqof Awżiljarju, jisma', jistaqsi u fl-aħħar jagħti messaġġ ta' inkoraġġiment.

Fis-7 ta' Ġunju 2003, fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin, id-dokumenti kollha approvati ġew ippreżentati lill-Arċisqof f'Ċelebrazzjoni Djoċesana tal-Għeluq tas-Sinodu li saret fil-pjazza ta' quddiem il-Katidral, l-Imdina. Tul il-ġimgħat ta' wara, l-Arċisqof studja bir-reqqa d-dokumenti ppreżentati lilu u erba' snin preċiż mill-ġurnata tal-bidu tas-Sinodu, hu approvahom bħala d-dokumenti uffiċjali tas-Sinodu Djoċesan ta' Malta. Fid-digriet ta' approvazzjoni, l-Arċisqof jgħid hekk: "Jien naf li d-dokumenti huma frott ta' proċess importanti fil-ħajja tal-Knisja f'Malta, li beda b'konsultazzjoni wiesgħa ħafna u li kompla bil-laqgħat tal-Assemblea u bis-sehem ta' ħafna nies li ħadmu b'sens kbir ta' korresponsabbiltà, ġenerożità u kompetenza. Għalhekk id-dokumenti huma riżultat ta' proċess sinodali li ħareġ mill-qalba tal-Knisja f'Malta. Wara li jien eżaminajt id-dokumenti tas-Sinodu, illum 29 ta' Settembru 2003, b'dan id-digriet u bl-awtorità tiegħi bħala Isqof tal-Arċidjoċesi ta' Malta, jien qed napprovahom bħala gwida pastorali għall-ħajja u għall-missjoni tal-Knisja f'Malta. Dawn id-dokumenti jkunu ppubblikati fil-ġimgħat li ġejjin."[19]

### Sinodalità li kompliet wara s-Sinodu

Naħseb li anke ħarsa ħafifa lejn dan il-proċess kollu juri kif kien espressjoni ħajja ta' dik li l-Papa Franġisku qiegħed iħeġġeġ il-Knisja għaliha llum: is-sinodalità – komunjoni, parteċipazzjoni u missjoni.

Kien dan li spjega l-Arċisqof Mercieca fl-Ittra Pastorali li ħareġ fl-24 ta' Settembru 2003 fl-okkażjoni tal-approvazzjoni tad-dokumenti tas-Sinodu: "Jien kont preżenti tul il-laqgħat kollha tal-Assemblea u segwejt mill-qrib il-mixja kollha tas-Sinodu. Bqajt impressjonat bil-parteċipazzjoni ta' tant nies, fosthom tant lajċi, f'din il-mixja flimkien. Laqatni s-sens ta' djalogu ta' aħwa, ta' sinċerità, ta' libertà, ta' kritika kostruttiva, ta' mħabba għall-Knisja u ta' attenzjoni għall-ħtiġijiet tal-bniedem u tas-soċjetà tal-lum. Wara li studjajt id-dokumenti, jidhirli li għandi nipproponihom lill-Knisja f'Malta bħala gwida pastorali għas-snin li ġejjin."[20] Iktar tard, jispjega: "Dak li nkiteb hu frott ta' ħafna xogħol u ta' mixja ta' dixxerniment tal-Knisja f'Malta – ħidma li saret

b'dedikazzjoni u b'kompetenza kbira. Id-dokumenti ħerġin mill-qalba tal-Knisja. Issa jsiru strument għat-tiġdid tal-Knisja f'Malta, mappa ta' għajnuna biex nistgħu nimxu flimkien fit-triq tal-Mulej."[21]

## Implimentazzjoni

Proprju dak inhar li ġew ippreżentati lill-Arċisqof id-dokumenti finali tas-Sinodu, fis-7 ta' Ġunju 2003, hu waqqaf il-Kummissjoni għall-Implimentazzjoni tas-Sinodu li ħadet post il-Kummissjoni ta' Koordinament tas-Sinodu.[22] L-iskop kien li din il-Kummissjoni ġdida tgħin biex il-*policies* pastorali tas-Sinodu jkunu jistgħu jitwettqu fil-prattika. Minbarra l-Kummissjoni Ċentrali, twaqqfu wkoll gruppi li jgħinu fit-twettiq tas-Sinodu f'kull parroċċa, kongregazzjoni reliġjuża, għaqda u moviment, skejjel tal-Knisja u fi strutturi oħra.

Fl-Ittra Pastorali tal-approvazzjoni tad-dokumenti tas-Sinodu, l-Arċisqof spjega li dawn kollha kienu għajnuniet, "Imma issa jiddependi minna lkoll – ilkoll irridu nagħtu l-kontribut tagħna. Ejjew naraw x'kontribut nistgħu nagħtu, kull wieħed u waħda minna, qabel ma naħsbu x'jista' jagħmel ħaddieħor għalina. Ejjew inħarsu lejn il-ħidma flimkien bħala prijorità għat-twettiq tas-Sinodu."[23]

## Assemblea Djoċesana u Assemblej parrokkjali

Fil-fatt, apparti diversi miżuri msemmija fid-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan li twettqu tul is-snin ta' wara s-Sinodu, wieħed mill-akbar frott kien l-enfasi fuq is-sinodalità. Kien proprju biex jitkompla l-ispirtu ta' sinodalità li waqt li kienet qed tiltaqa' l-Assemblea tas-Sinodu, kienet introdotta l-esperjenza tal-Assemblea f'kull Parroċċa tal-Arċidjoċesi fis-sena 2000, li f'ħafna parroċċi kompliet issir sena wara sena – dan kien mezz kif in-nies ikomplu jkunu involuti tul is-Sinodu, infurmati b'dak li qed isir, u mħeġġin jipparteċipaw.

Imbagħad, kif spiċċa s-Sinodu Djoċesan, mis-sena ta' wara 2004, bdiet tiltaqa' kull sena l-Assemblea Djoċesana – sessjoni ta' jumejn – u din għadha tiltaqa' regolarment sa żmienna. L-iskop kien proprju biex titkompla l-esperjenza ta' sinodalità – fuq bażi djoċesana u parrokkjali – b'kollegament ukoll bejniethom fejn jidħol l-ippjanar pastorali fl-Arċidjoċesi.

Id-dokument ta' tiġdid ekkleżjali li qed jiggwida l-ħidma pastorali tal-Knisja f'Malta, bl-isem *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed*,[24] huwa sewwasew eżerċizzju ta' tiġdid li jkompli fil-linja tas-Sinodu Djoċesan ta' Malta u b'rabta partikulari mal-viżjoni tal-Papa Franġisku, speċjalment f'*Evangelii Gaudium.*[25]

## Konklużjoni

Kif wieħed jista' jimmaġina, hu b'interess kbir li ninnutaw kif il-metodu sinodali tas-Sinodu Djoċesan, li aħna kellna esperjenza qawwija tiegħu madwar għoxrin sena ilu, qed jiġi issa propost għall-Knisja universali. F'dan aħna rridu nagħtu sehemna bis-sħiħ. Jalla din l-esperjenza tal-Knisja universali tkun ukoll waħda pożittiva ħafna bħalma kienet snin ilu l-esperjenza ta' Sinodu fil-Knisja f'Malta, li għenna napprezzaw u nifhmu b'mod reali u fil-konkret xi tfisser "sinodalità".

## Noti

1. Segreterija Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, *Lejn Knisja Sinodali: Komunjoni, Parteċipazzjoni u Missjoni,* flimkien ma' Vademecum bl-istess titlu, imsejjaħ 'Official Handbook for Listening and Discernment in Local Churches'. Dawn kienu ppubblikati f'Settembru 2021.
2. Hawn ir-referenza hi għal Papa Franġisku, *Diskors għat-Tifkira tal-50 anniversarju mit-Twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet* (17 ta' Ottubru 2015).
3. Segreterija Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, *Lejn Knisja Sinodali: Komunjoni, Parteċipazzjoni u Missjoni,* n. 1.
4. Dan l-istil ta' Sinodu Djoċesan, u l-iżvilupp tiegħu fis-snin ta' wara l-Konċilju Vatikan II, hu spjegat fid-dettall f'Galea Curmi Joseph, *The Diocesan Synod as a Pastoral Event. A Study of the Post-Conciliar Understanding of the Diocesan Synod* (Malta: 2005).
5. Ara Ittra Pastorali fil-Bidu ta' Sinodu Djoċesan – Stedina lill-Poplu ta' Alla f'Malta, fil-ktieb li jinkludi l-interventi kollha tal-Arċisqof tul il-proċess tas-Sinodu: Arċidjoċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Messaġġi tal-Arċisqof* (Malta: 2004), pġ 1-2.
6. *Ibid,* pġ 4.
7. *Ibid.*
8. *Ibid.*

9. *Ibid.*
10. Ara Digriet tat-Twaqqif tal-Kummissjoni Ċentrali tas-Sinodu fil-ktieb li jinkludi t-tagħrif kollu fuq il-proċess tas-Sinodu: Arċidjoċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Tagħrif* (Malta: 2004), pġ 10-11.
11. Dawn kienu spjegati fir-Rapport tal-Konsultazzjoni fl-Ewwel Fażi tas-Sinodu, ippubblikat fid-29 ta' Settembru 2000 – ara Arċidjoċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Tagħrif*, pġ 27.
12. Ara "Stedina Mqassma f'kull dar" f'Arċidjoċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Tagħrif*, pġ 7. L-Arċisqof kien spjega dan ukoll f'messaġġ li ħareġ fl-10 ta' Jannar 2000, u li nqara fil-knejjes kollha tal-Arċidjoċesi s-Sibt filgħaxija 22 u l-Ħadd 23 ta' Jannar 2000.
13. *Ibid,* pġ 26.
14. Ara Papa Franġisku, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Gaudium,* ippubblikata fl-24 ta' Novembru 2013. Is-sezzjoni dwar l-omelija u l-predikazzjoni qiegħda fit-Tielet Kapitlu, bit-titlu "It-Tħabbir tal-Evanġelju", nn. 135-159. Kważi 10% tat-test sħiħ ta' *Evangelii Gaudium* hu fuq l-omelija u l-predikazzjoni.
15. Ara "Messaġġ fil-Pre-Assemblea tas-Sinodu", f'Arċidjoċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Messaġġi tal-Arċisqof,* pg 13-14.
16. "L-Ispirtu ta' Alla jmexxina. Messaġġ fil-ftuħ tal-Assemblea tas-Sinodu Djoċesan", waqt Ċelebrazzjoni Djoċesana fit-2 ta' Ġunju 2001 – ara Arċid-joċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Messaġġi tal-Arċisqof,* pg 16. Il-Papa Franġisku jfisser bl-istess kliem is-Sinodu, proprju fl-inawgurazzjoni tal-proċess sinodali: "Is-Sinodu huwa mument ekkleżjali, u l-protagonista tas-Sinodu huwa l-Ispirtu s-Santu. Jekk ma hemmx l-Ispirtu, mhux sa jkun hemm Sinodu." – ara Diskors tal-Papa fil-bidu tal-mixja sinodali, 9 ta' Ottubru 2021.
17. Għad-dettalji rigward il-kompożizzjoni, wieħed jista' jara d-Direttorju tas-Sinodu Djoċesan, partikolarment nru 4, "Il-kompożizzjoni tal-Assemblea tas-Sinodu", f'Arċidjoċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Tagħrif*, pġ 18-19.
18. Ara Arċidjoċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Tagħrif*, pġ 24-25.

19. Digriet ta' Approvazzjoni tad-Dokumenti tas-Sinodu, f'Arċidjoċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Tagħrif,* pġ 15-16.
20. Ittra Pastorali fl-okkażjoni tal-approvazzjoni tad-Dokumenti tas-Sinodu. It-twettiq tas-Sinodu, f'Arċidjoċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Messaġġi tal-Arċisqof,* pġ 38-39.
21. *Ibid,* pġ 39.
22. Digriet ta' Għeluq is-Sinodu u tat-Twaqqif tal-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu, f'Arċidjoċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Tagħrif,* pġ 14-15.
23. Ittra Pastorali fl-okkażjoni tal-approvazzjoni tad-Dokumenti tas-Sinodu. It-twettiq tas-Sinodu, f'Arċidjoċesi ta' Malta, *L-Esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu – Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida, Messaġġi tal-Arċisqof,* pġ 40.
24. Arċidjoċesi ta' Malta, *Knisja Waħda Vjaġġ Wieħed*. *Proċess ta' tiġdid ekkleżjali* (Malta: 2020). Dan id-dokument kien ippreżentat mill-Arċisqof Charles Scicluna fis-7 ta' Ġunju 2020.
25. Ta' min isemmi l-enfasi ta' *Knisja Waħda Vjaġġ Wieħed* fuq id-dixxerniment ekkleżjali, u fuq erba' aspetti ewlenin li wieħed isib f'*Evangelii Gaudium*: Knisja li tisma', Knisja li tilqa', Knisja li takkumpanja, u Knisja li toħroġ b'missjoni.

# Tifkira tal-50 Anniversarju mit-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet

Papa Franġisku

Waqt li bħalissa għaddejja fl-aqwa tagħha l-Assemblea Ġenerali Ordinarja, it-tifkira tal-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet hi għalina lkoll motiv ta' ferħ, ta' ġieħ u ta' radd il-ħajr lill-Mulej. Mill-Konċilju Vatikan II sa din l-Assemblea, ħassejna b'mod dejjem iżjed intens il-ħtieġa u l-ġmiel li "nimxu flimkien".

F'din l-okkażjoni ta' ferħ nixtieq insellem minn qalbi lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Lorenzo Baldisseri, Segretarju Ġenerali, mas-Sotto-Segretarju l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Fabio Fabene, l-Uffiċċjali, il-Konsulturi u l-Kollaboraturi l-oħra tas-Segreterija Ġenerali tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet, dawk moħbija, li jagħmlu x-xogħol ta' kuljum sa tard fil-għaxija. Flimkien magħhom, insellem u rrodd ħajr tal-preżenza tagħhom lill-Padri Sinodali u l-Parteċipanti l-oħra tal-Assemblea li qed tiltaqa' bħalissa, kif ukoll lil dawk kollha preżenti f'din l-Awla.

F'dan il-mument nixtiequ niftakru wkoll f'dawk li, matul dawn il-ħamsin sena, ħadmu għas-servizz tas-Sinodu, ibda mis-Segretarji Ġenerali wieħed wara l-ieħor: il-Kardinali Władysław Rubin, Jozef Tomko, Jan Pieter Schotte u l-Arċisqof Nikola Eterović. Napprofitta minn din l-okkażjoni biex nesprimi minn qalbi l-gratitudni tiegħi lejn dawk, ħajjin u mejtin, li taw sehemhom b'impenn ġeneruż u kompetenti fl-iżvolġiment tal-ħidma sinodali.

Sa mill-bidu tal-ministeru tiegħi bħala Isqof ta' Ruma ridt nagħti iktar valur lis-Sinodu, li hu wirt mill-aktar prezzjuż tal-aħħar ġemgħa Konċiljari.[1] Għall-Beatu Pawlu VI, is-Sinodu tal-Isqfijiet kellu jipproponi mill-ġdid ix-xbieha tal-Konċilju ekumeniku u jirrifletti l-ispirtu u l-metodu tiegħu.[2] L-istess Papa xtaq li l-organiżmu sinodali "mal-medda taż-żmien jiġi pperfezzjonat iktar".[3] Kliemu tennieh

bħal f'eku, għoxrin sena wara, San Ġwanni Pawlu II, meta afferma li "forsi din l-għodda tista' tittejjeb iktar. Forsi r-responsabbiltà pastorali kolleġġjali tista' tesprimi ruħha fis-Sinodu b'mod iżjed sħiħ".[4] Fl-aħħar nett, fl-2006, Benedittu XVI approva xi tibdil żgħir fl-*Ordo Synodi Episcoporum*, anki fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-*Kodiċi tad-Dritt Kanoniku* u tal-*Kodiċi tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali*, li kienu ġew ippromulgati.[5]

Għandna nibqgħu mexjin f'din it-triq. Id-dinja li fiha qed ngħixu, u li aħna msejħin inħobbu u naqdu anki fil-kontradizzjonijiet tagħha, titlob mill-Knisja li ssaħħaħ is-sinerġiji fl-oqsma kollha tal-missjoni tagħha. Il-mixja tas-*sinodalità* hi sewwa sew il-mixja li Alla jistenna mill-Knisja tat-tielet millennju.

* * *

Dak li l-Mulej jitlob minna, f'ċertu sens, diġà jinsab kollu miġbur fil-kelma "Sinodu". Li nimxu flimkien – Lajċi, Ragħajja, Isqof ta' Ruma – hu kunċett faċli biex nesprimuh bil-kliem, imma mhux daqshekk faċli biex inqegħduh fil-prattika.

Wara li jisħaq li l-Poplu ta' Alla hu magħmul mill-imgħammdin kollha msejħa biex "ikunu tempju spiritwali u saċerdozju qaddis",[6] il-Konċilju Vatikan II jipproklama li "il-ġemgħa tal-fidili li għandhom l-unzjoni minn Alla l-Qaddis (1 Ġw 2:20,27) ma tistax tiżbalja fit-twemmin. Hija turi din in-nota karatteristika permezz tas-sens sopranaturali tal-fidi tal-poplu kollu meta l-fidili kollha 'mill-isqfijiet sa l-anqas fost il-lajċi' jagħtu l-kunsens tagħhom fi ħwejjeġ ta' fidi u ta' morali".[7] Dak il-famuż *"in credendo" infallibbli*.

Fl-Eżortazzjoni appostolika *Evangelii Gaudium* sħaqt li "il-Poplu ta' Alla hu qaddis minħabba f'din id-dilka li tagħmlu infallibbli *'in credendo'*",[8] waqt li żidt ngħid li "kull mgħammed, hi x'inhi l-funzjoni tiegħu fil-Knisja u l-grad ta' tagħlim tal-fidi tiegħu, hu suġġett attiv ta' evanġelizzazzjoni, u ma jkunx f'loku naħsbu fi skema ta' evanġelizzazzjoni mwettqa minn atturi kwalifikati fejn il-bqija tal-poplu tal-fidili jkun biss qed jirċievi l-azzjoni tagħhom".[9] Is-*sensus fidei* iżommna milli b'mod riġidu nifirdu bejn *Ecclesia docens* u *Ecclesia discens*, ladarba anki l-Merħla kapaċi "ixxomm" u tiddixxerni t-toroq ġodda li l-Mulej jiftaħ quddiem il-Knisja.[10]

Kienet din il-konvinzjoni li mexxietni meta wrejt ix-xewqa li l-Poplu ta' Alla jiġi kkonsultat fit-tħejjija għall-appuntament doppju tas-Sinodu fuq il-familja, kif isir u sar is-soltu b'kull *"Lineamenta"*. Ċertament, konsultazzjoni bħal din bl-ebda mod ma tista' tkun biżżejjed biex inħossu s-*sensus fidei*. Imma kif stajna nitkellmu fuq il-familja mingħajr ma nistaqsu lill-familji, nisimgħu x'inhuma l-ferħ u t-tamiet tagħhom, l-uġigħ u t-tbatijiet tagħhom?[11] Fit-tweġibiet għaż-żewġ kwestjonarji mibgħuta lill-Knejjes partikulari, kellna l-possibbiltà li nisimgħu tal-inqas lil xi wħud minnhom dwar il-kwistjonijiet li jmissuhom mill-qrib u li fuqhom għandhom tant x'jgħidu.

Knisja sinodali hi Knisja li tisma', għax taf li s-smigħ "hu iktar milli sempliċi tisma' b'widnejk".[12] Hu smigħ reċiproku fejn kulħadd għandu x'jitgħallem. Poplu fidil, Kulleġġ episkopali, Isqof ta' Ruma: wieħed jisma' lill-ieħor; u kulħadd jisma' lill-Ispirtu s-Santu, l-"Ispirtu tal-verità" (Ġw 14:17), biex jagħraf dak li Hu "jgħid lill-Knejjes" (Apok 2:7).

Is-Sinodu tal-Isqfijiet hu fejn jiltaqgħu l-aspetti kollha ta' dan id-dinamiżmu ta' smigħ fuq kull livell ta' ħajjet il-Knisja. Il-mixja sinodali tibda bis-smigħ tal-Poplu, li "hu wkoll għandu sehem mill-funzjoni profetika ta' Kristu",[13] skont prinċipju għażiż għall-Knisja sa mill-ewwel seklu: *"Quod omnes tangit ab omnibus tractari debet"*. Is-Sinodu jkompli l-mixja tiegħu billi nagħtu widen għal dak li jgħidulna r-Ragħajja. Permezz tal-Padri Sinodali, l-Isqfijiet jaġixxu bħala ħarriesa awtentiċi, interpreti u xhieda tal-fidi tal-Knisja kollha, li għandhom b'attenzjoni jagħrfu jagħżlu ruħhom mill-kurrenti tal-opinjoni pubblika li spiss jinbidlu. Lejlet is-Sinodu tas-sena l-oħra għidt: "Qabel xejn, lill-Ispirtu s-Santu nitolbuh jagħti lill-Padri Sinodali d-don tas-*smigħ*: smigħ ta' Alla, sa ma jaslu biex flimkien miegħU jisimgħu l-karba tal-poplu; smigħ tal-poplu, sa ma jaslu biex jieħdu l-istess nifs tar-rieda li Alla jsejħilna għaliha".[14] Fl-aħħar nett, il-mixja sinodali tilħaq il-qofol tagħha fis-smigħ tal-Isqof ta' Ruma, imsejjaħ jitkellem bħala "Ragħaj u Għalliem tal-Insara kollha":[15] mhux skont il-konvinzjonijiet personali tiegħu, imma bħala l-ogħla xhud tal-*fides totius Ecclesiæ*, "il-garanti tal-ubbidjenza u tat-twaħħid tal-Knisja mar-rieda ta' Alla, mal-Vanġelu ta' Kristu u mat-Tradizzjoni tal-Knisja".[16]

Il-fatt li s-Sinodu jaġixxi dejjem *cum Petro et sub Petro* – jiġifieri mhux biss *cum Petro*, imma wkoll *sub Petro* – mhux limitazzjoni tal-libertà, imma garanzija tal-għaqda. Fil-fatt il-Papa hu, b'rieda tal-Mulej, "il-prinċipju perpetwu u viżibbli tal-unità bejn l-isqfijiet u tal-ġemgħa tal-fidili".[17] Ma' dan jintrabat il-kunċett ta' *"ierarchica communio"*, imħaddem mill-Konċilju Vatikan II: l-Isqfijiet huma magħquda mal-Isqof ta' Ruma mir-rabta tal-komunjoni episkopali (*cum Petro*) u huma fl-istess ħin ġerarkikament sottoposti għalih bħala Kap tal-Kulleġġ (*sub Petro*).[18]

* * *

Is-*sinodalità*, bħala dimensjoni kostituttiva tal-Knisja, toffrilna l-qafas interpretattiv l-iżjed adatt biex nistgħu nifhmu l-istess ministeru ġerarkiku. Jekk nifhmu li, kif jgħid San Ġwann Griżostmu, "Knisja u Sinodu huma sinonimi"[19] – għax il-Knisja mhix ħlief il-Merħla ta' Alla li tul il-mogħdijiet tal-Istorja "timxi flimkien" lejn Kristu l-Mulej – nifhmu wkoll li fi ħdanha ħadd ma jista' jkun "ogħla" minn oħrajn. Għall-kuntrarju, fil-Knisja hu meħtieġ li xi ħadd "jitbaxxa" biex jaqdi lill-aħwa matul il-mixja.

Ġesù waqqaf il-Knisja u qiegħed fil-quċċata tagħha lill-Kulleġġ Appostoliku, fejn l-Appostlu Pietru hu l-"blata" (ara Mt 16:18), dak li għandu "iwettaq" lil ħutu fil-fidi (ara Lq 22:32). Imma f'din il-Knisja, bħal f'piramida rasha 'l isfel, il-quċċata qiegħda 'l isfel mill-qiegħ. Għalhekk dawk li jħaddmu l-awtorità jissejħu "ministri": għax, skont it-tifsira oriġinali tal-kelma, huma l-iżgħar fost kulħadd. Huwa meta jaqdi lill-Poplu ta' Alla li kull Isqof isir, għal dik il-parti tal-Merħla fdata f'idejh, *vicarius Christi*,[20] vigarju ta' dak Ġesù li fl-Aħħar Ċena tbaxxa jaħsel riġlejn l-Appostli (ara Ġw 13:1-15). U, fl-istess xefaq, l-istess Suċċessur ta' Pietru m'hu xejn iżjed minn *servus servorum Dei*.[21]

Ma ninsewh qatt dan! Għad-dixxipli ta' Ġesù, il-bieraħ, il-lum u dejjem, l-unika awtorità hi l-awtorità tal-qadi, l-unika setgħa hi s-setgħa tas-salib, skont kliem l-Imgħallem: "Tafu intom, fost il-pagani l-kapijiet qegħdin biex jikkmandawhom, u l-kbarat biex iħaddmu fuqhom is-setgħa. Fostkom ma għandux ikun hekk; imma min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun

l-ilsir tagħkom" (Mt 20:25-27). *Fostkom ma għandux ikun hekk*: f'din l-espressjoni nilħqu l-qalba nfisha tal-misteru tal-Knisja – "fostkom ma għandux ikun hekk" – u nirċievu d-dawl meħtieġ biex nifhmu x'inhu s-servizz ġerarkiku.

* * *

Fi Knisja sinodali, is-Sinodu tal-Isqfijiet hu biss l-iktar wirja ċara ta' dinamiżmu ta' komunjoni li jnebbaħ id-deċiżjonijiet ekkleżjali kollha.

L-ewwel livell ta' tħaddim tas-*sinodalità* jitwettaq fil-Knejjes partikulari. Wara li jfakkar fl-istituzzjoni nobbli tas-Sinodu djoċesan, fejn Presbiteri u Lajċi huma msejħa jikkollaboraw mal-Isqof għall-ġid tal-komunità ekkleżjali kollha,[22] il-*Kodiċi tad-Dritt Kanoniku* jiddedika spazju wiesa' għal dawk li s-soltu nsejħulhom "organiżmi ta' komunjoni" tal-Knisja partikulari: il-Kunsill presbiterali, il-Kulleġġ tal-Konsulturi, il-Kapitlu tal-Kanonċi u l-Kunsill pastorali.[23] Skont kemm dawn l-organiżmi jibqgħu jmissu mal-"baxx" u jitilqu minn dak li jħossu n-nies, mill-problemi ta' kuljum, tista' tibda tissawwar Knisja sinodali: dawn l-għodod, li xi drabi jidhru għajjenin, għandhom jiġu vvalorizzati bħala okkażjonijiet ta' smigħ u ta' qsim bejnietna.

It-tieni livell hu dak tal-Provinċji u tar-Reġjuni Ekkleżjastiċi, tal-Konċilji Partikulari u b'mod speċjali tal-Konferenzi Episkopali. [24] Jeħtieġ nirriflettu biex, permezz ta' dawn l-organiżmi, inwettqu dejjem iżjed l-okkażjonijiet intermedji tal-*kolleġġjalità*, forsi wkoll billi nintegraw u naġġornaw xi aspetti tal-ordinament ekkleżjastiku l-antik. Ix-xewqa tal-Konċilju li dawn l-organiżmi jistgħu jikkontribwixxu biex jikber l-ispirtu tal-*kolleġġjalità* episkopali għadha ma twettqitx mija fil-mija. Qegħdin nofs triq, parti mill-mixja. Fi Knisja sinodali, kif diġà affermajt, "m'hux f'loku li l-Papa jieħu post l-Isqfijiet lokali fid-dixxerniment tal-problematiċi kollha li jinqalgħu fit-territorji tagħhom. F'dan is-sens, inħoss il-bżonn li nimxu lejn 'deċentralizzazzjoni' sana". [25]

L-aħħar livell hu dak tal-Knisja universali. Hawn is-Sinodu tal-Isqfijiet, li jirrappreżenta l-episkopat Kattoliku, isir espressjoni tal-*kolleġġjalità episkopali* fi ħdan Knisja kollha kemm hi sinodali.[26] Żewġ kelmiet differenti: "kolleġġjalità episkopali" u "Knisja kollha

kemm hi sinodali". Dan juri l-*collegialitas affectiva*, li f'xi ċirkustanzi tista' ssir ukoll "effettiva", li xxierek lill-Isqfijiet bejniethom u mal-Papa fl-attenzjoni għall-Poplu ta' Alla.[27]

* * *

L-impenn biex nibnu Knisja sinodali – missjoni li għaliha aħna lkoll imsejħa, kull wieħed u waħda fir-rwol li l-Mulej jafdalu – hu mimli b'implikazzjonijiet ekumeniċi. Għal din ir-raġuni, meta kellimt lil delegazzjoni tal-Patrijarkat ta' Kostantinopli, m'ilux wisq tennejt il-konvinzjoni li "l-eżami attent ta' kif jiġu artikulati fil-ħajja tal-Knisja l-prinċipju tas-*sinodalità* u s-servizz ta' dak li jmexxi, jista' joffri kontribut sinifikattiv b'riżq il-progress fir-relazzjonijiet bejn il-Knejjes tagħna".[28]

Jien persważ li, fi Knisja sinodali, anki t-tħaddim tal-primat Petrin jista' jiddawwal iktar. Il-Papa m'hux qiegħed, waħdu, 'il fuq mill-Knisja; imma fiha bħala Mgħammed fost l-Imgħammdin u fil-Kulleġġ episkopali bħala Isqof fost l-Isqfijiet, imsejjaħ fl-istess waqt – bħala Suċċessur tal-Appostlu Pietru – biex imexxi lill-Knisja ta' Ruma li tmexxi fl-imħabba lill-Knejjes kollha.[29]

Waqt li nisħaq fuq il-ħtieġa u l-urġenza li naħsbu f'"konverżjoni tal-papat",[30] intenni mill-qalb kliem il-predeċessur tiegħi l-Papa Ġwanni Pawlu II: "Bħala Isqof ta' Ruma naf tajjeb… li l-komunjoni sħiħa u viżibbli tal-komunitajiet kollha, li fihom bil-fedeltà ta' Alla jgħammar l-Ispirtu tiegħu, hi x-xewqa mħeġġa ta' Kristu. Jien konvint li f'dan ir-rigward għandi responsabbiltà partikulari xi nġorr, fuq kollox f'li niżgura x-xewqa ekumenika tal-parti l-kbira tal-Komunitajiet Insara u nagħti widen għat-talba li qed issirli biex insib forma ta' tħaddim tal-primat li, bla ma tiċħad bl-ebda mod l-essenzjal tal-missjoni tiegħu, tinfetaħ għal sitwazzjoni ġdida".[31]

Ħarsitna titwessa' anki fuq il-bnedmin. Knisja sinodali hi bħal sinjal għoli fost il-ġnus (ara Is 11:12) f'dinja li – anki jekk trid il-parteċipazzjoni, is-solidarjetà u t-trasparenza fl-amministrazzjoni tal-ħwejjeġ pubbliċi – spiss titlaq id-destin ta' ġnus sħaħ fl-idejn magħluqa ta' gruppi ristretti ta' poter. Bħala Knisja li "timxi flimkien" mal-bnedmin, li għandha sehem mit-taħbit tal-Istorja, ejjew ngħożżu l-ħolma li l-għarfien mill-ġdid tad-

dinjità invjolabbli tal-popli u tal-funzjoni tal-qadi tal-awtorità jistgħu jgħinu wkoll lis-soċjetà ċivili biex tinbena fil-ġustizzja u fil-fraternità, u tnissel dinja isbaħ u iżjed denja tal-bniedem għall-ġenerazzjonijiet li għad jiġu warajna.[32] Grazzi.

*Awla Pawlu VI*
*Is-Sibt 17 ta' Ottubru 2015*

*Miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

## Noti

1. Ara Franġisku, *Ittra lis-Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, l-Em.T. il-Kard. Lorenzo Baldisseri, fl-okkażjoni tal-elevazzjoni għad-dinjità episkopali tas-Sotto-Segretarju, ir-Rev.mu Mons. Fabio Fabene*, 1 ta' April 2014.
2. Ara Beatu Pawlu VI, *Diskors għall-bidu tal-ħidma tal-I Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet*, 30 ta' Settembru 1967.
2. Beatu Pawlu VI, Motu propju *Apostolica sollicitudo*, 15 ta' Settembru 1965, Proemio.
4. San Ġwanni Pawlu II, *Omelija fl-Għeluq tas-VI Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet*, 29 ta' Ottubru 1983.
5. Ara AAS 98 (2006), 755-779.
6. Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium* (21 ta' Novembru 1964), 10.
7. Ibid., 12.
8. Franġisku, Eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium*, 24 ta' Novembru 2013, 119.
9. Ibid., 120.
10. Ara Franġisku, *Diskors fl-okkażjoni tal-Laqgħa mal-Isqfijiet responsabbli mill-Kunsill Episkopali tal-Amerika Latina (CELAM) fl-okkażjoni tal-Laqgħa ġenerali ta' Kordinament*, Rio de Janeiro, 28 ta' Lulju 2013; Id., *Diskors fl-okkażjoni tal-Laqgħa mal-Kleru, persuni ta' ħajja kkonsagrata, u membri ta' kunsilli pastorali, Assisi*, 4 ta' Ottubru 2013.
11. Ara Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Kostituzzjoni pastorali *Gaudium et spes*, 7 ta' Diċembru 1965, 1.
12. Franġisku, Eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium*, 171.

13. Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium*, 12.
14. Franġisku, *Diskors fl-okkażjoni tal-Velja ta' talb bi tħejjija għas-Sinodu fuq il-familja*, 4 ta' Ottubru 2014.
15. Konċilju Ekumeniku Vatikan I, Kostituzzjoni dommatika *Pastor Æternus*, 18 ta' Lulju 1870, kap. IV: Denz. 3074. Ara wkoll Codex Iuris Canonici, kan. 749, § 1.
16. Franġisku, *Diskors għall-Għeluq tat-III Assemblea Ġenerali Straordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet*, 18 ta' Ottubru 2014.
17. Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium*, 23. Ara wkoll Konċilju Ekumeniku Vatikan I, Kostituzzjoni dommatika *Pastor Æternus*, Prologu: Denz. 3051.
18. Ara Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium*, 22; Digriet *Christus Dominus*, 28 ta' Ottubru 1965, 4.
19. San Ġwann Griżostmu, *Explicatio in Ps. 149*: PG 55, 493.
20. Ara Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium*, 27.
21. Ara Franġisku, *Diskors għall-Għeluq tat-III Assemblea Ġenerali Straordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet*, 18 ta' Ottubru 2014.
22. Ara Codex Iuris Canonici, kan. 460-468.
23. Ara ibid., kan. 495-514.
24. Ara ibid., kan. 431-459.
25. Franġisku, Eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium*, 16. Ara ibid, 32.
26. Ara Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Digriet *Christus Dominus*, 5; Codex Iuris Canonici, kan. 342-348.
27. Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni appostolika postsinodali *Pastores gregis*, 16 ta' Ottubru 2003, 8.
28. Franġisku, *Diskors lid-Delegazzjoni Ekumenika tal-Patrijarkat ta' Kostantinopli*, 27 ta' Ġunju 2015.
29. Ara Sant'Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Romanos*, Proemio: PG 5, 686.
30. Franġisku, Eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium*, 32.
31. San Ġwanni Pawlu II, Ittra enċiklika *Ut unum sint*, 25 ta' Mejju 1995, 95.
32. Ara Franġisku, Eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium*, 186-192; Ittra enċiklika *Laudato si'*, 24 ta' Mejju 2015, 156-162.

# KONTRIBUTURI KNISJA 2000

## *Ħarġa Numru 141*

***Fr Joseph Agius OP*** twieled ir-Rabat fit-2 ta' Ġunju tal-1943. Daħal mal-Patrijiet Dumnikani fl-1960 u għamel l-istudju fil-*Pontificia Università San Tommaso* (Angelicum) f'Ruma fejn ordna saċerdot fl-1968. Fl-1969 huwa ntbagħat jistudja fl-*Ecole Biblique* ta' Ġerusalemm fejn kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija. Fl-1972 huwa kiseb il-Liċenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa mill-Kummissjoni Pontifiċja Biblika. Huwa għallem għal ħafna snin l-Iskrittura Mqaddsa fil-*Pontificia Università San Tommaso* (1974-2015) u f'istituzzjonijiet ekkleżjastiċi oħra kemm f'Malta u anki barra. Kien darbtejn Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija tal-Angelicum u Rettur tal-istess Università bejn is-snin 2005-09. Huwa ttraduċa l-kotba ta' Esdra, Neħemija u Bin Sirak għall-Bibbja bil-Malti ppubblikata mill-Għaqda Biblika Maltija. Kiteb diversi artikli fuq temi bibliċi f'rivisti Maltin u Internazzjonali. Bħala rikonoxximent tal-ħidma akkademika tiegħu, l-Ordni Dumnikan tah it-titlu ta' *Magister in Sacra Theologia* fl-2019.

***Dr Dorianne Buttigieg*** hija miżżewġa u omm ta' żewġt itfal. Kienet tgħallem l-Ingliż is-Seminarju Minuri. Hija studjat it-Teoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta fejn ġabet id-Dottorat fl-Ekumeniżmu speċifikament fuq id-Djalogu bejn il-Knisja Kattolika u l-Knejjes Ortodossi tal-Lvant. Hija lettur fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, tikkordina l-kors tat-Teoloġija fi ħdan l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, hija s-segretarja tas-Soċjetà Patristika Maltija u membru tal-Kummissjoni Ekumenika fid-Djoċesi ta' Malta. Temi ta' interess għaliha jinkludu l-Ispiritwalità u l-Mistiċiżmu, l-Ekumeniżmu u t-Teoloġija Ortodossa.

***Rev. Dr Jonathan Farrugia*** huwa gradwat fit-Taljan u fit-Teoloġija mill-Università ta' Malta u wara speċjalizza fil-Patristika fl-Istitut Agostinjan f'Ruma. Huwa ddefenda t-teżi tad-Dottorat fi Frar 2016 bit-titlu kien *'hamartia' (sin) in the homilies of Gregory of Nyssa*. Preżentement jgħallem il-Patroloġija fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta. Ittraduċa għall-Ingliż żewġ Omeliji ta' San Girgor ta' Nissa, kif ukoll għall-Malti diversi Atti tal-Martirji tal-Appostli u diversi siltiet minn Omeliji tal-Missirijiet il-Knisja. Bħala passatempi jdoqq il-klarinett u jagħmel riċerka storika marbuta ma' proġetti li saru fil-knejjes Maltin fl-imgħoddi li dwarhom ippubblika ħafna artikli u anki ħareġ informazzjoni esklussiva.

***E.T. Mons Joseph Galea Curmi*** twieled fl-1 ta' Jannar tal-1964 u ġie ordnat saċerdot fil-5 ta' Lulju tal-1991. Huwa studja fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta u fl-Università Pontifiċja tal-Lateran f'Ruma fejn kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija Pastorali bit-teżi tkun *'The Diocesan Synod as a Pastoral Event – a study of the Post-Conciliar understanding of the Diocesan Synod'* (2005). Fit-23 ta' Marzu tal-2015 ġie maħtur bħala Vigarju Ġenerali u fl-4 ta' Awwissu tal-2018 ġie konsagrat Isqof Awżiljarju ta' Malta. Huwa jaqdi l-ministeru pastorali fil-Parroċċa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Balzan u huwa lettur fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta.

***Fr Raymond Gatt OP*** twieled il-Belt Valletta fit-13 ta' Diċembru tal-1966. Huwa ssieħeb mal-Patrijiet Dumnikani fl-1983 u ġie ordnat presbiteru fl-1993. Huwa studja l-Filosofija, is-Soċjoloġija u l-Psikoloġija (1986-89) u t-Teoloġija (1989-92) fl-Università ta' Malta u wara kompla l-istudju fit-Teoloġija fl-*Institut Catholique de Toulouse* fi Franza fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija fl-1994. Huwa serva f'diversi uffiċċji fl-Ordni Dumnikan kemm f'Malta u anki għal xi żmien fl-Albanija. Huwa ilu editur tar-rivista Dumnikana *Knisja 2000* mill-1994. Bħalissa huwa qiegħed iwettaq il-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Porto Salvo fil-Belt Valletta u huwa membru tal-Kunsill Presbiterali tad-Djoċesi ta' Malta.

***Em. Kardinal Mario Grech*** twieled il-Qala Għawdex fl-20 ta' Frar tal-1957. Fl-1977 beda l-kors tal-Filosofija u iktar tard dak tat-Teoloġija fis-Seminarju ta' Għawdex. Wara li ġie ordnat saċerdot fl-1984 huwa ntbagħat Ruma fejn kiseb il-Liċenzjat fil-Liġi Kanonika u Ċivili fl-Università Pontifiċja tal-Lateran u wara d-Dottorat fl-istess xjenza mill-Università Pontifiċja ta' San Tumas t'Akwinu f'Ruma. Huwa ħadem fis-*Sacra Romana Rota* f'Ruma u meta rritorna f'pajjiżu ħadem kemm fit-Tribunal ta' Għawdex u ta' Malta. Fl-2004 sar kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor f'Kerċem. Huwa ġie ordnat Isqof t'Għawdex fl-2006 u mexxa d-djoċesi għal erbatax-il sena. Fl-2019 ġie maħtur mill-Papa Franġisku bħala Pro-Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet u membru tal-Kunsill Pontifiċju tal-Għaqda fost l-Insara. Fit-28 ta' Novembru 2020 ġie maħtur kardinal mill-Papa Franġisku.

***Rev. Dr Martin Micallef OFM Cap*** huwa saċerdot Kapuċċin u għalliem tal-Iskrittura Mqaddsa fl-Università ta' Malta. Huwa studja t-Teoloġija fl-Università ta' Malta u wara kompla jispeċjalizza fl-Istudji Bibliċi fl-Università ta' Oxford. Imbagħad kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija mill-Università ta' Malta.

Bejn l-2009 u l-2013 kien kap tad-Dipartiment tal-Iskrittura u l-Lingwi Bibliċi fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta. Huwa membru tar-reviżjoni tat-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti fl-Għaqda Biblika Maltija. Awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet, editur tar-rivisti *Kliem il-Ħajja* u tal-*Melita Theologica* u mistieden regolari fuq il-mezzi tax-xandir. Huwa kien Ministru Provinċjal tal-Patrijiet Kapuċċini bejn l-2014 u l-2017.

***Papa Franġisku*** kien elett Papa fil-11 ta' Marzu tal-2013. Huwa twieled f'Buenos Aires l-Arġentina fis-17 ta' Diċembru tal-1936 u kien ordnat saċerdot Ġiżwita fit-13 ta' Diċembru tal-1969. Wara li sar saċerdot huwa beda jgħallem it-Teoloġija u fl-1973 ġie magħżul bħala Provinċjal tal-Ġiżwiti fl-Arġentina. Fl-1998 laħaq Arċisqof ta' Buenos Aires u fil-21 ta' Frar 2001 ġie maħtur Kardinal minn Ġwanni Pawlu II. Il-Papa Franġisku huwa l-ewwel Papa Ġiżwita mill-Amerika Latina fl-Istorja tal-Knisja Kattolika. Il-pubblikazzjonijiet ewlenin tiegħu bħala Papa huma: *Lumen Fidei* (2013), *Evangelii Gaudium* (2013), *Laudato Si'* (2015), *Amoris Laetitia* (2016), *Gaudete et Exultate* (2018), *Fratelli Tutti* (2020) u *Let us dream – the Path to a better Future* (2020).

***Mons. Prof. Hector Scerri*** kien ordnat saċerdot fl-1993. Kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija mill-*Pontificia Università Gregoriana* fl-1998. Hu jgħallem it-Teoloġija Dommatika fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta sa mill-1998 fejn kien Kap tad-Dipartiment mill-2001 sal-2016. Huwa viċi-Dekan tal-Fakultà mill-2015. Huwa President tal-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana u President tal-Kummissjoni Dottrinali tal-Konferenza Episkopali Maltija. Kien maħtur mill-Papa Franġisku Konsultur tal-Kunsill Pontifiċju għall-Għaqda fost l-Insara fl-2014. Huwa l-President-Fundatur tas-Soċjetà Patristika Maltija mill-2015.

***Rev. Dr Kevin Schembri*** hu lettur fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, u *visiting lecturer* fl-*Istitut Pontifiċju Orjentali* f'Ruma. Studja l-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università ta' Malta u kiseb il-Liċenzjat u d-Dottorat fid-Dritt Kanoniku mill-Università Pontifiċja Gregorjana ta' Ruma. Huwa l-Assistent Ekkleżjastiku għas-Soċjetà tal-MUSEUM u jagħti servizz fit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Bħala membru tal-Moviment *Corpus Christi*, Assoċjazzjoni Internazzjonali mwaqqfa minn Madre Tereża ta' Kalkutta għas-saċerdoti, jagħti seminars u rtiri lill-Missjunarji tal-Karità f'pajjiżi differenti.

***Rev. Dr Carl-Mario Sultana*** studja fl-Università ta' Malta u fl-Università Pontifiċja Sależjana f'Ruma fejn speċjalizza fil-Pastorali taż-Żgħażagħ u l-Kateketika. Huwa *senior lecturer* fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta u ilu jgħallem sa mill-2007 fl-Edukazzjoni Reliġjuża u l-Kateketika. Fl-2017 hu nħatar Kap tad-Dipartiment tat-Teoloġija Pastorali, Liturġija u Liġi Kanonika. Fil-passat kien id-Delegat tal-Arċisqof għall-Katekeżi għall-Arċidjoċesi ta' Malta u llum huwa d-Delegat tal-Konferenza Episkopali Maltija għall-Edukazzjoni Reliġjuża fl-iskejjel.

# Il-Volumi ppubblikati s'issa

1 L-Evanġelizzazzjoni (eżawrit)
2 Marija
3 Iż-Żwieġ u l-Familja (eżawrit)
4 Bioġenetika
5 L-Ewkaristija (eżawrit)
6 Iż-Żgħażagħ
7 It-Teoloġija tal-Liberazzjoni
8 Il-Lajċi
9 Reliġjon u Kultura
10 Ir-Reliġjużi
11 Is-Setet
12 Il-Papa jkellem lil Malta (eżawrit)
13 Il-Magħmudija
14 Il-Paċi
15 Il-Konfirmazzjoni
16 L-Adozzjoni
17 Il-Liturġija
18 Lejn Soċjetà Umana
19 Lejn Soċjetà Mġedda
20 Is-Sens Reliġjuż
21 Valuri Umani
22 Spiritwalità Nisranija
23 Soċjetà u Kristjaneżmu
24 L-Ordni Sagri
25 Iż-Żwieġ
26 Il-Qrar
27 Twemmin – Xandir – Xhieda
28 Fidi u Politika
29 Il-Familja
30 Knisja u Kultura
31 Id-Dilka tal-Morda
32 Is-Sesswalità Umana
33 Is-Sataniżmu (eżawrit)
34 Il-Bibbja
35 Il-Mewt
36 Il-Mara
37 Il-Festi
38 It-Tfulija
39 Il-Movimenti Ġodda fil-Knisja
40 Min hu Ġesù Kristu?
41 Il-Valur tax-Xogħol
42 Iż-Żgħożija
43 Ir-Reliġjonijiet
44 L-Ispirtu s-Santu fil-Ħajja tan-Nisrani
45 It-Talb: Ilbieraħ u Llum
46 Il-Missjoni Dumnikana fl-Albanija
47 L-Anzjani fis-Soċjetà
48 Min hu Alla l-Missier?
49 L-Ispiritwalità Dumnikana
50 Kelmet Alla f'Ħajjet il-Bniedem
51 Il-Ħarsien tal-Ambjent
52 Il-Knisja: Oriġini u Żvilupp
53 Il-Bniedem u l-Isport
54 L-Eskatoloġija: Il-Ħajja Futura
55 L-Anġli: Simboli jew Realtà
56 L-Abort: il-Qtil tal-Innoċenti
57 It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja
58 L-Ekumeniżmu
59 L-Ewtanasja
60 Il-Parroċċa: Il-Komunità li Temmen
61 San Tumas ta' Akwinu: Ilbieraħ u Llum
62 Il-Globalizzazzjoni: Vantaġġi u Żvantaġġi
63 Sejħa – Dixxerniment – Missjoni
64 New Age u Movimenti oħra
65 Il-Konċilju Vat. II: Fejn Wasalna?
66 Il-Kloning: il-Qerda tal-Bniedem
67 L-Annimali fuq l-Aġenda Nisranija
68 Saħħa – Mard – Fejqan
69 Id-Droga: il-Pjaga ta' Żmienna
70 L-Islam: Fidi u Għajxien

71 L-Omosesswalità mil-Lenti Kristjana
72 Santu Wistin: Ħajtu u Ħidmietu
73 Alkoħoliżmu u Logħob tal-Azzard
74 Knisja u Edukazzjoni
75 It-Tifsira taż-Żmien
76 San Pawl: l-Appostlu tal-Ġnus
77 Dnubiet Soċjali
78 Il-Prietka tal-Muntanja (Mt 5-7)
79 L-Istudju tat-Teoloġija
80 Il-Kruha tar-Razziżmu
81 Nistaqsi, Nemmen, Ngħix
82 Ġwanni Pawlu II, il-Kbir
83 It-Teżor tal-Ħbiberija
84 Reliġjon u Letteratura
85 Is-Sagramenti f'Ħajjitna
86 Theddid u Sfidi Dinjija
87 "Hu… li Ħalaq is-Sema u l-Art"
88 Insaħħu l-Familji Tagħna
89 Bioetika: l-Aħħar Żviluppi
90 Ir-Relazzjoni Fidi u Raġuni
91 Is-Saċerdozju Taħt il-Lenti
92 It-Tmexxija Demokratika Llum
93 Okkult u Sataniżmu: Fejn jiltaqgħu?
94 Marija ta' Nazaret: Ikona għal Ħajjitna
95 L-Ordni Dumnikan: Ilbieraħ u Llum
96 Il-Fenomenu tal-Migrazzjoni
97 San Ġorġ Preca: l-Ewwel Qaddis Malti
98 Il-Feminiżmu u l-Mara fis-Soċjetà
99 Il-Mużika Sagra fil-Mixja Nisranija
100 Lejn Evanġelizzazzjoni Ġdida
101 Il-Memorja tal-Olokawst (1939-45)
102 Ġurnaliżmu: Verità tal-Aħbar?
103 Id-Don u l-Pedagoġija tal-Fidi
104 Post il-Persuni b'Diżabilità fis-Soċjetà
105 Il-bżonn tal-mistrieħ u l-ħin liberu
106 Il-Quddiesa: storja, tifsira, għajxien
107 L-Evanġelju ta' Papa Franġisku
108 Noti fuq il-Poeżija Reliġjuża Maltija
109 Nemmen fil-Ħajja Eterna
110 Indiċi (Mejju 1988 – Diċ. 2014)
111 L-Isqof: Sejħa u Missjoni
112 Oscar Romero
113 Bibbja u Ċinema
114 Il-Ħidma tal-Iskular Bibliku fil-Knisja
115 Il-Ħniena t'Alla fil-Ħajja Nisranija
116 Id-Dumnikani: għas-servizz tal-bniedem
117 Vjolenza u Terroriżmu: Fejn sejrin?
118 L-Għerf tal-Papiet fl-Enċikliki
119 Madre Tereża
120 Il-Kultura Neo-Liberali
121 Il-Parabboli: Mir-Rakkont għall-Azzjoni
122 Il-Problema tal-Faqar
123 Luteru u r-Riforma
124 L-Isfida tal-Multikulturaliżmu
125 Ħarsa lejn Missirijiet il-Knisja
126 L-Etika fil-Politika
127 Wirt Pawlu VI
128 Ħsibijiet fuq id-*Divina Commedia*
129 Ħarsa lejn id-Dutturi tal-Knisja
130 Fuq l-Era Diġitali
131 L-Għajta ta' Ommna l-Art
132 Il-Knisja u s-Sette Giugno
133 Mistiċi Nisa
134 John Henry Newman
135 Favur il-Ħajja fil-Ġuf
136 Is-Sena Liturġika tal-Knisja
137 Nipproteġu lit-tfal tagħna
138 Perspettivi fuq Mosè
139 Ġustizzja – Impenn – Solidarjetà
140 Dun Karm: Għadu Rilevanti?

# Inkomplu nibnu Knisja elfejn

Il-Provinċja Dumnikana Maltija fl-1988 bdiet inizjattiva ta' tagħlim nisrani għas-soċjetà Maltija permezz tal-volumi **Knisja 2000**. Il-Provinċja ta' dak iż-żmien, taħt it-tmexxija ta' Patri Pawl Cremona OP, illum Arċisqof Emeritu, kienet tenniet li dan għandu jkun strument biex jgħin fil-formazzjoni prattika u attwali tal-persuni kollha bil-għatx li jiskopru aktar kif jistgħu jgħixu l-kelma ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum quddiem sfidi li jitfaċċaw.

**Knisja 2000** żammet dan l-appuntament u llum qed nipproponu lilek biex inti tabbona f'din l-enċiklopedija ta' tagħlim nisrani magħmula minn volumi li kull darba jittrattaw suġġett ta' morali, teoloġija, fidi u issues soċjali li jfeġġu fis-soċjetà Maltija.

aqta' hawn ✂

## Applikazzjoni Abbonamenti

KOMUNIKAZZJONI DUMNIKANA

- [ ] Nixtieq nabbona fi Knisja 2000 **għal sena** bil-prezz ta' €21
- [ ] Nixtieq nabbona **għal tliet snin** bil-prezz ta' €40
- [ ] Nixtieq li tibgħatli dawn il-**back numbers** bil-prezz ta' €5 għal kull volum

**Isem**

**Indirizz**

**Kodiċi Postali**

**Telefon** **E-mail**

**Back numbers li tixtieq:**

**Ibgħat ċekk lil: FR RAYMOND GATT OP**
**Kunvent Patrijiet Dumnikani, Triq San Duminku, Valletta VLT 1603**